– wara li kkunsidra l-Artikolu 44 tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2018/1877 tas-26 ta' Novembru 2018 dwar ir-regolament finanzjarju applikabbli għall-11-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp, u li jħassar ir-Regolament (UE) 2015/323[13],

– wara li kkunsidra l-Artikolu 101, l-Artikolu 102, it-tielet inċiż, u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Iżvilupp,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A10-0074/2025),

1. Jagħti l-kwittanza lill-Kummissjoni għall-implimentazzjoni tal-baġit tad-disa', tal-għaxar u tal-ħdax-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp għas-sena finanzjarja 2023;

2. Jippreżenta l-kummenti tiegħu fir-riżoluzzjoni t'hawn taħt;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din id-deċiżjoni, kif ukoll ir-riżoluzzjoni li hija parti integrali minnha, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Qorti tal-Awdituri u lill-Bank Ewropew tal-Investiment, u biex tiżgura li jiġu ppubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* (serje L).

---

10 ĠU L 191, 7.7.1998, p. 53, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_financ/1998/430/oj.

11 ĠU L 83, 1.4.2003, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_financ/2003/401/oj.

12 ĠU L 78, 19.3.2008, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2008/215/oj.

13 ĠU L 307, 3.12.2018, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2018/1877/oj.

9. Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tas-7 ta' Mejju 2025 dwar l-għeluq tal-kontijiet għall-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2023, Taqsima III – Il-Kummissjoni (2024/2019(DEC))

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2023[1],

– wara li kkunsidra l-kontijiet annwali konsolidati tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2023 (COM(2024)0272 – C10-0067/2024)[2],

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummissjoni dwar is-segwitu għall-kwittanza għas-sena finanzjarja 2022 (COM(2024)0267), u r-risposti dettaljati għat-talbiet speċifiċi magħmula mill-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra r-Rapport Annwali tal-2023 tal-Kummissjoni dwar il-Ġestjoni u l-Prestazzjoni għall-Baġit tal-UE (COM(2024)401),

– wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Kummissjoni lill-awtorità ta' kwittanza dwar l-awditi interni mwettqa fl-2023 (COM(2024)0249) u d-dokument ta' ħidma tas-servizzi tal-Kummissjoni li jakkumpanjah (SWD(2024)0145),

– wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2023, flimkien mar-risposti tal-istituzzjonijiet[3], u r-rapporti speċjali tal-Qorti tal-Awdituri,

– wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni[4] dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet u l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi, ipprovduta mill-Qorti tal-Awdituri għas-sena finanzjarja 2023 skont l-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-17 ta' Frar 2025 dwar il-kwittanza li għandha tingħata lill-Kummissjoni għall-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2023 (05754/2025 – C10-0013/2025),

---

1 ĠU L 58, 23.2.2023, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/budget/2023/1/oj.
2 ĠU C, C/2024/5462, 10.10.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2024/5462/oj.
3 ĠU C, C/2024/5882, 9.10.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2024/5882/oj.
4 ĠU C, C/2024/6041, 10.10.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2024/6041/oj.

– wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-17 ta’ Frar 2025 dwar il-kwittanza li għandha tingħata lill-aġenziji eżekuttivi għall-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2023 (05756/2025 – C10-0026/2025),

– wara li kkunsidra l-Artikoli 317, 318 u 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 106a tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika,

– wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta’ Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012[5], u b’mod partikolari l-Artikoli 69, 260, 261 u 262 tiegħu,

– wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta’ Settembru 2024 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni[6], u b’mod partikolari l-Artikoli 69, 266, 267 u 268 tiegħu,

– wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 58/2003 tad-19 ta’ Diċembru 2002 li jfassal l-istatut għall-aġenziji eżekuttivi li jridu jiġu fdati b’ċerti kompiti fit-tmexxija tal-programmi tal-Komunità[7], u b’mod partikolari l-Artikolu 14(2) u (3) tiegħu,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 101 u l-Anness V tar-Regoli ta’ Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin, tal-Kumitat għall-Iżvilupp, tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali, tal-Kumitat għall-Ambjent, tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu, tal-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali, tal-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni, tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern u tal-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi,

– wara li kkunsidra l-ittra tal-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali,

---

5 ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2018/1046/oj.

6 ĠU L, 2024/2509, 26.9.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2509/oj.

7 ĠU L 11, 16.1.2003, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2003/58/oj.

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A10-0074/2025),

1. Japprova l-għeluq tal-kontijiet tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2023;

2. Jippreżenta l-kummenti tiegħu fir-riżoluzzjoni li hija parti integrali mid-deċiżjonijiet dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2023, Taqsima III – Il-Kummissjoni u l-aġenziji eżekuttivi u d-disa', l-għaxar u l-ħdax-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din id-deċiżjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, lill-Qorti tal-Awdituri u lill-Bank Ewropew tal-Investiment, kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali u lill-istituzzjonijiet tal-awditjar nazzjonali u reġjonali tal-Istati Membri, u biex tiżgura li tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* (serje L).

10. Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tas-7 ta’ Mejju 2025 dwar l-għeluq tal-kontijiet tad-disa’, tal-għaxar u tal-ħdax-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp għas-sena finanzjarja 2023 (2024/2019(DEC))

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra r-rapporti finanzjarji u l-kontijiet tad-dħul u l-infiq tad-disa’, tal-għaxar u tal-ħdax-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp għas-sena finanzjarja 2023 (COM(2024)0273 – C10-0081/2024)[1],

– wara li kkunsidra l-informazzjoni finanzjarja dwar il-Fondi Ewropej għall-Iżvilupp (COM(2024)0273),

– wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-attivitajiet li jaqgħu taħt id-disa’, l-għaxar u l-ħdax-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp għas-sena finanzjarja 2023, flimkien mar-risposti tal-Kummissjoni[2],

– wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta’ assigurazzjoni[3] dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet u l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta’ bażi, ippruvduta mill-Qorti tal-Awdituri għas-sena finanzjarja 2023 skont l-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra r-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill tas-17 ta’ Frar 2025 dwar il-kwittanza li għandha tingħata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-operazzjonijiet tal-Fondi Ewropej għall-Iżvilupp għas-sena finanzjarja 2023 (05489/2025 – C10-0027/2025, 05490/2025 – C10-0028/2025, 05491/2025 – C10-0029/2025),

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummissjoni dwar is-segwitu għall-kwittanza għas-sena finanzjarja 2022 (COM(2024)0267),

– wara li kkunsidra l-Ftehim ta’ Sħubija bejn il-membri tal-Grupp ta’ Stati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku, minn naħa waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, iffirmat f’Cotonou (il-Benin) fit-23 ta’ Ġunju 2000[4] u emendat

---

1 ĠU C, C/2024/5462, 10.10.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2024/5462/oj.
2 ĠU C, C/2024/5882, 9.10.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2024/5882/oj.
3 ĠU C, C/2024/6041, 10.10.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2024/6041/oj.
4 ĠU L 317, 15.12.2000, p. 3, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_internation/2003/159/oj.

f'Ouagadougou (il-Burkina Faso) fit-22 ta' Ġunju 2010[5],

– wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/1764 tal-5 ta' Ottubru 2021 dwar l-Assoċjazzjoni tal-Pajjiżi u t-Territorji extra-Ewropej mal-Unjoni Ewropea inkluż ir-relazzjonijiet bejn l-Unjoni Ewropea minn naħa, u Greenland u r-Renju tad-Danimarka min-naħa l-oħra (Deċiżjoni dwar l-Assoċjazzjoni extra-Ewropea, inkluż Greenland)[6],

– wara li kkunsidra l-Artikolu 33 tal-Ftehim Intern tal-20 ta' Diċembru 1995 bejn ir-rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, li ltaqgħu fi ħdan il-Kunsill, dwar l-iffinanzjar u l-amministrazzjoni tal-għajnuna tal-Komunità taħt it-Tieni Protokoll Finanzjarju għar-raba' Konvenzjoni AKP-KE[7],

– wara li kkunsidra l-Artikolu 32 tal-Ftehim Intern tat-18 ta' Settembru 2000 bejn ir-rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, li ltaqgħu fi ħdan il-Kunsill, dwar l-iffinanzjar u l-amministrazzjoni tal-għajnuna tal-Komunità permezz tal-Protokoll Finanzjarju għall-Ftehim ta' Sħubija bejn l-Istati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha ffirmat f'Cotonou (il-Benin) fit-23 ta' Ġunju 2000 u l-allokazzjoni tal-għajnuna finanzjarja għall-pajjiżi u territorji extra-Ewropej li dwarhom il-Parti Erbgħa tat-Trattat KE hija applikabbli[8],

– wara li kkunsidra l-Artikolu 11 tal-Ftehim Intern tal-24 ta' Ġunju 2013 u tas-26 ta' Ġunju 2013 bejn ir-rappreżentanti tal-gvernijiet tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, imlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill, dwar l-iffinanzjar ta' għajnuna mill-Unjoni Ewropea taħt il-Qafas Finanzjarju Pluriennali għall-perjodu mill-2014 sal-2020, skont il-ftehim ta' sħubija AKP-UE, u dwar l-allokazzjoni ta' assistenza finanzjarja għall-pajjiżi u territorji extra-Ewropej li għalihom tapplika r-Raba' Parti tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea[9],

– wara li kkunsidra l-Artikolu 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 74 tar-Regolament Finanzjarju tas-16 ta' Ġunju 1998 applikabbli għall-kooperazzjoni għall-finanzjament tal-

---

5 ĠU L 287, 4.11.2010, p. 3, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_internation/2010/648/oj.

6 ĠU L 355, 7.10.2021, p. 6, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2021/1764/oj.

7 ĠU L 156, 29.5.1998, p. 108, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_eums/1998/363/oj.

8 ĠU L 317, 15.12.2000, p. 355, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_eums/2000/770/oj.

9 ĠU L 210, 6.8.2013, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_eums/2013/806/oj.

iżvilupp skont ir-raba' Konvenzjoni AKP-KE[10],

– wara li kkunsidra l-Artikolu 119 tar-Regolament Finanzjarju tas-27 ta' Marzu 2003 applikabbli għad-disa' Fond Ewropew għall-Iżvilupp[11],

– wara li kkunsidra l-Artikolu 50 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 215/2008 tat-18 ta' Frar 2008 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-10 Fond Ewropew għall-Iżvilupp[12],

– wara li kkunsidra l-Artikolu 48 tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/323 tat-2 ta' Marzu 2015 dwar ir-regolament finanzjarju applikabbli għall-11-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp[13],

– wara li kkunsidra l-Artikolu 44 tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2018/1877 tas-26 ta' Novembru 2018 dwar ir-regolament finanzjarju applikabbli għall-11-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp, u li jħassar ir-Regolament (UE) 2015/323[14],

– wara li kkunsidra l-Artikolu 101, l-Artikolu 102, it-tielet inċiż, u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Iżvilupp,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A10-0074/2025),

1. Japprova l-għeluq tal-kontijiet tad-disa', tal-għaxar u tal-ħdax-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp għas-sena finanzjarja 2023;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din id-deċiżjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Qorti tal-Awdituri u lill-Bank Ewropew tal-Investiment, u biex tiżgura li tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* (serje L).

---

10 ĠU L 191, 7.7.1998, p. 53, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_financ/1998/430/oj.
11 ĠU L 83, 1.4.2003, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_financ/2003/401/oj.
12 ĠU L 78, 19.3.2008, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2008/215/oj.
13 ĠU L 58, 3.3.2015, p. 17, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2015/323/oj.
14 ĠU L 307, 3.12.2018, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2018/1877/oj.

11. Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-7 ta’ Mejju 2025 li tinkludi l-kummenti li jagħmlu parti integrali mid-Deċiżjonijiet dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2023, Taqsima III – Il-Kummissjoni u l-aġenziji eżekuttivi u d-disa’, l-għaxar u l-ħdax-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp (2024/2019(DEC))

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra d-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2023, Taqsima III – Il-Kummissjoni,

– wara li kkunsidra d-deċiżjonijiet tiegħu dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġits tal-aġenziji eżekuttivi għas-sena finanzjarja 2023,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 101 u l-Anness V tar-Regoli ta’ Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin, tal-Kumitat għall-Iżvilupp, tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali, tal-Kumitat għall-Ambjent, tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu, tal-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali, tal-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni, tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern u tal-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi,

– wara li kkunsidra l-ittra tal-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A10-0074/2025),

A. billi l-ħdax-il FEŻ laħaq l-istadju finali tiegħu hekk kif il-klawżola ta’ estinzjoni tiegħu daħlet fis-seħħ fil-31 ta’ Diċembru 2020; billi, madankollu, kuntratti speċifiċi għal ftehimiet ta’ finanzjament eżistenti ġew iffirmati sal-31 ta’ Diċembru 2023, u l-implimentazzjoni tal-proġetti li għaddejjin iffinanzjati mill-FEŻ se tkompli sat-tlestija finali tagħhom;

B. billi d-disa’, l-għaxar u l-ħdax-il [1] FEŻ ma ġewx inkorporati fil-baġit ġenerali tal-Unjoni u għadhom qed jiġu implimentati u rrapportati separatament sal-għeluq tagħhom;

C. billi, għall-QFP 2021-2027, l-għajnuna għall-kooperazzjoni għall-iżvilupp lill-pajjiżi AKP hija integrata fl-Istrument ta’ Viċinat, ta’ Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta’ Kooperazzjoni Internazzjonali –

[1] Il-11-il FEŻ ikopri l-QFP tal-2021-2027.

Ewropa Globali (“NDICI-Ewropa Globali”) bħala parti mill-baġit ġenerali tal-UE, u l-għajnuna għall-kooperazzjoni għall-iżvilupp lill-PTEE, inkluż Greenland, ġiet inkorporata fid-Deċiżjoni dwar l-Assoċjazzjoni Ekstra-Ewropea;

D. billi l-FEŻ huma ġestiti kważi kompletament mid-Direttorat Ġenerali għas-Sħubijiet Internazzjonali tal-Kummissjoni bi proporzjon żgħir (7 %) tan-nefqa tal-FEŻ tal-2023 li qed tiġi ġestita mid-DĠ NEAR;

Prijoritajiet politiċi

1. Jissottolinja l-impenn qawwi tiegħu għall-valuri fundamentali u l-prinċipji tal-Unjoni, li huma minquxa fit-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) u fit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE); jisħaq b’mod speċjali, fil-qafas tal-proċess ta’ kwittanza, fuq il-prinċipji ta’ ġestjoni finanzjarja tajba kif stabbiliti fl-Artikolu 317 tat-TFUE u l-ġlieda kontra l-frodi u l-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni kif stabbilit fl-Artikolu 325 tat-TFUE;

2. Jissottolinja l-importanza tal-prinċipju tas-separazzjoni tas-setgħat fl-Unjoni u jfakkar li skont it-Trattat, l-istituzzjonijiet għandhom jipprattikaw kooperazzjoni sinċiera reċiproka; jemmen li taħt l-ebda ċirkostanza l-azzjonijiet ta’ istituzzjoni waħda tal-Unjoni ma għandhom jaffettwaw l-indipendenza ta’ istituzzjoni oħra; iħeġġeġ lill-istituzzjonijiet l-oħra kollha jirrispettaw ir-rwol tal-Parlament bħala l-unika istituzzjoni tal-Unjoni eletta direttament miċ-ċittadini u joqogħdu lura minn kwalunkwe interferenza mhux dovuta, diretta jew indiretta fil-proċessi leġiżlattivi tiegħu, u b’hekk jiżguraw li l-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-Parlament jibqa’ ħieles u indipendenti minn istituzzjonijiet oħra tal-Unjoni jew minn kwalunkwe entità oħra;

3. Jenfasizza l-importanza tal-baġit tal-Unjoni għall-kisba tal-prijoritajiet politiċi tal-Unjoni, kif ukoll ir-rwol tiegħu biex jgħin lill-Istati Membri f’sitwazzjonijiet mhux previsti bħal kunflitti jew kriżijiet internazzjonali u l-konsegwenzi tagħhom; jirrimarka f’dan ir-rigward ir-rilevanza kontinwa tal-investimenti u l-appoġġ mill-baġit tal-Unjoni għat-tnaqqis tad-disparitajiet bejn l-Istati Membri u r-reġjuni, għall-promozzjoni tat-tkabbir ekonomiku u tal-impjiegi, għall-ġlieda kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali, u għalhekk għat-titjib tal-ħajja ta’ kuljum taċ-ċittadini Ewropej;

4. Jinnota li l-Qorti tal-Awdituri (il-Qorti) għas-sena finanzjarja 2023 ħarġet opinjoni favorevoli dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet u l-legalità u r-regolarità tad-dħul; fl-istess waqt, jesprimi dispjaċir, li għall-ħames sena konsekuttiva l-Qorti kellha toħroġ opinjoni negattiva dwar il-legalità u r-regolarità tan-nefqa baġitarja tal-Unjoni u opinjoni kwalifikata dwar il-legalità u r-regolarità tan-nefqa fl-ambitu tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza;

5. Jesprimi d-dispjaċir kbir tiegħu għall-fatt li r-rata ġenerali ta’ żball

stmata mill-Qorti ilha tiżdied mis-sena finanzjarja 2020 u laħqet 5,6 % għas-sena finanzjarja 2023; jinnota li hemm differenzi sinifikanti fir-rati ta' żball bejn l-intestaturi li jvarjaw minn oqsma ta' nfiq b'rati ta' żball taħt il-limitu ta' materjalità ta' 2 % sa rata ta' żball ta' 9,3 % fil-każ tal-politika ta' koeżjoni; jinnota wkoll li l-kwittanza hija proċess politiku fejn jistgħu jitqiesu l-kwistjonijiet kollha relatati ma' sena finanzjarja speċifika u li d-deċiżjoni dwar jekk tingħatax jew tiġix miċħuda l-kwittanza għandha tibqa' fattwali u bbażata fuq l-*acquis* tal-Unjoni, u li tittieħed għall-baġit kollu kemm hu; finalment, iħeġġeġ lill-Kummissjoni tqis ir-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti u tnaqqas ir-rata ġenerali ta' żball matul is-snin li ġejjin; jitlob ukoll lill-Kummissjoni biex fi żmien erba' xhur tippreżenta pjan ta' azzjoni dwar it-tnaqqis tar-rata ta' żball;

6. Huwa mħasseb li l-Kummissjoni u l-Qorti għandhom interpretazzjonijiet differenti ta' x'tirrappreżenta r-"rata ta' żball", u b'hekk joħolqu konfużjoni; jesprimi l-appoġġ tiegħu għal approċċ u metodoloġija tal-awditjar komuni u jistieden bil-qawwa liż-żewġ istituzzjonijiet isibu soluzzjoni għall-approċċi diverġenti qabel il-kwittanza tal-2024; jinsab imħasseb li l-Kummissjoni b'mod sistematiku qed tissottovaluta l-livell ta' żball eżistenti u li dan jista' jwassal għal protezzjoni ineffettiva tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni;

7. Jerġa' jesprimi t-tħassib profond tiegħu li l-impenji pendenti akkumulati (RAL – reste à liquider) laħqu livell rekord ta' EUR 543 biljun, ekwivalenti għal 3,2 % tal-PDG totali tal-Unjoni fi tmiem l-2023 u jirrappreżentaw aktar mid-doppju tal-baġit annwali tal-Unjoni għall-2023; jissottolinja li tali livell għoli rekord ta' impenji pendenti jirriskja li joħloq sfidi għall-implimentazzjoni bla xkiel futura ta' livelli għoljin b'mod straordinarju ta' pagamenti u/jew li jwassal għal diżimpenji sinifikanti għad-detriment tal-implimentazzjoni tal-objettivi tal-politika tal-Unjoni;

8. Jesprimi wkoll it-tħassib tiegħu li d-dejn pendenti mis-self laħaq EUR 458,5 biljun, ekwivalenti għal 2,7 % tal-PDG totali tal-Unjoni fi tmiem l-2023; jinnota li ż-żieda fid-dejn pendenti matul l-2023, ekwivalenti għal EUR 110,5 biljun, għamlet lill-Unjoni waħda mill-akbar emittenti ta' dejn fl-Ewropa; jinnota wkoll li l-ammont ta' dejn pendenti huwa mistenni li jiżdied aktar matul is-snin li ġejjin, speċjalment minħabba żieda fis-self marbut mal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u l-assistenza finanzjarja lil għadd ta' pajjiżi inkluż l-Ukrajna li hija l-vittma ta' gwerra ta' aggressjoni mir-Russja; itenni t-tħassib serju tiegħu li ż-żieda fid-dejn tagħmel il-baġit tal-Unjoni aktar vulnerabbli għal żidiet fir-rati tal-imgħax peress li parti mid-dejn se jkollha tiġi onorata u mħallsa lura mill-baġit tal-Unjoni;

9. Ifakkar fl-importanza ta' applikazzjoni stretta tar-regoli finanzjarji tal-Unjoni fil-programmi kollha u fuq il-benefiċjarji kollha, biex jiġu evitati kull forma ta' frodi, kunflitti ta' interess, korruzzjoni, finanzjament doppju u ħasil tal-flus;

10. Jissottolinja l-importanza tal-istat tad-dritt bħala wieħed mill-valuri fundamentali tal-Unjoni u jisħaq li l-Mekkaniżmu ta' Kundizzjonalità tal-Istat tad-Dritt huwa kruċjali sabiex jiġi żgurat li l-Istati Membri jkomplu jirrispettaw il-prinċipji tal-istat tad-dritt; itenni t-tħassib serju tiegħu dwar is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt li qed tiddeterjora f'ċerti Stati Membri inklużi attakki jew restrizzjonijiet għall-attivitajiet tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, li mhux biss toħloq theddida sinifikanti għall-valuri demokratiċi iżda twassal ukoll għal riskju akbar ta' telf finanzjarju għall-baġit tal-Unjoni; jitlob li jingħata appoġġ adegwat lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili attivi fil-qasam; jirrikonoxxi l-ħolqien ta' forom ġodda ta' ksur tal-istat tad-dritt mill-gvernijiet nazzjonali u jistieden lill-Kummissjoni tindirizza dawn l-isfidi li qed jevolvu; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura implimentazzjoni stretta u rapida tal-elementi kollha tal-mekkaniżmu meta l-Istati Membri jiksru l-prinċipji tal-istat tad-dritt u meta tali ksur jaffettwa, jew jirriskja li jaffettwa, l-interessi finanzjarji tal-Unjoni; jissottolinja, fl-istess ħin, il-ħtieġa ta' informazzjoni sħiħa u f'waqtha dwar deċiżjonijiet relatati mal-implimentazzjoni tal-Mekkaniżmu ta' Kundizzjonalità tal-Istat tad-Dritt; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tivvaluta b'mod espliċitu meta n-nuqqasijiet fl-istat tad-dritt ikunu ta' natura sistemika; jappella għal enfasi aktar b'saħħitha fuq l-implimentazzjoni ta' rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż, flimkien ma' mekkaniżmi ta' segwitu effettivi u punti ta' riferiment li jistgħu jitkejlu; jipproponi l-istabbiliment ta' qafas komprensiv ta' monitoraġġ tal-istat tad-dritt li jinvolvi l-istituzzjonijiet kollha tal-Unjoni, l-Istati Membri, u l-pajjiżi kandidati, bl-għan li jiġu żgurati l-koerenza u l-uniformità madwar l-Unjoni, filwaqt li fl-istess ħin tiġi żgurata applikazzjoni ġusta u imparzjali; jistieden lill-Kummissjoni tipproponi miżuri biex tiżgura l-protezzjoni tal-benefiċjarji finali f'każijiet ta' ksur tal-istat tad-dritt mill-gvernijiet nazzjonali mingħajr ma timmina l-applikazzjoni u l-effettività tar-regolament;

11. Jieħu nota tan-natura innovattiva tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u l-kontribut tagħha biex tappoġġja lill-Istati Membri jirkupraw mill-konsegwenzi ekonomiċi u soċjali tal-pandemija u biex tinħoloq ekonomija Ewropea aktar reżiljenti; huwa tal-fehma li kwalunkwe bidla għal approċċ ibbażat fuq il-prestazzjoni abbażi tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza bħala mudell tirrikjedi li jiġu indirizzati l-ħafna kwistjonijiet identifikati fl-implimentazzjoni tagħha, kif ukoll li tiġi vvalutata d-data dwar l-impatt sħiħ tagħha, qabel ma jintuża tali mudell; ifakkar fil-ħafna problemi identifikati fl-implimentazzjoni tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza li jkun jeħtieġ jiġu indirizzati, fosthom, iżda mhux biss: in-nuqqas ta' konsultazzjoni adegwata tal-awtoritajiet reġjonali u lokali u ta' partijiet ikkonċernati rilevanti oħra, bħal sħab soċjali u organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u n-nuqqas ta' involviment tagħhom fil-proċess ta' implimentazzjoni; id-dimensjoni transkonfinali dgħajfa, li tista' tindika valur miżjud tal-UE mnaqqas f'dak ir-rigward; in-nuqqas ta' definizzjoni ċara tal-istadji importanti u l-miri u t-twettiq sodisfaċenti tagħhom; in-nuqqas ta' flessibbiltà;

id-dejn komuni b'pagament tad-dejn fit-tul bħala konsegwenza; il-problemi serji ta' trasparenza, awditjar u kontroll tal-programm li jagħmluha impossibbli għaċ-ċittadini li jiġu infurmati dwar il-benefiċjarji finali tal-azzjonijiet iffinanzjati mill-Unjoni u jħeġġeġ lill-Istati Membri jużaw il-fondi tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza biex ikopru proġetti simili ħafna għal dawk iffinanzjati mill-fondi ta' Koeżjoni iżda b'kapaċità ta' kontroll ħafna aktar limitata; itenni t-tħassib dwar l-interpretazzjoni tal-Kummissjoni u tal-Istati Membri dwar x'jirrappreżenta "riċevitur finali" tal-finanzjament tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, li mhijiex konformi mal-ftehim tan-negozjati tar-REPowerEU u jsostni li l-ministeri, l-awtoritajiet pubbliċi jew awtoritajiet kontraenti oħra ma jistgħux jiġu elenkati bħala riċevituri finali tal-finanzjament tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza; jesprimi wkoll tħassib dwar is-sejbiet tal-Qorti rigward ir-riskju ta' finanzjament doppju u finanzjament tan-nefqa baġitarja rikorrenti li mhumiex konformi mal-bażi legali tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza;

12. Jinnota li l-istabbiliment tal-mekkaniżmu tan-Next Generation EU jimplika li l-ħlas lura tas-self tan-Next Generation EU jrid jibda qabel tmiem l-2027 u jitlesta sa mhux aktar tard mill-2058; huwa mħasseb li ż-żieda fir-rati tal-imgħax matul l-aħħar snin żiedet l-ispejjeż tas-self fl-ambitu tan-Next Generation EU b'mod sinifikanti meta mqabbla mal-istimi oriġinali; itenni l-ħtieġa li tiġi rrispettata bis-sħiħ l-iskeda ta' żmien tal-pjan direzzjonali legalment vinkolanti għall-introduzzjoni ta' riżorsi proprji ġodda u jissottolinja li progress rapidu għal riżorsi proprji ġodda huwa essenzjali biex jitħallas lura n-Next Generation EU u biex jiġu salvagwardjati l-QFP attwali u futuri;

13. Jisħaq fuq il-ħtieġa urġenti li b'mod sinifikanti tinqatal-burokrazija u ssir razzjonalizzazzjoni u simplifikazzjoni tal-politiki kollha tal-Unjoni u l-finanzjament tagħhom f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet fir-rapport ta' Draghi [1] sabiex jiġu ffaċilitati l-piżijiet għan-negozji Ewropej u tiżdied il-kompetittività Ewropea, filwaqt li tiġi żgurata l-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni; jissottolinja li s-simplifikazzjoni se jkollha wkoll effett pożittiv fuq ir-rati ta' żball fl-implimentazzjoni tal-politiki peress li bosta żbalji jseħħu minħabba regoli kkumplikati żżejjed li diffiċli jiġu interpretati speċjalment għal intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs), applikanti ġodda, spin-offs u negozji ġodda;

14. Itenni l-ħtieġa li tiġi bbilanċjata s-simplifikazzjoni ulterjuri tar-regoli u l-proċeduri permezz ta' użu aktar sistematiku tar-rapportar diġitilizzat, kontrolli mtejba u aktar robusti u kontrolli *ex post* adegwati fuq l-aktar oqsma ripetuti ta' nfiq irregolari li ma jżidux kumplessità burokratika eċċessiva għall-benefiċjarji, jiġu żviluppati sessjonijiet ta' taħriġ u informazzjoni prattika għall-applikanti, b'mod partikolari applikanti ġodda, u jittejbu l-assistenza u l-linji gwida

[1] Il-futur tal-kompetettività Ewropea, 9 ta' Settembru 2024.

għall-SMEs, l-ispin-offs, in-negozji ġodda, l-aġenziji tal-amministrazzjoni u tal-pagamenti u l-partijiet ikkonċernati rilevanti l-oħra kollha; ifakkar li sistema ta' kontroll robusta taħt ir-responsabbiltà tal-Kummissjoni hija partikolarment meħtieġa għall-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza;

15. Jisħaq fuq il-ħtieġa u jenfasizza l-importanza tal-programm NDICI għall-appoġġ għall-isfidi globali, il-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, il-libertajiet u d-demokrazija; jissottolinja l-importanza li tissaħħaħ il-linja tal-Viċinat tal-Lvant sabiex jiġu appoġġati r-riformi politiċi, ekonomiċi u soċjali f'dan ir-reġjun ta' sfida;

16. Jissottolinja li huwa fundamentali għall-kredibbiltà tal-Unjoni li l-Kummissjoni tiżgura li l-ebda fond tal-Unjoni ma jiġi allokat lil individwi jew organizzazzjonijiet marbuta ma' kwalunkwe tip ta' moviment terroristiku jew kwalunkwe moviment ieħor li jesprimi fehmiet estremisti, li jinċita l-vjolenza u/jew il-mibegħda, li huwa direttament kontra l-valuri fundamentali tal-Unjoni Ewropea, inklużi movimenti Iżlamisti, antisemitiċi, anti-Kristjani u anti-Iżlamiċi; f'dan il-kuntest, ifakkar li kien hemm allegazzjonijiet li 19 minn 13 000 impjegat tal-UNRWA f'Gaża kienu involuti fl-attakki terroristiċi ta' stmellija mill-Ħamas kontra Iżrael fis-7 ta' Ottubru; ifakkar li f'disgħa każijiet, l-impjieg tagħhom ġie tterminat formalment fl-interess tal-UNRWA; jieħu nota tar-riżultati tal-investigazzjoni mnedija mill-Uffiċċju tas-Servizzi ta' Sorveljanza Interna (OIOS) tan-NU; jissottolinja li l-Kummissjoni għandha tistabbilixxi wkoll kontrolli aħjar li jiżguraw li l-ebda finanzjament ta' dan it-tip ma jseħħ indirettament permezz ta' partijiet terzi u torganizza aħjar it-traċċabbiltà tal-fondi tal-Unjoni lill-benefiċjarji finali;

17. Itenni tħassib serju dwar iż-żieda fl-isfruttament tal-fondi tal-Unjoni li jmur kontra l-prinċipji u l-valuri tal-Unjoni, speċjalment meta l-użu tal-fondi u t-trasferimenti lil organizzazzjonijiet oħra ma jkunux kompletament traċċabbli; iwissi dwar il-periklu li l-fondi tal-Unjoni fl-aħħar mill-aħħar jintużaw fi ħdan ċrieki korrotti u jkunu soġġetti għal frodi u irregolaritajiet, interferenza barranija jew infiltrazzjoni; jenfasizza l-importanza ta' "trasparenza tal-benefiċjarju aħħari" għall-fondi tal-Unjoni;

18. Jenfasizza l-importanza li tinżamm l-integrità istituzzjonali u li jiġi evitat indħil barrani potenzjali; jikkundanna kwalunkwe tentattiv mhux xieraq biex jiġu influwenzati l-attivitajiet leġiżlattivi tal-Parlament Ewropew; jinsisti fuq ir-responsabbiltà tal-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) li jwettaq l-investigazzjonijiet fil-fond kollha meħtieġa; jisħaq fuq l-importanza tal-ħidma mwettqa mill-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE) fil-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni Ewropea; jinsisti li l-UPPE jingħata riżorsi finanzjarji u umani adegwati; ifakkar fil-Ftehim li jistabbilixxi Korp Interistituzzjonali għall-Istandards Etiċi għall-Membri tal-Istituzzjonijiet u l-Korpi Konsultattivi msemmija fl-Artikolu 13 tat-

Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u jinsisti fuq l-implimentazzjoni rapida tiegħu fl-istituzzjonijiet kollha tal-UE;

19. Ifakkar fir-rwol kruċjali tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, inklużi l-NGOs, li jiddefendu l-valuri demokratiċi biex jappoġġjaw soċjetà demokratika vibranti u dinamika, u jiżguraw bażi soda għal kopertura wiesgħa tal-fehmiet rilevanti kollha f'dibattiti differenti u jenfasizza li l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili jistgħu jirċievu appoġġ mill-fondi tal-Unjoni biex jeżerċitaw dawn il-funzjonijiet, kif previst fl-Artikolu 11 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea;

20. Jinnota li kien hemm allegazzjonijiet minn xi Membri tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit li l-ftehimiet ta' għotja, konklużi mill-Kummissjoni kienu jinkludu attivitajiet dettaljati ta' lobbying li jistgħu jiġu interpretati bħala li potenzjalment jinterferixxu fit-teħid ta' deċiżjonijiet interni fl-Istituzzjonijiet tal-Unjoni; jinnota li l-Kummissjoni ħadet sensiela ta' miżuri biex tindirizza l-allegazzjonijiet billi adottat gwida dwar il-finanzjament għal attivitajiet relatati mal-iżvilupp, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-infurzar tal-leġiżlazzjoni u l-politika tal-Unjoni, u ddikjarat li filwaqt li tali ftehimiet ta' għotja ma kisrux il-qafas legali tal-UE, dawn jistgħu potenzjalment jinvolvu riskju għar-reputazzjoni tal-Unjoni; jinnota li l-ftehimiet ta' għotja kollha jinkludu dikjarazzjoni ta' ċaħda ta' responsabbiltà li tiddikjara li "l-opinjonijiet tal-benefiċjarju bl-ebda mod ma jirrappreżentaw fehmiet tal-UE u li l-awtorità awtorizzanti ma tistax tinżamm responsabbli għalihom"; jinnota li tali dikjarazzjoni ta' ċaħda ta' responsabbiltà żdiedet ukoll fis-sejħa għal proposti tal-2024 għal għotjiet operattivi;

21. Jinnota li għadu għaddej skrinjar tal-ftehimiet ta' għotja fil-portafolli kollha biex jiġi vverifikat l-allinjament tagħhom mal-gwida l-ġdida u li, sa issa, il-Kummissjoni ma kkomunikatx lill-Parlament ir-riżultati kompluti tal-iskrinjar u lanqas miżuri oħra li l-Kummissjoni tista' tieħu, jekk ikun meħtieġ; jistieden lill-Kummissjoni żżomm lill-awtorità ta' kwittanza infurmata f'kull ħin; jenfasizza li t-trasparenza fil-laqgħat tal-partijiet ikkonċernati hija fundamentali għall-integrità demokratika u għandha tapplika bl-istess mod għall-entitajiet kollha li huma involuti mal-istituzzjonijiet tal-UE; jisħaq li d-dokumentazzjoni ċara u l-iżvelar ta' tali interazzjonijiet isaħħu l-fiduċja pubblika u r-responsabbiltà demokratika;

22. Ifakkar li l-finanzjament tal-UE jirrikjedi standards stretti fil-qasam tal-obbligu ta' rendikont u tat-trasparenza; iħeġġeġ lill-Kummissjoni, f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet tal-QEA fir-Rapport Speċjali

05/2024 [1] u r-Rapport Speċjali Nru 11/2025 [2] reċenti, tiżgura li l-informazzjoni żvelata fis-Sistema ta' Trasparenza Finanzjarja tiġi aġġornata ta' spiss u tkun affidabbli, komparabbli u utli; jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġu allokati riżorsi addizzjonali lis-Segretarjat tal-EUTR biex ikun jista' jsir monitoraġġ sistematiku u bir-reqqa tar-Reġistru tat-Trasparenza; dan għandu jinkludi l-allokazzjoni ta' riżorsi għall-implimentazzjoni tal-IA biex jiġi żviluppat mekkaniżmu ta' tiftix ibbażat fuq l-IA; ifakkar fil-ħtieġa li jiġi vverifikat b'mod proattiv li l-entitajiet kollha benefiċjarji tal-fondi tal-UE jirrispettaw il-valuri tal-UE;

23. Jilqa' t-tweġiba tal-Kummissarju Serafin għall-mistoqsija bil-miktub [3], li għal darb' oħra tikkonferma li l-finanzjament tal-UE ngħata u ntuża mill-NGOs b'rispett sħiħ għat-Trattati tal-UE u r-Regolament LIFE [4] jieħu nota wkoll tar-Rapport Speċjali reċenti tal-QEA dwar it-trasparenza tal-finanzjament tal-UE mogħti lill-NGOs [5], li, filwaqt li jiddikjara li l-użu tal-finanzjament tal-UE għall-promozzjoni tal-NGOs huwa legali, jikkonferma wkoll li dan huwa konformi mar-rekwiżiti ta' trasparenza legali tal-UE kif stabbiliti fir-Regolament Finanzjarju tal-UE; fl-istess ħin, ir-Rapport Speċjali 11/2025 tal-QEA jindika l-fatt li għandu jsir aktar biex tittejjeb it-trasparenza tal-finanzjament tal-UE riċevut mill-benefiċjarji kollha; jistieden f'dan ir-rigward lill-Kummissjoni timplimenta r-rakkomandazzjonijiet tal-QEA rigward l-iskrinjar tal-awtodikjarazzjonijiet fis-Sistema ta' Trasparenza Finanzjarja tal-UE, kif ukoll il-monitoraġġ proattiv tar-rispett tal-valuri u l-prinċipji fundamentali tal-UE mill-benefiċjarji;

24. Jilqa' d-dħul fis-seħħ tar-riformulazzjoni tar-Regolament Finanzjarju; jilqa', b'mod partikolari, it-titjib relatat mat-traċċar tal-fondi tal-Unjoni permezz ta' għodod diġitali u interoperabbiltà li se jsaħħu l-protezzjoni tal-Interessi Finanzjarji tal-Unjoni, l-estensjoni mmirata tas-Sistema ta' Identifikazzjoni Bikrija u ta' Esklużjoni (EDES) għal ġestjoni kondiviża wara l-QFP 2027, ir-referenza għall-Mekkaniżmu dwar il-Kundizzjonalità tal-Istat tad-Dritt u l-introduzzjoni ta' kundizzjonalità bbażata fuq il-valuri tal-Unjoni kif minquxa fl-Artikolu 2 tat-TUE, kif ukoll l-opportunità li l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju u l-applikanti individwali jiġu allinjati permezz tal-

---

1 Ir-Rapport Speċjali 05/2024: "Ir-Reġistru tat-Trasparenza tal-UE - jipprovdi informazzjoni utli iżda limitata dwar l-attivitajiet ta' lobbjar".

2 Ir-Rapport Speċjali 11/2025: "It-trasparenza tal-finanzjament li jingħata mill-UE lill-NGOs – minkejja li sar progress, l-istampa ġenerali għadha mhijiex affidabbli".

3 https://www.europarl.europa.eu/doceo/document/P-10-2025-000595-ASW_EN.pdf.

4 https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:32021R0783.

5 https://www.europarl.europa.eu/doceo/document/P-10-2025-000595-ASW_EN.pdf.

introduzzjoni ta’ għotjiet ta’ valur baxx ħafna;

KAPITOLU I

Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP)

Id-dikjarazzjoni ta’ assigurazzjoni u tal-ġestjoni baġitarja u finanzjarja tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri

L-affidabbiltà tal-kontijiet

25. Jilqa’ l-konklużjoni tal-Qorti fir-rapport annwali tagħha dwar l-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2023 [1], li l-kontijiet konsolidati tal-Unjoni Ewropea għal dik is-sena huma affidabbli; jinnota li l-Qorti ilha mill-2007 toħroġ kull sena opinjoni favorevoli dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet;

26. Jinnota li fil-31 ta’ Diċembru 2023, l-obbligazzjonijiet totali kienu jammontaw għal EUR 679,9 biljun, u l-assi totali kienu jammontaw għal EUR 467,7 biljun; jinnota li d-differenza ta’ EUR 212,2-il biljun tirrappreżenta l-assi netti negattivi, li jinkludu d-dejn u l-parti tal-ispejjeż li l-Unjoni kienet diġà ġarrbet sal-31 ta’ Diċembru 2023 u li trid tiġi ffinanzjata minn baġits futuri;

27. Jinnota li fi tmiem l-2023, il-valur stmat tal-ispejjeż eliġibbli mġarrba iżda li għadhom ma ġewx mitluba dovuti għall-benefiċjarji, irreġistrati bħala spejjeż dovuti, kien ta’ EUR 155,2 biljun (2021: EUR 148,7 biljun), li minnhom EUR 7,4 biljun huma relatati man-nefqa tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza dovuta;

28. Jilqa’ l-konklużjoni tal-Qorti li l-assi, l-obbligazzjonijiet, id-dħul u l-ispejjeż, inklużi dawk relatati man-NextGenerationEU, l-istima relatata mal-proċess ta’ ħruġ tar-Renju Unit, u l-impatt tal-gwerra ta’ aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, huma ppreżentati b’mod ġust fil-kontijiet annwali konsolidati;

Legalità u regolarità tad-dħul tal-Unjoni

29. Jinnota l-konklużjoni tal-Qorti li d-dħul tal-Unjoni huwa ħieles minn żball materjali u li s-sistemi għall-ġestjoni eżaminati mill-Qorti kienu ġeneralment effettivi;

Legalità u regolarità tan-nefqa tal-Unjoni

30. Jesprimi dispjaċir kbir dwar l-opinjoni negattiva dwar il-legalità u r-regolarità tan-nefqa baġitarja tal-Unjoni maħruġa mill-Qorti għall-ħames sena konsekuttiva; iqis li dan huwa dejjem aktar

---

[1] ĠU C, C/2024/5882, 9.10.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2024/5882/oj.

problematiku, peress li l-Kummissjoni tidher li ma tistax, jew ma tridx, tidentifika l-kawża u tindirizza l-kwistjonijiet sottostanti; jiddispjaċih li l-Kummissjoni mhijiex qed taċċetta xi rakkomandazzjonijiet tal-Qorti tal-Awdituri; jinnota b'mod partikolari l-importanza tat-tisħiħ tal-ġestjoni finanzjarja tal-Kummissjoni u tal-Istati Membri li hija meqjusa inaffidabbli mill-Qorti u għalhekk tikkomprometti l-affidabbiltà tar-Rapport Annwali dwar il-Ġestjoni u l-Prestazzjoni (AMPR); jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta pjan ta' azzjoni ċar dwar it-tnaqqis tar-rata ta' żball fl-erba' xhur ta' wara; jisħaq li l-Parlament għandu jiskrutinizza kif xieraq tali pjan ta' azzjoni;

31. Huwa partikolarment imħasseb dwar l-istima tal-Qorti tal-livell ta' żball ta' 5,6 % fin-nefqa tal-2023; jinnota li dan huwa deterjorament aċċellerat meta mqabbel mas-sentejn preċedenti (4,2 % fl-2022 u 3,0 % fl-2021); jinnota bi tħassib li l-Qorti għadha ssib problemi sostanzjali fin-nefqa bbażata fuq ir-rimborż li fiha l-livell stmat ta' żball huwa ta' 7,9 %; jinnota li l-effett tal-iżbalji li sabet il-Qorti huwa stmat li huwa kemm materjali kif ukoll mifrux; jitlob li l-ġestjoni finanzjarja tal-Kummissjoni ssir aktar stretta, f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet li għamlet il-Qorti fir-Rapporti Annwali u r-Rapporti Speċjali tagħha, sabiex tiġi indirizzata b'mod riżolut ir-rata għolja ta' żball matul il-ftit snin li ġejjin; jissottolinja t-twissija tal-Qorti li ż-żieda fid-dejn Ewropew qed tpoġġi pressjoni dejjem akbar fuq il-baġit tal-Unjoni;

32. Jinnota li l-Kummissjoni fir-Rapport Annwali tagħha dwar il-Ġestjoni u l-Prestazzjoni tikkategorizza n-nefqa f'kategoriji ta' riskju ogħla, medju u aktar baxx, sabiex tiffoka l-azzjoni fuq oqsma ta' riskju għoli; filwaqt li l-Qorti tuża biss żewġ kategoriji ta' riskju sabiex tipproduċi opinjoni dwar il-legalità u r-regolarità tal-infiq; jinsab imħasseb li l-ħidma tal-Qorti żvelat limitazzjonijiet fil-ħidma *ex post* tal-Kummissjoni, li, meqjusa b'mod ġenerali, jaffetwaw ir-robustezza tal-valutazzjoni tar-riskju tal-Kummissjoni; jinnota bi tħassib li wieħed mill-oqsma l-aktar milquta kien "Koeżjoni, reżiljenza u valuri", fejn il-Qorti vvalutat il-maġġoranza tal-infiq bħala ta' riskju għoli, filwaqt li l-Kummissjoni kklassifikat biss minoranza b'dan il-mod;

33. Itenni t-tħassib dwar l-osservazzjoni tal-Qorti li l-valutazzjoni tar-riskju tal-Kummissjoni x'aktarx tissottovaluta l-livell ta' riskju f'diversi oqsma; jinsab imħasseb ukoll dwar id-dgħufijiet rikorrenti identifikati mill-Qorti fis-sistemi ta' ġestjoni u kontroll tal-Istati Membri, li għadhom mhumiex qed jipprevjenu jew jidentifikaw irregolaritajiet fl-Intestatura 2, u b'hekk jillimitaw kemm wieħed jista' jiddependi mill-ħidma tagħhom, filwaqt li r-rati ta' żball tal-Kummissjoni għadhom jiddependu minn dawn is-sistemi nazzjonali, li ma jaħdmux b'mod effettiv;

34. Jinnota li ż-żieda hija primarjament ikkawżata mil-livell stmat ta' żball fl-ambitu tal-Intestatura 2 tal-QFP – koeżjoni, reżiljenza u

valuri, fejn il-Qorti sabet li 9,3 % tan-nefqa kienet qed tikser ir-regoli u r-regolamenti tal-Unjoni; ifakkar fil-kwistjonijiet sottostanti li huma rrapportati mill-Qorti u li ilhom magħrufa għal diversi snin;

35. Jissottolinja li l-livell stmat ta' żball fin-nefqa tal-Unjoni, kif ippreżentat fid-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni tal-Qorti, huwa stima tal-flus li ma kellhomx jitħallsu minħabba li ma ntużawx f'konformità mar-regoli u mar-regolamenti applikabbli; iqis li, għalkemm mhuwiex indikatur ta' frodi jew korruzzjoni, il-livell stmat ta' żball jirrappreżenta nefqa fejn ikunu meħtieġa azzjonijiet korrettivi, u b'hekk juri ħela fl-użu tar-riżorsi; jiddispjaċih li, filwaqt li din hija problema minnha nfisha, din se tagħti wkoll impressjoni negattiva liċ-ċittadini, u tista' saħansitra tqajjem dubji dwar il-kapaċità tal-Kummissjoni li tipproteġi b'mod effettiv l-interessi finanzjarji tal-Unjoni;

36. Jinnota bi tħassib li l-istima proprja tal-Kummissjoni tar-riskju fil-waqt tal-pagament hija ta' 1,9 % għall-2023 u ilha f'dak il-livell mill-2020; jinnota li l-Kummissjoni tagħmel stima tal-kapaċità tagħha li tikkoreġi u tirkupra n-nefqa irregolari matul l-implimentazzjoni tal-programmi assoċjati ta' 1,0 %, li jirriżulta f'riskju fil-waqt tal-għeluq ta' 0,9 %; jinsab imħasseb li għal din is-sena wkoll, ir-riskju fil-waqt tal-pagament tal-Kummissjoni mhuwiex biss taħt il-livell ta' żball stmat mill-Qorti ta' 5,6 % iżda wkoll taħt il-firxa tal-Qorti, li hija bejn 4,4 % u 6,8 %; jenfasizza li d-diverġenza bejn ir-rata ta' żball ġenerali tal-Qorti u r-riskju tal-Kummissjoni fil-waqt tal-pagament hija evidenti wkoll f'xi wħud mill-oqsma ta' nfiq speċifiċi, b'mod partikolari fl-Intestatura 2, saħansitra aktar milli fil-passat; jilqa' l-istima tal-Qorti tal-livell ta' żball bħala indikatur importanti għar-riskji eżistenti;

37. Jinnota l-perspettiva pluriennali tar-riskju tal-Kummissjoni fl-għeluq, peress li l-korrezzjonijiet u l-irkupri wara tmiem is-sena mhumiex riflessi fl-istima mill-Qorti tal-livell ta' żball; jesprimi dispjaċir, madankollu, għall-konfużjoni kkawżata mill-preżentazzjoni tal-Kummissjoni tar-riskju fil-waqt tal-pagament;

38. Ifakkar fil-pożizzjonijiet espressi fir-riżoluzzjoni ta' kwittanza tal-2022 u fl-iskambji ta' fehmiet fis-seduti ta' kwittanza għas-sena finanzjarja 2023 dwar il-metodoloġiji u l-istimi diverġenti bejn il-Qorti u l-Kummissjoni tal-iżbalji magħmula fin-nefqa tal-Unjoni; jinnota b'mod partikolari li r-rata ta' żball tal-Qorti hija bbażata fuq kampjun statistiku, filwaqt li r-riskju tal-Kummissjoni fil-waqt tal-pagament huwa fil-biċċa l-kbira kkompilat mir-rati ta' żball irrapportati mill-awtoritajiet nazzjonali tal-awditjar fl-Istati Membri u kkalkolata biss wara korrezzjonijiet u ripagamenti; ifakkar li r-rata ta' żball tal-Qorti tinkludi l-iżbalji li baqgħu ma nqabdux mill-Istati Membri u mill-Kummissjoni, u dan juri li r-rati ta' żball tal-Kummissjoni huma sottovalutazzjoni; jinnota bi tħassib diskrepanza saħansitra usa' bejn l-istimi tal-Qorti u tal-Kummissjoni; jinnota wkoll li l-Kummissjoni u l-

Qorti qed jorganizzaw workshops konġunti dwar din il-kwistjoni; jinnota li l-Qorti reċentement allinjat il-metodoloġija tagħha dwar l-akkwist fl-aġenziji deċentralizzati mal-metodoloġija tal-Kummissjoni; itenni l-appoġġ tiegħu għall-approċċ u għall-metodoloġija tal-awditjar indipendenti tal-Qorti u jistieden lill-Kummissjoni tikkoopera mal-Qorti bil-għan li żżid l-armonizzazzjoni u tipprovdi stimi aktar komparabbli tal-livell ta' żball;

39. Ifakkar li l-awtorità ta' kwittanza teħtieġ dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni, ipprovduta mill-Qorti, dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet u l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi fi tmiem is-sena għad-deċiżjoni tagħha dwar il-kwittanza għal dik is-sena; jinnota li l-programmi ta' nfiq tal-Unjoni huma pluriennali u li s-sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll tagħhom ikopru bosta snin, li jippermettu korrezzjonijiet u rkupri wara tmiem is-sena;

40. Ifakkar li l-Kummissjoni hija responsabbli għall-prevenzjoni u d-detezzjoni tal-frodi; jinnota li l-Qorti, fit-twettiq tal-mandat tagħha, hija obbligata tirrapporta kwalunkwe każ ta' irregolarità; jinnota li l-Qorti tgħaddi lill-UPPE suspetti ta' reati kriminali li jaqgħu taħt il-kompetenzi tiegħu u lill-OLAF suspetti ta' frodi, korruzzjoni jew attività illegali oħra li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni; jinnota li, fl-2023, il-Qorti rrapportat 20 każ ta' frodi suspettata lill-OLAF, u fl-istess ħin irrapportat 12 minn dawn il-każijiet lill-UPPE, li s'issa rriżultaw f'erba' investigazzjonijiet tal-OLAF u disa' investigazzjonijiet tal-UPPE; ifaħħar lill-Qorti talli rrapportat dwar każijiet ta' irregolarità lill-OLAF u lill-UPPE, peress li l-informazzjoni li tirriżulta minn impenji tal-awditjar normalment ikollha grad għoli ta' affidabbiltà; ifakkar f'dan il-qafas fir-rwol ewlieni tal-arkitettura kollha tal-Unjoni kontra l-frodi u jesprimi xi tħassib dwar ir-rifjut ta' xi Stati Membri li jikkooperaw ma' wieħed mill-elementi ta' din l-arkitettura, b'mod partikolari l-UPPE;

Ġestjoni baġitarja u finanzjarja

41. Jinnota li fl-2023, intużaw 98,9 % tal-approprjazzjonijiet ta' impenn disponibbli (EUR 184,4 biljun minn EUR 186,5 biljun); jinnota li l-approprjazzjonijiet disponibbli kienu ogħla mil-limitu massimu tal-QFP ta' EUR 182,7 biljun minħabba l-użu ta' strumenti speċjali għal avvenimenti ġodda jew mhux previsti; jinnota li ntużaw 90,0 % tal-approprjazzjonijiet ta' pagament (EUR 162,0 biljun minn EUR 165,2 biljun disponibbli);

42. Jinnota bi tħassib li l-impenji pendenti totali, li jirrappreżentaw djun futuri jekk ma jiġux diżimpenjati, laħqu l-ogħla ammont li qatt intlaħaq ta' EUR 543 biljun (2022: EUR 450 biljun); jinnota li l-Kummissjoni tipprevedi tnaqqis mill-2025 sal-2029 meta għandhom jitħallsu l-ammonti impenjati kemm għan-Next Generation EU kif ukoll għall-perjodu ta' programmazzjoni tal-2021-2027; jinnota madankollu li l-ammonti reali għall-2023 (EUR 543 biljun) huma

ħafna ogħla mill-ammont previst (EUR 490 biljun), u dan iqajjem dubji dwar l-istimi tal-Kummissjoni;

43. Ifakkar li ż-żmien disponibbli għall-implimentazzjoni ta' fondi ta' ġestjoni kondiviża fl-ambitu tal-QFP tal-2021-2027 huwa iqsar minn dak fl-ambitu tal-QFP preċedenti minħabba l-n+2 għall-aħħar sena, li, flimkien mal-ammont kbir ta' RAL, se jżidu r-riskju ta' diżimpenji; jinnota l-osservazzjoni tal-Qorti li l-Kummissjoni żiedet l-ammont previst tagħha ta' diżimpenji minn EUR 7,6 biljun għall-2023-2027, għal EUR 8,1 biljun għall-2024-2027 għal EUR 8,8 biljun għall-2025-2027, żieda ta' 15 % f'sentejn; jissottolinja bi tħassib li l-Kummissjoni ssottovalutat t-tbassir tagħha għall-RAL f'dawn l-aħħar sentejn, u li għalhekk, il-Kummissjoni x'aktarx tissottovaluta l-ammont ta' diżimpenji li se jsiru sal-2027; jinnota l-introduzzjoni tal-"mekkaniżmu ta' kaskata" wara r-rieżami ta' nofs it-terminu tal-QFP 2021-2027 u l-inċentiv biex jintużaw ammonti diżimpenjati biex ikopru ż-żieda fl-ispejjeż tal-imgħax għall-ammonti mislufa mill-Kummissjoni għan-Next Generation EU;

44. Jinnota li l-aħħar tbassir tal-pagamenti fit-tul maħruġ mill-Kummissjoni jipprevedi diżimpenji sostanzjali mill-2027 sakemm l-Istati Membri ma jagħmlux sforzi addizzjonali u jimplimentaw b'pass ħafna aktar mgħaġġel milli fil-perjodu 2014-2020; jinnota li, għall-fondi tal-politika ta' koeżjoni FK, FEŻR u FSE+, il-Kummissjoni tbassar li d-diżimpenji totali għall-perjodu 2024-2027 jammontaw għal EUR 2,2 biljun, aktar minn ħames darbiet l-ammont ta' EUR 0,4 biljun li bassret fl-2022; iwissi li għall-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta (JTF), l-implimentazzjoni baxxa fl-2023 tqiegħed ammonti importanti f'riskju mill-2025 'il quddiem; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jużaw il-possibbiltajiet kollha disponibbli biex jevitaw id-diżimpenji;

45. Jinnota bi tħassib li d-dejn tal-Unjoni żdied minn EUR 344,3 biljun fl-2022 għal EUR 458,5 biljun fl-2023, li 60 % minnhom huma relatati man-Next Generation EU; jinnota li għad-dejn maħruġ għan-Next Generation EU biss, l-ispejjeż tal-imgħax assoċjati jeħtieġ li jitħallsu direttament mill-Baġit tal-Unjoni u li, minħabba ż-żieda fir-rati tal-imgħax, dawn l-ispejjeż għall-QFP attwali (sal-aħħar tal-2027) huma stmati li huma bejn EUR 17-il biljun u EUR 27 biljun ogħla mill-EUR 14,9-il biljun inizjalment previsti;

46. Jinnota bi tħassib li l-iskopertura totali tal-baġit tal-Unjoni minħabba garanziji u obbligazzjonijiet kontinġenti għas-self żdiedet għal EUR 298,0 biljun; jinnota li s-suppożizzjonijiet dwar l-imgħax tas-suq tal-kapital għandhom isiru b'mod konservattiv, kemm għad-dejn eżistenti kif ukoll għal dejn ġdid u li għaż-żewġ kategoriji huwa meħtieġ pjan vijabbli għall-pagament lura tiegħu; jinnota li l-Qorti rċeviet informazzjoni mill-Kummissjoni li tindika li l-iskopertura se tiżdied b'mod kostanti fis-snin li ġejjin, u din tpoġġi pressjoni addizzjonali fuq il-marġni ta' manuvra tal-baġit u tkompli tnaqqas il-

flessibbiltà tal-baġit tal-Unjoni; jappoġġja r-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti lill-Kummissjoni biex taġixxi b'mod aktar proattiv biex tiżgura li l-għodod ta' mitigazzjoni tagħha (bħall-Fond ta' Proviżjonament Komuni) ikollhom kapaċità suffiċjenti kif ukoll biex tipprovdi rapportar aktar trasparenti dwar l-iskopertura annwali totali tal-baġit, u li l-istima tagħha ssir pubblika;

47. Jinnota bi tħassib li l-Qorti, fir-Rapport Speċjali 07/2024 [1] tagħha, osservat li sehem sinifikanti tal-ordnijiet ta' rkupru maħruġa bejn l-2014 u l-2022 kienu għadhom pendenti fiż-żmien tal-awditjar tagħhom; jinnota wkoll li l-Kummissjoni, fit-tweġibiet tagħha għall-mistoqsijiet bil-miktub tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (Kumitat CONT) tal-Parlament għall-kwittanza tal-2023, issemmi li hemm 1 357 ordni ta' rkupru li għadhom ma tħallsux għal ammont pendenti totali ta' madwar EUR 335 miljun għall-perjodu 2014-2023; jistieden lill-Kummissjoni tipprijoritizza l-ġbir ta' flejjes taħt ordnijiet ta' rkupru pendenti u żżomm lill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit infurmat dwar il-progress li jkun sar;

48. Jenfasizza li l-ugwaljanza hija valur fundamentali tal-Unjoni u hija minquxa fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea; ifakkar fl-impenn tal-Unjoni għall-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri fit-tfassil tal-politika tagħha u fl-implimentazzjoni tal-fondi tal-Unjoni, inkluż l-ibbaġitjar skont il-ġeneru; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tkompli bl-isforzi li saru fl-ibbaġitjar skont il-ġeneru u fit-traċċar tal-impatt tal-baġit tal-Unjoni biex titrawwem l-ugwaljanza bejn il-ġeneri; ifakkar fl-obbligu tal-Kummissjoni li takkumpanja l-proposti leġiżlattivi kollha b'valutazzjoni tal-impatt meta jkun previst li jkollhom impatt ekonomiku, soċjali u ambjentali sinifikanti sabiex tiggarantixxi, fost affarijiet oħra, distribuzzjoni ġusta tal-fondi;

49. Jinnota li r-rieżami tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar ir-Reġistru tat-Trasparenza huwa previst għal Lulju 2025; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-proċess ikun miftuħ kemm jista' jkun, tallinja r-rekwiżiti ta' rapportar finanzjarju fil-kategoriji kollha ta' reġistranti (inklużi s-sorsi ta' finanzjament u l-baġits tal-lobbying), filwaqt li tindirizza wkoll ir-riskju identifikat fir-Rapport Speċjali tal-Qorti dwar ir-Reġistru ta' Trasparenza tal-UE (Rapport Speċjali 05/2024) fir-rigward tal-awtodikjarazzjonijiet dwar il-kategorija ta' rappreżentanza tal-interessi; jemmen li, sabiex jiġu indirizzati r-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti, ir-riżorsi tas-segretarjat tar-Reġistru tat-Trasparenza għandhom jiżdiedu;

50. Ifakkar fis-sejbiet li ġejjin tar-Rapport Speċjali 11/2025 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri: (i) li l-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni ta' entitajiet bħala NGOs mhux dejjem ikunu konsistenti u affidabbli; (ii)

---

[1] Rapport Speċjali tal-QEA 07/2024: Is-sistemi tal-Kummissjoni għall-irkupru tan-nefqa irregolari tal-UE – Potenzjal ta' rkupru akbar u aktar malajr.

li minkejja proċess tal-għoti aktar razzjonalizzat, għad hemm problemi bil-kompletezza u l-preċiżjoni tad-data; (iii) li n-nuqqas ta' stampa ġenerali affidabbli tal-infiq tal-Unjoni fuq l-NGOs jimpedixxi li ssir analiżi utli; (iv) li s-sejħiet għal proposti fil-kampjun tal-Qorti kienu trasparenti; (v) li r-rispett għall-valuri tal-Unjoni ma jiġix ivverifikat b'mod proattiv; u (vi) li l-prattiki ta' trasparenza jvarjaw ħafna fil-kampjun tal-Qorti, fejn NGOs akbar jidher li jkollhom prestazzjoni aħjar. Jistieden lill-Kummissjoni timplimenta bis-sħiħ ir-rakkomandazzjonijiet fir-Rapport Speċjali tal-Qorti;

Rakkomandazzjonijiet

51. Jappoġġja bis-sħiħ ir-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti fir-rapport annwali tagħha dwar l-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2023 (rapport annwali għas-sena finanzjarja 2023) [1] kif ukoll fir-rapporti speċjali relatati; jistieden lill-Kummissjoni timplimentahom mingħajr dewmien u żżomm lill-awtorità ta' kwittanza infurmata dwar il-progress tal-implimentazzjoni;

52. Jistieden lill-Qorti tfittex modi, flimkien mal-Kummissjoni, biex tallinja l-metodoloġiji tagħhom għall-baġit ġenerali, bħal fil-każ tal-akkwist għall-aġenziji deċentralizzati, filwaqt li tirrispetta r-rwoli differenti;

53. Jistieden lill-Kummissjoni, b'mod partikolari:

(i) tkompli taħdem mal-Qorti sabiex iżżid il-fehim, il-konverġenza u l-komparabbiltà taż-żewġ approċċi għall-istimi diverġenti tal-iżbalji fin-nefqa tal-Unjoni;

(ii) tikkwalifika l-impatt tal-miżuri korrettivi fuq il-livell ġenerali ta' żball;

(iii) tfittex modi, flimkien mal-Qorti, biex tallinja l-metodoloġiji tagħhom fir-rigward tal-evalwazzjoni tal-iżbalji fl-akkwist, u l-istima tal-livell ta' żball għall-baġit ġenerali, bħal fil-każ tal-akkwist għall-aġenziji deċentralizzati, filwaqt li tirrispetta r-rwoli differenti;

(iv) tippreżenta lill-awtorità ta' kwittanza strateġija biex issaħħaħ l-użu tal-fondi għall-iskop maħsub tagħhom, iżżid l-assorbiment u tipprevjeni d-diżimpenji sabiex jiġi mmassimizzat il-valur miżjud tal-UE tal-Baġit tal-Unjoni;

(v) iżżid l-affidabbiltà tal-previżjoni tal-impenji pendenti bi stima aktar realistika tal-assorbiment tal-fondi tal-Unjoni biex l-awtorità ta' kwittanza tingħata previżjoni aħjar tal-iżvilupp tal-

---

[1] ĠU C, C/2024/5882, 9.10.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2024/5882/oj.

RAL matul is-snin u jiġi protett aħjar il-baġit tal-Unjoni;

(vi) tirrapporta dwar, u tipprovdi biżżejjed miżuri biex tipproteġi l-baġit tal-Unjoni mir-riskji differenti identifikati lil hinn mir-RAL, bħad-diżimpenji fil-politika ta' koeżjoni, iż-żieda fid-dejn, iż-żieda fl-iskopertura tal-baġit u l-impatt taż-żieda fl-inflazzjoni;

(vii) tipprovdi rapportar aktar trasparenti dwar l-iskopertura annwali totali tal-baġit billi tippreżenta, fir-Rapport Annwali dwar il-Ġestjoni u l-Prestazzjoni, perspettiva pluriennali dwar l-iskopertura tal-Baġit tal-Unjoni għall-garanziji baġitarji;

(viii) tissimplifika b'mod sostanzjali r-regoli u l-proċeduri u ttejjeb l-assistenza u tiżgura linji gwida konsisteni u faċli għall-utent għall-SMEs, l-applikanti ġodda, l-ispin-offs, in-negozji ġodda, l-aġenziji tal-amministrazzjoni u tal-pagamenti, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u l-partijiet ikkonċernati rilevanti l-oħra kollha mingħajr ma tikkompromietti l-kwalità tal-kontrolli;

(ix) tiżgura li l-għodod ta' mitigazzjoni fis-seħħ ikollhom biżżejjed kapaċità biex jiffaċċjaw b'mod effettiv ir-riskji ta' skopertura tal-baġit tal-Unjoni;

(x) tagħti spinta lill-isforzi biex tittejjeb it-trasparenza fl-użu tal-fondi, inkluż fir-rigward tal-informazzjoni dwar il-benefiċjarji finali, inkluż dwar il-fondi li huma allokati għat-tħejjija ta' proposti ta' politika u leġiżlattivi;

(xi) tistabbilixxi l-mezzi kollha meħtieġa biex jiġi żgurat li r-rappreżentanti ta' gruppi ta' interess kollha li javviċinaw lill-istituzzjonijiet tal-Unjoni jkunu rreġistrati fir-Reġistru tat-Trasparenza; jitlob ukoll lill-Kummissjoni tistabbilixxi mekkaniżmu effettiv biex tiżgura li l-entitajiet iffinanzjati mill-Unjoni fir-Reġistru tat-Trasparenza huma allinjati mal-valuri tal-Unjoni u teżiġi trasparenza sħiħa dwar il-finanzjament tagħhom, filwaqt li tipprovdi għarfien aktar profond dwar il-finanzjament tal-entitajiet kollha rreġistrati, li għandha tkun il-kundizzjoni biex jiġu avviċinati l-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji kollha tal-Unjoni;

(xii) tiggarantixxi, flimkien mal-Parlament u mal-Kunsill, riżorsi adegwati għas-segretarjat tar-Reġistru ta' Trasparenza sabiex jiġi żgurat li l-entrati dwar l-attivitajiet ta' lobbying tar-rappreżentanti kollha tal-gruppi ta' interess ikunu jistgħu jiġu vverifikati għall-preċiżjoni u li l-lobbying isir aktar trasparenti kif mitlub mill-Qorti fir-Rapport Speċjali 05/2024 dwar ir-Reġistru ta' Trasparenza tal-UE; jistieden lill-Kummissjoni talloka riżorsi adegwati biex tidentifika irregolaritajiet biex tiggarantixxi firxa wiesgħa ta' kapaċitajiet ta' tiftix;

(xiii) tirrikjedi li r-rappreżentanti ta’ gruppi ta’ interess fir-Reġistru tat-Trasparenza jelenkaw is-sosenituri finanzjarji tagħhom billi jiddikjaraw huma stess li qed jirrappreżentaw biss l-interessi tagħhom jew l-interessi kollettivi tal-membri tagħhom u jipproponu emenda għall-Anness II tal-Ftehim Interistituzzjonali tal-20 ta’ Mejju 2021 biex jintalbu jelenkaw dawk li jappoġġjawhom finanzjarjament fir-Reġistru tat-Trasparenza tal-UE, anke jekk jiddikjaraw f’dak ir-reġistru li qed jirrappreżentaw biss l-interessi tal-membri tagħhom stess; tħeġġeġ lill-entitajiet diġà rreġistrati li ma jkunux elenkaw ir-riżorsi finanzjarji tagħhom permezz ta’ awtodikjarazzjoni biex jiddikjarawhom b’mod volontarju qabel ma jiġi emendat il-ftehim interistituzzjonali;

(xiv) tkompli tappoġġja lill-Istati Membri biex itejbu kemm il-kwalità kif ukoll l-kwantità ta’ kontrolli u biex jikkondividu l-aħjar prattiki fil-ġlieda kontra l-frodi u l-korruzzjoni;

(xv) tindirizza s-sitwazzjoni rigward ordnijiet ta’ rkupru tard u tieħu l-miżuri kollha meħtieġa biex tirkupra l-maġġoranza tal-ammont pendenti għall-perjodu 2014-2023, inkluża l-implimentazzjoni ta’ mekkaniżmi ta’ eskalazzjoni korporattiva, u żżomm lill-awtorità ta’ kwittanza infurmata dwar il-progress li jkun sar fl-irkupru tas-somom;

(xvi) issaħħaħ il-kapaċità tal-Arkitettura tal-Unjoni Kontra l-Frodi, inkluż il-forniment ta’ riżorsi finanzjarji u umani suffiċjenti, u tiffaċilita l-kooperazzjoni bejniethom;

Dħul

54. Jilqa’ l-fatt li għall-2023, il-Qorti tista’ wkoll toħroġ opinjoni favorevoli dwar il-legalità u r-regolarità tad-dħul; jisħaq, fl-istess ħin, li l-problemi relatati man-nuqqas ta’ dikjarazzjoni jew id-dikjarazzjoni skorretta tad-dazji doganali (diskrepanza doganali) li jwasslu għal nuqqas fid-dazji fuq l-importazzjoni miġbura ilha problema persistenti għal bosta snin u tista’ potenzjalment tinvolvi telf ta’ riżorsi proprji tradizzjonali għall-Unjoni u għall-Istati Membri;

55. Jinnota bi tħassib serju li l-Qorti eżaminat l-implimentazzjoni tal-Pjan ta’ Azzjoni Doganali tal-Kummissjoni, li għandu l-potenzjal iwassal għal tnaqqis sinifikanti tad-distakk doganali, u reġgħet identifikat progress insuffiċjenti fl-implimentazzjoni ta’ xi azzjonijiet minn dan il-pjan; jinnota li l-Kummissjoni, bħala parti minn dan il-pjan, ipproponiet riforma doganali f’Mejju 2023 [1], inkluż l-istabbiliment tal-Awtorità Doganali tal-UE u l-Pjattaforma tad-Data Doganali tal-UE;

56. Ifakkar li l-Qorti enfasizzat ir-riskji li kontrolli doganali inadegwati

[1] COM(2023) 258.

jew ineffettivi ta’ merkanzija importata għandhom fuq l-interessi finanzjarji tal-UE; ifaħħar l-isforzi li saru mill-OLAF fil-ġlieda kontra l-Frodi marbuta mad-dazji doganali u l-VAT; jissottolinja ż-żieda fir-riskji tal-kummerċ elettroniku u tal-pjattaformi online minħabba theddid potenzjali għas-sigurtà u s-sikurezza u r-riskju ta’ nuqqas ta’ konformità mar-regoli tat-tassazzjoni u doganali tal-UE, l-istandards tal-prodotti, id-drittijiet tal-proprjetà intellettwali, il-projbizzjonijiet u r-restrizzjonijiet;

57. Jinnota bi tħassib li l-Qorti żvelat li l-Kummissjoni ma talbitx imgħaxijiet ta’ inadempjenza għal sitt każijiet relatati ma’ korrezzjonijiet tard għad-data tal-ING mill-Istati Membri fejn il-Kummissjoni esprimiet xi riżervi; jaqbel mal-Qorti li l-Kummissjoni, bħala kwistjoni ta’ prinċipju, għandha titlob imgħaxijiet ta’ inadempjenza f’tali każijiet sabiex toħloq inċentiv għall-Istati Membri biex jindirizzaw ir-riżervi sal-iskadenzi;

58. Jinnota b’sodisfazzjon li r-riżorsa proprja l-ġdida bbażata fuq skart mhux irriċiklat mill-imballaġġ tal-plastik iġġenerat mill-Istati Membri fl-2023 kienet tammonta għal EUR 7,2 biljun, ekwivalenti għal 4,0 % tad-dħul totali tal-UE; jinnota wkoll li l-Qorti identifikat [1] xi problemi relatati mal-affidabbiltà u l-komparabbiltà tad-data; jisħaq li dan jipprovdi eżempju eċċellenti ta’ riżorsa proprja ġdida, peress li joħloq inċentivi pożittivi għall-Istati Membri biex inaqqsu l-volum ta’ imballaġġ tal-plastik mhux irriċiklat filwaqt li fl-istess ħin jiġġenera fluss ta’ dħul ġdid għall-Unjoni;

59. Jisħaq li l-proposti tal-Kummissjoni dwar riżorsi proprji ġodda mill-2021 li jinkludu tliet elementi, l-ewwel wieħed ibbażat fuq id-dħul mill-iskambju ta’ kwoti tal-emissjonijiet (ETS), it-tieni bbażat fuq ir-riżorsi ġġenerati mill-mekkaniżmu ta’ aġġustament tal-karbonju fil-fruntieri tal-Unjoni, u t-tielet ibbażat fuq is-sehem ta’ profitti residwi minn kumpaniji multinazzjonali li se jiġu riallokati lill-Istati Membri fl-ambitu tal-ftehim tal-OECD/G20 dwar riallokazzjoni tad-drittijiet ta’ tassazzjoni (“l-Ewwel Pilastru”), huma kandidati ovvji għal riżorsi ġodda bħal dawn; fl-istess waqt, jirrimarka li jistgħu jitqiesu wkoll sorsi oħra jekk dawn ikunu aktar faċli għall-Istati Membri biex japprovawhom; jilqa’ inizjattivi oħra li jistgħu jwasslu għal riżorsi proprji ġodda għall-baġit tal-Unjoni;

60. Jistieden lill-Kummissjoni, b’mod partikolari:

(i) iżżid l-enfasi u l-pressjoni fuq l-implimentazzjoni tal-Pjan ta’ Azzjoni Doganali u mhux l-anqas il-proposta għal riforma doganali sinifikanti minn Mejju 2023, inkluż l-istabbiliment tal-Awtorità Doganali tal-UE u l-Pjattaforma tad-Data Doganali tal-

---

[1] Rapport Speċjali tal-QEA 16/2024: Id-dħul tal-UE bbażat fuq l-iskart mhux irriċiklat mill-imballaġġ tal-plastik – Bidu diffiċli mxekkel minn data li mhijiex suffiċjentement kumparabbli jew affidabbli.

UE; tiżgura li l-Istati Membri jimplimentaw penali effettivi, proporzjonati u dissważivi għan-nuqqas ta' konformità mal-obbligi ta' rapportar; tibda proċedimenti ta' ksur f'dawk il-każijiet fejn ikun hemm biżżejjed evidenza li l-Istati Membri qed jimplimentaw sistema ta' penali li b'mod ċar hija inadegwata għall-ksur tad-Direttiva dwar il-Kooperazzjoni Amministrattiva 6 [1] (DAC 6);

(ii) tinsisti fuq l-importanza li tiġi intensifikata u diversifikata l-kooperazzjoni doganali internazzjonali mas-sħab kummerċjali u tenfasizza l-ħtieġa li tissaħħaħ il-ġlieda kontra l-frodi fiskali u doganali transfruntiera fil-kuntest tal-espansjoni tal-kummerċ elettroniku;

(iii) toħloq inċentivi għall-Istati Membri biex jindirizzaw ir-riżervi relatati mal-korrezzjonijiet tad-data tal-ING mill-Istati Membri sal-iskadenzi billi timponi imgħaxijiet ta' inadempjenza;

(iv) tkompli taħdem biex jiġu introdotti riżorsi proprji ġodda addizzjonali;

Suq Uniku, Innovazzjoni u Diġitali

61. Jinnota li l-baġit għall-programmi fl-ambitu tal-Intestatura 1 tal-QFP "Suq Uniku, Innovazzjoni u Diġitali" kien ta' EUR 25,3 biljun (13,2 % tal-baġit tal-Unjoni) imqassam kif ġej: EUR 15,3-il biljun (60,5 %) għar-Riċerka, EUR 4,1 biljun (16,1 %) għat-Trasport, l-Enerġija u Diġitali, EUR 2,3 biljun (9,1 %) għall-Programm InvestEU, EUR 2,2 biljun (8,7 %) għall-Ispazju, u EUR 1,4 biljun (5,6 %) għal oqsma oħra;

62. Jinnota li l-Qorti eżaminat 127 tranżazzjoni li jkopru l-firxa sħiħa ta' nfiq fl-ambitu ta' din l-intestatura tal-QFP, b'mod partikolari l-programm Orizzont 2020 (90 tranżazzjoni), Orizzont Ewropa (7 tranżazzjonijiet), il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (FNE), il-programmi spazjali u l-istrumenti finanzjarji, u wkoll li rrieżaminat is-sistema ta' kontroll *ex ante* tal-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Klima, l-Infrastruttura u l-Ambjent (CINEA) għall-għotjiet tal-FNE fis-setturi tat-trasport u l-enerġija u l-informazzjoni dwar ir-regolarità li ngħatat fir-rapporti annwali tal-attività tad-Direttorat Ġenerali għar-Riċerka u l-Innovazzjoni u l-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għas-Saħħa u għall-Qasam Diġitali (HADEA);

63. Jinnota li l-Qorti tistma li fl-2023 il-livell ta' żball fl-infiq fuq is-"Suq Uniku, Innovazzjoni u Diġitali" kien materjali fil-livell ta' 3,3 %;

---

[1] Id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2018/822 tal-25 ta' Mejju 2018 li temenda d-Direttiva 2011/16/UE dwar l-iskambju awtomatiku u obbligatorju ta' informazzjoni fil-qasam tat-tassazzjoni fir-rigward ta' arranġamenti transkonfinali rapportabbli (ĠU L 139, 5.6.2018, p. 1; ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2018/822/oj).

jinnota l-osservazzjoni tal-Qorti li n-nefqa fuq ir-riċerka u l-innovazzjoni hija l-aktar affettwata minn żball, b'mod partikolari fil-qasam tal-ispejjeż tal-persunal; jinnota wkoll li l-Kummissjoni tistma r-riskju fil-waqt tal-pagament bħala 1,4 % għal din l-intestatura, li huwa fin-nofs l-aktar baxx tal-firxa tal-istima tal-Qorti; jinsab imħasseb dwar il-konklużjoni tal-Qorti li r-riskju fil-waqt tal-pagament tal-Kummissjoni għal din l-intestatura jibqa' sottovalutazzjoni, minħabba dgħufijiet identifikati mill-Qorti fl-awditi *ex post* tal-Kummissjoni f'dan il-qasam mis-sena finanzjarja 2019 [1];

64. Jinnota bi tħassib li 39 (31 %) mill-127 tranżazzjoni li l-Qorti eżaminat kien fihom żbalji; huwa mħasseb ħafna li għal seba' każijiet ta' żbalji kwantifikabbli li saru mill-benefiċjarji, il-Kummissjoni (jew l-awdituri inkarigati mill-benefiċjarji) kellha biżżejjed informazzjoni biex tipprevjeni, jew tidentifika u tikkoreġi l-iżball qabel ma aċċettat in-nefqa u li għalhekk, kieku l-Kummissjoni għamlet użu xieraq mill-informazzjoni kollha għad-dispożizzjoni tagħha, il-livell ta' żball stmat għal dan il-kapitolu kien ikun ta' 1,4 punti perċentwali aktar baxx; jenfasizza li dan jindika dgħufijiet fil-kontrolli tal-Kummissjoni;

Riċerka u innovazzjoni

65. Jenfasizza l-importanza ta' programmi ta' finanzjament tar-riċerka u l-innovazzjoni (R&I) tal-Unjoni għall-iżvilupp xjentifiku, soċjetali, ekonomiku u teknoloġiku tal-Unjoni, biex jitnaqqsu l-inugwaljanzi, jinkisbu t-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, u titnaqqas id-dipendenza enerġetika tal-Unjoni fuq ir-Russja; ifakkar li Orizzont Ewropa huwa l-aktar programm sinifikanti ta' riċerka u innovazzjoni fl-Ewropa, b'baġit totali ta' EUR 95,5 biljun għall-2021-2027, inklużi EUR 5,4 biljun mill-istrument tan-Next Generation EU; jinnota li l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza allokat madwar EUR 48 biljun f'investimenti għar-riċerka u l-innovazzjoni; jissottolinja li sabiex tissaħħaħ il-kompetittività tal-Unjoni u titnaqqas id-diskrepanza fl-innovazzjoni, huwa meħtieġ finanzjament addizzjonali għar-riċerka u l-innovazzjoni, filwaqt li jitqiesu r-rakkomandazzjonijiet pertinenti tar-rapport ta' Draghi; jenfasizza, b'mod partikolari, il-ħtieġa li jiżdied l-infiq fuq ir-riċerka u l-innovazzjoni relatati mad-difiża minħabba l-kundizzjonijiet ġeopolitiċi attwali, li jistgħu jservu bħala komponent importanti tal-istrateġija tal-politika tal-innovazzjoni;

66. Jinnota li l-predeċessur tagħha, Orizzont 2020, b'baġit ta' EUR 75,6 biljun iffinanzja aktar minn 35 000 proġett bejn l-2014 u l-2020 u s-sejħiet tiegħu attiraw aktar minn miljun applikazzjoni individwali minn 177 pajjiż; jinnota wkoll li fis-seduta ta' smigħ tagħha għall-kwittanza tal-2023, il-Kummissarju Ivanova ssottolinjat il-valur miżjud tal-UE tal-programmi ta' finanzjament tar-riċerka u l-innovazzjoni tal-UE, u spjegat li l-evalwazzjoni finali ta' Orizzont 2020 stmat li, għal kull euro ta' spejjeż marbuta mal-programm se

[1] Rapport Annwali 2023 tal-QEA, il-paragrafu 1.35.

jiġu ġġenerati ħames euro f'benefiċċji għas-soċjetà sal-2040; jesprimi dispjaċir kbir li 74 % tal-proposti vvalutati bħala ta' kwalità għolja minn esperti indipendenti ma setgħux jiġu ffinanzjati minħabba restrizzjonijiet baġitarji; jinnota li kienu jkunu meħtieġa EUR 159 biljun addizzjonali biex jiġu ffinanzjati l-proposti kollha ta' kwalità għolja; jisħaq fuq l-importanza li jiġi żgurat finanzjament suffiċjenti għar-riċerka u l-innovazzjoni tal-Unjoni, mhux l-anqas biex jiżdiedu l-kompetittività u l-prosperità tal-Unjoni, f'konformità mal-aġenda strateġika tal-Unjoni għall-2024-2029;

67. Jinnota l-adozzjoni tard tal-bażijiet legali ta' Orizzont Ewropa fl-2021 u jilqa' l-fatt li l-Kummissjoni rnexxielha tilħaq kważi l-implimentazzjoni sħiħa tal-baġit fl-2023; jinnota li l-għadd ta' ftehimiet ta' għotja ffirmati sa tmiem l-2023 kien ta' 10 674 u ġew iffirmati żewġ ftehimiet qafas oħra;

68. Jinnota bi tħassib li l-Qorti sabet żbalji relatati ma' spejjeż ineliġibbli fi 30 mis-97 tranżazzjoni ta' riċerka u innovazzjoni fil-kampjun tagħha, u li dawn l-iżbalji jirrappreżentaw 71 % tal-livell stmat ta' żball mill-Qorti għal din l-intestatura fl-2023; itenni t-tħassib tiegħu li wara 9 snin ta' implimentazzjoni tal-programm Orizzont 2020, il-kalkolu tal-ispejjeż tal-persunal jibqa' sors ewlieni ta' żbalji, peress li 22 mit-30 tranżazzjoni ta' riċerka bi żbalji kwantifikabbli fil-kampjun tal-Qorti (madwar 73 %) huma affettwati mill-applikazzjoni skorretta tal-metodoloġija għall-kalkolu tal-ispejjeż tal-persunal; jirrikonoxxi l-isforzi kontinwi kemm tal-Kummissjoni kif ukoll tal-Qorti biex tiġi rrimedjata din is-sitwazzjoni; jilqa' l-fatt li l-Kummissjoni aċċettat ir-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti biex tittejjeb il-konformità tal-benefiċjarji mar-regoli tar-rata ta' kuljum u biex tiġi żgurata ċarezza dwar ir-regoli tar-rata ta' kuljum fid-dokumenti ta' Orizzont Ewropa;

69. Jissottolinja l-importanza li jiġu ssimplifikati r-regoli u l-proċeduri li jirregolaw il-finanzjament tar-riċerka u l-innovazzjoni tal-Unjoni; jinnota li fl-2023, il-Kummissjoni kompliet tintroduċi għażliet ta' spejjeż issimplifikati bħal somom f'daqqa u spejjeż unitarji f'Orizzont Ewropa; jinnota wkoll il-kummenti li għamel id-Direttur Ġenerali għar-Riċerka u l-Innovazzjoni fl-iskambju ta' fehmiet mal-Kumitat CONT li l-Kummissjoni beħsiebha żżid l-iżborż tal-fondi ta' Orizzont Ewropa permezz ta' somom f'daqqa għal 50 % sal-2027; jilqa' l-fatt li l-Kummissjoni, filwaqt li tqis ir-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti maħruġa fir-rapporti annwali tagħha għall-2022, se tispeċifika ulterjorment ir-rekwiżiti li jiddefinixxu l-implimentazzjoni xierqa tal-għotjiet ta' somma f'daqqa, inklużi l-elementi ta' kull pakkett ta' ħidma li jiskatta pagament, u se tipprovdi wkoll gwida dettaljata lil dawk involuti fil-valutazzjoni tal-implimentazzjoni tal-proġetti; jinnota wkoll li, kif deskritt fil-valutazzjoni tal-Kummissjoni tal-Finanzjament ta' Somma f'Daqqa f'Orizzont 2020 u Orizzont Ewropa 2018-2024, il-benefiċjarji japprezzaw aktar ċarezza dwar kif l-għotjiet ta' somma f'daqqa jiġu awditjati; huwa mħasseb li l-istrateġija ta' awditjar *ex post* għall-Orizzont Ewropa għadha mhijiex żviluppata;

70. Jisħaq fuq ir-rwol kruċjali tas-settur privat biex jindirizza d-distakk fl-innovazzjoni fl-Unjoni u jtejjeb il-kompetittività u l-prosperità tal-Unjoni; jemmen, b'mod partikolari, li huwa essenzjali li tkompli tiġi promossa u ffaċilitata kemm jista' jkun il-parteċipazzjoni tal-SMEs fil-programmi ta' finanzjament tar-riċerka u l-innovazzjoni tal-Unjoni; jinnota l-konklużjoni tal-Qorti li l-SMEs u l-parteċipanti l-ġodda huma aktar suxxettibbli li jagħmlu żbalji minn benefiċjarji oħra peress li ma għandhomx l-esperjenza u r-riżorsi biex jamministraw il-fondi; jilqa' l-isforzi li għamlet il-Kummissjoni biex tappoġġja speċifikament lill-SMEs, pereżempju permezz ta' kampanji ta' informazzjoni, kuntatti mas-sistema ta' Punti ta' Kuntatt Nazzjonali u l-helpdesk iddedikat tas-Servizz ta' Informazzjoni dwar ir-Riċerka; iqis li s-simplifikazzjoni tar-regoli u l-proċeduri hija l-mutur ewlieni għal parteċipazzjoni akbar tal-SMEs;

Enerġija, Trasport u Diġitali

71. Jenfasizza l-importanza tal-investimenti tal-Unjoni fl-iżvilupp ta' networks trans-Ewropej bi prestazzjoni għolja, sostenibbli u interkonnessi b'mod effiċjenti fl-oqsma tat-trasport, l-enerġija u s-servizzi diġitali u jinnota li l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (FNE), b'nefqa ta' EUR 4,1 biljun fl-2023, hija strument ewlieni tal-Unjoni għat-twettiq ta' dawn l-objettivi;

72. Jiġbed l-attenzjoni għall-ħtieġa li jiġu ssimplifikati l-proċeduri ta' applikazzjoni fl-ambitu tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa għat-Trasport (FNE-T) sabiex l-entitajiet iżgħar u l-inizjattivi lokali jkunu jistgħu jipparteċipaw aktar fl-iżvilupp tal-infrastruttura Ewropea tat-trasport; jiddispjaċih li l-baġit tal-FNE-T ma jkoprix il-ħtiġijiet kollha għal investimenti sostenibbli fit-trasport u li fil-biċċa l-kbira l-baġit tal-FNE-T diġà ġie allokat, u dan iħalli distakk fil-finanzjament sal-2027;

73. Ifakkar li l-gwerra ta' aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna u s-sanzjonijiet li konsegwentement ġew imposti fuq ir-Russja baqa' jkollhom impatt ħażin fuq is-settur tat-trasport tal-Unjoni fl-2023 u dan wassal għal nuqqas ta' għażliet ta' trasport, konġestjonijiet fil-katina tal-provvista u l-ħtieġa li jiġu evitati rotot tradizzjonali, u b'hekk ittawlu l-ħinijiet tal-ivvjaġġar u żdiedu l-ispejjeż; jirrimarka li r-reġjuni tal-fruntiera tal-Lvant, speċjalment fl-Istati Baltiċi, il-Finlandja, il-Polonja u r-Rumanija, ġew affettwati b'mod partikolari minn telf ekonomiku u waqfien tal-mobbiltà transfruntiera bħala konsegwenza tal-aggressjoni Russa; jistieden lill-Kummissjoni tintroduċi miżuri mmirati, inkluż fil-QFP li jmiss, biex tiffaċilita l-irkupru tar-reġjuni affettwati;

74. Jistieden lill-Kummissjoni twettaq rieżami komprensiv tal-finanzjament allokat lill-proġetti ta' infrastruttura transfruntiera u multinazzjonali, li qed jiffaċċjaw sfidi sinifikanti ta' implimentazzjoni, diffikultajiet finanzjarji, jew dewmien, bħall-proġett Rail Baltica;

jirrimarka li dan ir-rieżami għandu jindirizza l-ineffiċjenzi fl-ippjanar u l-ġestjoni kif ukoll iż-żidiet fl-ispejjeż tal-kostruzzjoni li jheddu l-iskedi ta' żmien u l-objettivi tal-proġetti; itenni li trasparenza akbar fil-ġestjoni tal-fondi pubbliċi żżid il-fiduċja taċ-ċittadini fl-istituzzjonijiet tal-Unjoni;

75. Jinnota bi tħassib li l-Qorti sabet żewġ żbalji fil-proġetti tal-FNE fil-kampjun tagħha tal-2023, u li wieħed minn dawn jirrigwarda ksur serju tar-regoli tal-Unjoni dwar l-akkwist pubbliku, u dan wassal biex il-kuntratt jingħata lil konsorzju li ma ssodisfax il-kriterji tal-għażla u li dan l-iżball ikkontribwixxa għal 28 % tar-rata ta' żball stmata għall-Intestatura 1;

76. Huwa mħasseb ħafna dwar is-sejbiet tal-Qorti fir-rigward tas-sistema ta' kontroll *ex ante* tal-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Klima, l-Infrastruttura u l-Ambjent (CINEA) għall-għotjiet tal-FNE fis-setturi tat-trasport u l-enerġija, b'mod partikolari l-konklużjoni tal-Qorti li filwaqt li l-istrateġiji kemm għall-FNE1 (2014-2020) kif ukoll għall-FNE2 (2021-2027) huma bbażati fuq analiżi tajba tar-riskji u l-irregolaritajiet tal-passat, il-linji gwida għall-kontrolli *ex ante* fuq l-akkwist ma kinux iddettaljati biżżejjed; jappoġġja bis-sħiħ ir-rakkomandazzjoni tal-Qorti li l-Kummissjoni għandha tkompli tiżviluppa dawn il-linji gwida;

Rakkomandazzjonijiet

77. Jistieden lill-Kummissjoni:

(i) tiżgura l-forniment ta' riżorsi adegwati biex jiġu appoġġjati l-proposti ta' proġetti ta' riċerka u innovazzjoni ta' kwalità għolja b'valur miżjud tal-UE fuq terminu qasir permezz tal-abbozz tal-baġit tal-2026 u fuq terminu medju permezz tal-proposta tal-Kummissjoni għall-Qafas Finanzjarju Pluriennali li jmiss;

(ii) tkompli tissimplifika r-regoli u l-proċeduri f'konformità mar-regolament finanzjarju l-ġdid, tappoġġja sessjonijiet ta' taħriġ u informazzjoni faċli għall-utent, konsistenti u prattika għall-applikanti fl-Istati Membri, b'mod partikolari għall-SMEs, l-applikanti ġodda, l-ispin-offs, in-negozji ġodda, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili jew il-gruppi ta' azzjoni lokali u tħeġġeġ applikazzjonijiet minn benefiċjarji fi Stati Membri b'parteċipazzjoni aktar limitata, kif ukoll minn entitajiet iżgħar;

(iii) tkompli tapplika regoli u proċeduri ssimplifikati, miżuri ta' diġitalizzazzjoni u għażliet ta' spejjeż issimplifikati (SCOs) filwaqt li tindirizza, b'mod partikolari, ir-riskju ta' irregolaritajiet u frodi u l-ispejjeż tal-kontrolli, u tiffinalizza l-istrateġija ta' awditjar *ex post* għal Orizzont Ewropa mill-aktar fis possibbli;

(iv) tispeċifika aktar ir-rekwiżiti għad-definizzjoni tal-implimentazzjoni xierqa tal-għotjiet ta' somma f'daqqa, filwaqt li tqis ir-rakkomandazzjonijiet pertinenti tal-Qorti mir-Rapport Annwali tagħha tal-2022, u tivverifika l-implimentazzjoni reali tal-proġetti bl-użu ta' somom f'daqqa;

(v) twettaq analiżi bir-reqqa tal-iżbalji fl-akkwist li nstabu u tiżviluppa aktar il-linji gwida li jiddeskrivu l-firxa tal-kontrolli li għandhom jitwettqu għal kontrolli *ex ante* fuq l-akkwist għall-proġetti tal-FNE, kif rakkomandat mill-Qorti;

Koeżjoni, Reżiljenza u Valuri

78. Jisħaq fuq l-importanza tal-politika ta' koeżjoni tal-Unjoni għall-konverġenza u l-iżvilupp ekonomiċi u territorjali fir-reġjuni tal-Unjoni, kif ukoll għall-appoġġ għall-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali; jinnota li l-baġit għall-programmi fl-ambitu tal-Intestatura 2 tal-QFP "Koeżjoni, Reżiljenza u Valuri" kien ta' EUR 73,3 biljun (38,4 % tal-baġit tal-Unjoni) imqassam kif ġej: 47,8 % għall-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) u operazzjonijiet reġjonali oħra, 18,9 % għall-Fond Soċjali Ewropew (FSE), 9,8 % għall-Fond ta' Koeżjoni (FK), 3,8 % għall-Erasmus+, 2,1 % għat-Trasport tal-FNE, u 3,8 % għal oqsma oħra;

79. Jinnota li l-Qorti eżaminat kampjun ta' 238 tranżazzjoni li jkopru l-firxa sħiħa ta' nfiq fl-ambitu tal-Intestatura 2 tal-QFP; jinnota bi tħassib li l-livell ġenerali stmat ta' żball tal-Qorti fin-nefqa fl-ambitu ta' din l-intestatura fl-2023 żdied għal 9,3 %, li huwa ferm ogħla mil-livell limitu ta' materjalità; jiġbed l-attenzjoni għaż-żieda qawwija fil-livell ġenerali ta' żball stmat mill-Qorti fl-2023 meta mqabbel mas-snin preċedenti (6,4 % fl-2022, 3,6 % fl-2021);

80. Huwa mħasseb dwar l-osservazzjoni tal-Qorti li r-riżorsi addizzjonali sinifikanti li huma disponibbli fl-ambitu tal-Assistenza fl-Irkupru għall-Koeżjoni u għat-Territorji tal-Ewropa (REACT-EU), it-tmiem li daqt jasal tal-perjodu ta' eliġibbiltà għall-programmi tal-2014-2020 (il-31 ta' Diċembru 2023), u l-implimentazzjoni parallela tal-programm tan-Next Generation EU poġġew pressjoni addizzjonali fuq l-amministrazzjonijiet tal-Istati Membri, u dan żied ir-riskju ta' żbalji; huwa partikolarment imħasseb dwar il-prattika li jitnaqqas il-kofinanzjament tal-Istati Membri, kif inhu l-każ fl-ambitu ta' REACT-EU, tal-Inizjattiva ta' Investiment għall-Coronavirus (CRII) u tas-CRII+, li tnaqqas is-sjieda u l-inċentivi assoċjati għas-sorveljanza xierqa tan-nefqa; jinnota mir-risposti tal-Kummissjoni r-rikonoxximent li xi awtoritajiet setgħu wettqu kontrolli u verifiki anqas effettivi minħabba l-volum eċċessiv ta' xogħol u ż-żieda fil-pressjoni tal-implimentazzjoni parallela tal-programmi 2014-2020 u ta' finanzjament addizzjonali fl-ambitu tan-Next Generation EU;

81. Jinnota l-analiżi tal-Qorti tat-tranżazzjonijiet b'finanzjament addizzjonali permezz ta' REACT-EU u flessibbiltà permezz tas-CRII+ u l-Azzjoni ta' Koeżjoni għar-Refuġjati fl-Ewropa (CARE) u l-kontribut tagħhom għal-livelli stmati ta' żball; jinnota b'mod partikolari l-konklużjoni li l-iżbalji li nstabu f'100 % tal-prijoritajiet iffinanzjati mill-UE kkontribwew għal 5,0 % tal-livell ta' żball totali stmat ta' 9,3 %; jinsab imħasseb li ż-żieda fil-flessibbiltajiet, mingħajr ma jitnaqqsu r-rekwiżiti jew jiżdiedu l-verifiki u l-kontrolli preventivi fl-istess ħin, ikkontribwiet għar-rata għolja ta' żball;

82. Jinnota l-Analiżi 03/2024 tal-Qorti "An overview of the assurance framework and the key factors contributing to errors in 2014-2020 cohesion spending" (Ħarsa ġenerali lejn il-qafas ta' aċċertament u l-fatturi ewlenin li jikkontribwixxu għall-iżbalji fl-infiq fuq il-koeżjoni 2024-2020) li tipprovdi ħarsa ġenerali pluriennali li tkopri sitt snin ta' riżultati tal-awditjar, inkluża valutazzjoni tal-kwistjonijiet ta' ġestjoni u kontroll, bl-għan li jissaħħaħ il-mudell ta' aċċertament; huwa mħasseb dwar il-konklużjoni tal-Qorti li għalkemm il-qafas ta' aċċertament għall-politika ta' koeżjoni għen biex jitnaqqas il-livell ta' żball, dan ma kienx effettiv biex iġib il-livell ġenerali ta' żball taħt il-limitu ta' materjalità ta' 2 %; jinsab imħasseb li l-Kummissjoni tista' tiddependi biss sa ċertu punt fuq il-ħidma tal-awtoritajiet nazzjonali tal-awditjar, minħabba d-dgħufijiet sistematiċi; jappoġġja r-rakkomandazzjoni tal-Qorti lill-Kummissjoni biex issaħħaħ l-implimentazzjoni tal-qafas ta' aċċertament għall-infiq fuq il-koeżjoni 2021-2027; ifakkar lill-Kummissjoni dwar it-talba tal-awtorità ta' kwittanza biex taħdem mill-qrib mal-Istati Membri biex ittejjeb is-sistema ta' ġestjoni u kontroll għan-nefqa tal-Unjoni biex tnaqqas ir-rata għolja ta' żball għal taħt il-livell limitu ta' materjalità ta' 2 %;

83. Jinnota l-osservazzjoni tal-Qorti fl-analiżi tagħha dwar l-affidabbiltà tal-ħidma ta' atturi ewlenin fis-sistema ta' kontroll għall-politika ta' koeżjoni; jinsab imħasseb dwar is-sejba tal-Qorti li matul perjodu ta' 6 snin, l-awtoritajiet maniġerjali, l-ewwel linja ta' difiża għad-detezzjoni u għall-prevenzjoni tal-iżbalji, mhumiex effettivi biżżejjed biex jimmitigaw ir-riskju għoli inerenti ta' żball fil-politika ta' koeżjoni; iqis li huwa saħansitra aktar inkwetanti li l-Qorti sabet li t-tieni linja ta' difiża, l-awtoritajiet tal-awditjar tal-Istati Membri, ma jistgħux jiddeterminaw ir-rata ta' żball korretta għall-pakketti ta' nefqa li jawditjaw u jipprovdu aċċertament dwarhom, peress li l-Qorti sabet żbalji addizzjonali f'mill-anqas 39 % ta' dawn il-pakketti; jinnota li dawn l-iżbalji nstabu u ġew irrapportati mill-Qorti kull sena għal aktar minn 6 snin u li għalhekk hemm problema sistemika;

84. Jinnota l-kategorizzazzjoni mill-Qorti tal-iżbalji li nstabu fin-nefqa fuq il-koeżjoni, bi proġetti ineliġibbli jammontaw għal 29 %, l-ispejjeż ineliġibbli għal 26 % u nuqqas serju ta' konformità fil-proċeduri ta' akkwist pubbliku jammontaw għal 21 % tal-iżbalji u n-nefqa relatata mal-FEŻR u l-FK jammontaw għall-akbar sehem ta' żbalji (80 %); jinnota li n-nefqa fl-ambitu tal-FSE+, tal-YEI (Inizjattiva favur l-

Impjieg taż-Żgħażagħ) u tal-FEAD (Fond għal Għajnuna Ewropea għall-Persuni l-Aktar fil-Bżonn) hija proporzjonalment anqas affetwata mill-iżbalji peress li flimkien dawn jammontaw għal 16 % tal-iżbalji, filwaqt li flimkien jammontaw għal madwar 20 % tal-baġit fl-ambitu ta' din l-intestatura;

85. Jinnota l-istudju kkummissjonat mill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit bit-titolu "Lessons learned from the implementation of crisis response tools" (It-tagħlimiet meħuda mill-implimentazzjoni ta' għodod ta' rispons għall-kriżijiet) li juri li l-assorbiment ta' riżorsi ta' koeżjoni mhux impenjati kien appoġġjat mill-flessibbiltajiet introdotti fl-ambitu tas-CRII u tas-CRII+; jinsab imħasseb dwar is-sejba tar-riċerkaturi li l-kwalità tal-proġetti rapidi għandha mnejn ma laħqitx l-istess livell bħall-investimenti qabel il-pandemija; huwa mħasseb ukoll dwar l-osservazzjoni tar-riċerkaturi li r-riskju ta' proġetti ta' kwalità baxxa huwa kompletament kopert mill-Baġit tal-Unjoni, minħabba finanzjament kompletament mill-UE fis-CRII, fis-CRII+ u f'REACT-EU; iqis li finanzjament kompletament mill-UE jista' jgħin l-assorbiment, iżda li l-assorbiment mhuwiex għan fih innifsu;

86. Jisħaq li, fl-aktar opinjonijiet reċenti tiegħu dwar il-kwittanza, il-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali talab appoġġ konsultattiv addizzjonali mill-Kummissjoni lill-awtoritajiet nazzjonali, lokali u reġjonali biex tiġi evitata sitwazzjoni ta' piż amministrattiv żejjed; jirrikonoxxi l-isforzi tal-Kummissjoni iżda josserva li, sfortunatament, dawn ma kinux biżżejjed biex itaffu r-riskju ta' żball; iwissi li għandu mnejn ikun hemm piż amministrattiv żejjed simili fi tmiem il-perjodu ta' eleġibbiltà tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u fl-aħħar snin tal-QFP; jissottolinja l-ħtieġa li l-kapaċità amministrattiva insuffiċjenti tal-awtoritajiet nazzjonali, lokali u reġjonali tiġi indirizzata b'mod urġenti; jistieden lill-Kummissjoni, f'dan ir-rigward, tipprovdilhom gwida ċara, u żżid l-appoġġ tagħha għall-bini tal-kapaċità amministrattiva, inkluż permezz ta' taħriġ tal-persunal, kondiviżjoni tal-aħjar prattiki, rieżamijiet bejn il-pari u assistenza teknika biex tiġi żgurata ġestjoni effettiva tal-fond;

87. Jinnota d-diskussjonijiet pubbliċi dwar il-qafas finanzjarju pluriennali ta' wara l-2027 li jistgħu jindikaw bidla lejn mudell ibbażat fuq il-prestazzjoni, l-akkoppjament tal-investimenti u r-riformi, u x-xewqa li jiġu ssimplifikati r-regoli u l-proċeduri; jistieden lill-Kummissjoni tagħti prijorità lir-reazzjonijiet finanzjarji għat-theddid attwali li jirriżulta mis-sitwazzjoni ġeopolitika; iwissi li kwalunkwe deċiżjoni dwar it-tfassil futur tal-programmi ta' nfiq ma tridx tkun ta' detriment għas-sorveljanza u għall-kontroll tan-nefqa tal-Unjoni f'termini ta' trasparenza u informazzjoni fil-livell tal-Unjoni dwar in-nuqqas ta' konformità mar-regoli u mar-regolamenti; iqis li l-iżbalji identifikati mill-Qorti u l-mod kif il-Kummissjoni tittratta dawk l-iżbalji huma wkoll indikazzjoni ta' sistema ta' ġestjoni u ta' kontroll li taħdem kif suppost u jinnota li ż-żewġ istituzzjonijiet iddikjaraw l-impenn tagħhom li jtejbu s-sistema u li jnaqqsu r-rata ta' żball;

88. Jinnota, bħal fis-snin preċedenti, l-osservazzjoni tal-Qorti li l-analiżijiet mhux fuq il-post tal-Kummissjoni, biex tiġi rrieżaminata u vvalutata l-ħidma tal-awtoritajiet tal-awditjar, għandhom l-għan li jivverifikaw biss il-konsistenza tal-informazzjoni dwar ir-regolarità, u li għalhekk huma limitati wisq biex jikkonfermaw ir-rata ta' żball residwu rrapportata mill-awtoritajiet nazzjonali fil-pakketti ta' aċċertament tagħhom; jinnota t-tweġiba tal-Kummissjoni li tikkomplementa l-analiżi mhux fuq il-post tagħha b'ħidma ta' awditjar fuq il-post li tkopri l-programmi u l-pakketti ta' aċċertament, li jippermettilha tistabbilixxi stima raġonevoli u ġusta tar-rati ta' żball għal kull programm; iqis li l-osservazzjoni tal-Qorti tikkonċerna l-ambitu tal-analiżijiet mhux fuq il-post u l-fatt li huma mmirati biss lejn il-konsistenza u għalhekk limitati wisq biex jipprovdu lill-Kummissjoni informazzjoni li hija affidabbli biżżejjed;

89. Huwa mħasseb dwar in-nuqqasijiet persistenti osservati mill-Qorti fil-ħidma tal-awtoritajiet nazzjonali tal-awditjar, evidenti fin-nuqqasijiet identifikati fil-pakketti ta' aċċertament, b'rata ta' żball residwu ogħla mil-limitu ta' materjalità għal aktar minn 60 % tal-valur tal-pakketti ta' aċċertament awditjati fl-2023; jisħaq bi tħassib li l-awtoritajiet maniġerjali b'mod konsistenti ma jirnexxilhomx b'mod effettiv jipprevjenu jew jiskopru irregolaritajiet fin-nefqa ddikjarata mill-benefiċjarji u li dan inaqqas il-punt sa fejn il-Kummissjoni tista' tibbaża fuq il-ħidma tagħhom;

90. Ifakkar li fil-ġestjoni kondiviża, hija r-responsabbiltà tal-Kummissjoni li taċċerta li l-Istati Membri jistabbilixxu sistemi ta' ġestjoni u kontroll li jaħdmu b'mod effettiv matul l-implimentazzjoni tal-programmi; jinsab imħasseb li kemm il-Kummissjoni kif ukoll il-Qorti identifikaw li mhux is-sistemi ta' ġestjoni u kontroll tal-Istati Membri kollha jiffunzjonaw b'mod effettiv, u b'hekk jaffettwaw b'mod negattiv l-affidabbiltà tar-rati ta' żball tal-Kummissjoni, peress li jiddependu fuq dawn is-sistemi nazzjonali, li ma jaħdmux b'mod effettiv; iqajjem dubji dwar il-possibbiltà li l-Kummissjoni tkompli tiddependi fuq is-sistemi nazzjonali;

91. Iqis li biex l-approċċ ta' awditu uniku jaħdem tajjeb, u sabiex jinkiseb piż amministrattiv imnaqqas għall-benefiċjarji u għall-awtoritajiet maniġerjali, l-aderenza mal-istandards tal-awditjar fil-livelli kollha ta' kontroll u awditjar hija ta' importanza essenzjali; huwa għalhekk imħasseb dwar is-sejba tal-Qorti fir-rapport annwali tagħha li l-awtoritajiet u l-benefiċjarji tal-programm ma ppreżentawx dokumenti ta' sostenn essenzjali dwar il-konformità mal-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà, u anke dwar is-sejba mill-Qorti ppreżentata fir-rieżami tagħha li dokumentazzjoni insuffiċjenti tal-ħidma tal-awditjar mill-awtoritajiet tal-awditjar tillimita kemm wieħed jista' jiddependi mill-ħidma ta' awditjar tal-awtoritajiet nazzjonali tal-awditjar;

92. Ifakkar li skont l-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) 2021/1060 tal-

Parlament Ewropew u tal-Kunsill [1] għall-perjodu ta' programmazzjoni 2021-2027, l-Istati Membri jeħtieġ li jikkonformaw ma' kundizzjonijiet abilitanti orizzontali u tematiċi, li jeħtieġ li jibqgħu ssodisfati u rispettati matul il-perjodu ta' implimentazzjoni tal-fondi; ifakkar li meta l-kundizzjonijiet abilitanti ma jiġux issodisfati fiż-żmien tas-sottomissjoni ta' applikazzjoni għall-pagament lill-Kummissjoni għall-objettiv speċifiku kkonċernat, in-nefqa relatata ma tiġix rimborżata mill-baġit tal-Unjoni sakemm il-Kummissjoni tkun sodisfatta li l-kundizzjoni abilitanti tkun ġiet issodisfata; ifakkar fid-dispjaċir qawwi tal-awtorità ta' kwittanza għad-deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-13 ta' Diċembru 2023 [2] meta jitqies li l-Ungerija ssodisfat il-kundizzjoni abilitanti orizzontali relatata mal-indipendenza ġudizzjarja li ppermettiet lill-awtoritajiet Ungeriżi jissottomettu talbiet għal rimborż sa EUR 10,2 biljun; jinnota bi tħassib li mir-rilaxx ta' dawn il-fondi, il-gvern Ungeriż ma ħax passi biex jerġa' jdaħħal l-indipendenza tal-ġudikatura iżda għall-kuntrarju; itenni t-tħassib tiegħu dwar in-nuqqas ta' mekkaniżmi ta' kontroll adegwati jew proċeduri ta' akkwist pubbliku mhux affidabbli biex tiġi garantita ġestjoni finanzjarja tajba u l-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni; jemmen li din id-deċiżjoni tikkontradixxi politikament l-estensjoni tal-miżuri adottati skont ir-Regolament (UE, Euratom) 2020/2092 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill **[3]** (ir-"Regolament dwar il-Kondizzjonalità");

93. Jesprimi tħassib serju dwar is-sejbiet fir-Rapport dwar l-Istat tad-Dritt tal-2023 rigward is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt fl-Ungerija, b'mod partikolari l-isfidi persistenti u sistemiċi fis-setturi tal-ġudikatura u tal-media; jinnota bi tħassib il-pressjoni dejjem akbar fuq l-indipendenza ġudizzjarja, inkluż tħassib dwar l-għażla u l-promozzjoni tal-imħallfin, u rapporti reċenti ta' intimidazzjoni u interferenza fid-deċiżjonijiet ġudizzjarji, kif muri mir-riżenji tal-

---

1 Ir-Regolament (UE) 2021/1060 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 li jistipula dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew Plus, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura u r-regoli finanzjarji għalihom u għall-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni, il-Fond għas-Sigurtà Interna u l-Istrument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Politika dwar il-Viżi (ĠU L 231, 30.6.2021, p. 159, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/1060/oj).

2 Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-13 ta' Diċembru 2023 dwar ir-rivalutazzjoni, fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni, tal-issodisfar tal-kundizzjonijiet skont l-Artikolu 4 tar-Regolament (UE, Euratom) 2020/2092 wara d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2022/2506 tal-15 ta' Diċembru 2022 dwar l-Ungerija, C(2023) 8999.

3 Ir-Regolament (UE, Euratom) 2020/2092 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2020 dwar reġim ġenerali ta' kondizzjonalità għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni (ĠU L 433I, 22.12.2020, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2020/2092/oj).

imħallfin bi protesta kontra l-influwenza politika; jinnota, bl-istess ħassib, il-pressjoni dejjem akbar mill-gvern Ungeriż fuq il-kap tal-Awtorità Ungeriża għall-Integrità, istituzzjoni importanti li t-twaqqif tagħha ġie stabbilit mill-Kummissjoni bħala kundizzjoni għar-rilaxx tal-fondi tal-UE skont ir-Regolament dwar il-Kondizzjonalità; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura approċċ koordinat u olistiku għall-fondi u l-istrumenti leġiżlattivi rilevanti kollha tal-UE u tenfasizza li l-fondi tal-Unjoni ma jridux jiġu allokati għal attivitajiet li jimminaw id-demokrazija jew isaħħu l-awtoritarjaniżmu;

94. Ifakkar li r-Regolament dwar il-Kundizzjonalità jistabbilixxi mekkaniżmu u miżuri biex il-Baġit tal-Unjoni jiġi protett minn ksur tal-istat tad-dritt meta proċeduri oħra stabbiliti fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni ma jipproteġux il-baġit b'mod aktar effiċjenti; ifakkar li dan il-mekkaniżmu ġie attivat fil-15 ta' Diċembru 2022 fil-każ tal-Ungerija minħabba ħassib relatat mas-sistema tal-akkwist pubbliku tagħha, li rriżulta f'sospensjoni temporanja ta' 55 % tal-impenji baġitarji għal tliet programmi tal-politika ta' koeżjoni; ifakkar li l-istess regolament, f'konformità mal-Artikolu 6 tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2093 [1] (ir-"Regolament QFP"), jistipula li l-impenji sospiżi tal-2022 (sena n), ma jistgħux jerġgħu jiddaħħlu fil-baġit wara l-2024 (sena n+2) u li għalhekk 55 % tal-impenji mill-2022, madwar EUR 1 biljun, ġew diżimpenjati f'Diċembru 2024; jinnota li mhija għaddejja l-ebda proċedura oħra skont ir-Regolament dwar il-Kundizzjonalità;

95. Jinnota li l-Kummissjoni allokat dak li huwa ekwivalenti għal ħames membri tal-persunal full-time għall-implimentazzjoni tar-Regolament dwar il-Kundizzjonalità u jtenni t-tħassib espress mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri fir-Rapport Speċjali 03/2024 tagħha li l-għadd attwali tal-persunal ma jidhirx li huwa biżżejjed biex jiżgura applikazzjoni stretta u koerenti tar-Regolament;

96. Itenni l-ħtieġa li l-miżuri kollha meħtieġa għar-rilaxx tal-finanzjament tal-Unjoni jiġu ttrattati bħala pakkett uniku u integrali skont ir-Regolament dwar il-Kundizzjonalità, l-RDK u r-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [2] (ir-"Regolament dwar l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza"); jisħaq fuq l-importanza tal-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni anke għall-iżborż tal-prefinanzjament;

97. Jinnota li xi investimenti li kienu jkunu eliġibbli għall-finanzjament fl-

---

[1] Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2093 tas-17 ta' Diċembru 2020 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027 (ĠU L 433 I, 22.12.2020, p. 11, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2020/2093/oj).

[2] Ir-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/241/oj).

ambitu tal-koeżjoni huma inklużi fil-Pjanijiet Nazzjonali għall-Irkupru u r-Reżiljenza; ifakkar li l-objettiv ġenerali tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza minqux fl-Artikolu 4 tar-Regolament dwar il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza huwa li tippromwovi l-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali tal-Unjoni, u li wieħed mis-sitt pilastri tagħha huwa ddedikat speċifikament għal dan l-għan; jirrikonoxxi li l-kamp ta' applikazzjoni wiesa' tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza jirriżulta għal xi trikkib ma' programmi oħra ta' finanzjament tal-Unjoni, kif previst mill-koleġiżlaturi bid-definizzjoni ta' addizzjonalità u finanzjament supplimentari bħala prinċipji ewlenin fl-Artikolu 9 tar-Regolament dwar il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza; jiġbed l-attenzjoni, madankollu, għar-riskji ta' finanzjament doppju li jirriżultaw minn tali sitwazzjonijiet;

98. Jesprimi t-tħassib tiegħu dwar id-dewmien viżibbli fl-implimentazzjoni tal-politika ta' koeżjoni fl-Istati Membri u n-nuqqas ta' kapaċità tal-amministrazzjonijiet nazzjonali biex jimmaniġġjaw b'mod parallel programmi differenti ta' nfiq (eż. programmi ta' koeżjoni u programmi tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza) li jkopru objettivi komplementari jew saħansitra simili; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li tingħata assistenza teknika suffiċjenti lill-Istati Membri li qed jiffaċċjaw diffikultajiet sabiex jiġi indirizzat id-dewmien eżistenti fl-implimentazzjoni tal-programmi ta' koeżjoni;

99. Jirrikonoxxi l-impatt sproporzjonat tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna fuq ir-reġjuni tal-Lvant tal-Unjoni li jmissu mar-Russja u mal-Belarussja; jiġbed l-attenzjoni għall-ispejjeż imġarrba minn dawn ir-reġjuni u l-Istati Membri bħala riżultat tal-fruntiera komuni tagħhom ma' pajjiżi ġirien ostili, b'mod partikolari, għall-ħtieġa li l-finanzjament pubbliku jiġi dirett dejjem aktar lejn is-sigurtà, id-difiża u t-tħejjija, filwaqt li fl-istess ħin jitnaqqsu b'mod sinifikanti r-riżorsi minħabba l-impatt fuq l-attività ekonomika, il-kummerċ transfruntier u forom oħra ta' skambju, kif ukoll il-programmi ta' koeżjoni, b'mod partikolari l-programmi Interreg; jinnota l-miżuri meħuda mill-Kummissjoni Ewropea biex tappoġġja lil dawn ir-reġjuni, b'mod partikolari permezz tal-flessibbiltajiet previsti fil-politika ta' koeżjoni; jilqa' l-fatt li l-għoti ta' appoġġ lir-reġjuni tal-fruntiera tal-Lvant l-aktar affettwati mill-aggressjoni tar-Russja huwa inkluż fl-ittra ta' missjoni tal-Viċi President Eżekuttiv għall-Koeżjoni u għar-Riformi; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura l-għoti ta' appoġġ adegwat għar-reġjuni tal-Lvant tal-Unjoni li jmissu mar-Russja u mal-Belarussja biex ilaħħqu mal-konsegwenzi sproporzjonati tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja, kemm fuq terminu qasir permezz tal-abbozz ta' baġit tal-2026 kif ukoll fuq terminu medju permezz tal-proposta tal-Kummissjoni għall-QFP li jmiss;

100. Jisħaq fuq l-importanza tal-FSE+ li għandu l-għan li jikseb livell għoli ta' impjiegi, protezzjoni soċjali ġusta, forza tax-xogħol kwalifikata u reżiljenti, u soċjetajiet inklużivi u koeżivi bħala elementi fundamentali għall-qerda tal-faqar; jesprimi l-ħtieġa li dan jingħata l-

appoġġ finanzjarju u politiku kontinwu tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni, nazzjonali u reġjonali fit-twettiq tal-objettivi u l-miri tiegħu fis-snin li ġejjin; jissottolinja l-importanza li jiġu involuti mill-qrib l-atturi reġjonali, b'mod partikolari l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u s-sħab soċjali li jaħdmu fuq il-post fl-implimentazzjoni tal-attivitajiet iffinanzjati mill-FSE+;

101. Jilqa' l-forniment minn qabel ta' EUR 100 miljun mill-baġit tal-2027 għall-baġit tal-2023 ta' Erasmus+, li ppermetta appoġġ kontinwu lill-istudenti, lill-għalliema u lill-persunal kwalifikat li ħarbu mill-Ukrajna, u l-EUR 20 miljun addizzjonali mogħtija lil Erasmus+ fl-2023 b'riżultat tal-insistenza tal-Parlament; jisħaq li l-forniment minn qabel tal-fondi irid jibqa' eċċezzjoni għar-rispons rapidu għal sitwazzjonijiet ta' kriżi akuta mhux previsti; jissottolinja li kwalunkwe forniment minn qabel tal-fondi taħt il-programm Erasmus+ ma jistax jirriżulta fi tnaqqis għal dan il-programm fi tmiem il-QFP attwali; jenfasizza li jrid isir kull sforz biex sitwazzjonijiet bħal dawn jiġu indirizzati b'mod preferenzjali permezz ta' finanzjament addizzjonali;

102. Jenfasizza l-ħtieġa li l-allokazzjoni tal-fondi tiġi mmonitorjata b'mod strett sabiex jiġu evitati l-abbużi fl-ambitu tal-programm Erasmus; jitlob lill-Kummissjoni tiġbor evidenza sabiex tinvestiga kwalunkwe każ ta' riċevituri frodulenti jew suspettużi, f'konformità mal-obbligi tagħha stabbiliti fir-Regolament Finanzjarju u fil-ftehimiet ta' għotja ta' Erasmus+; jappella li l-programm ikun protett b'mod adegwat kontra l-abbuż minn organizzazzjonijiet li l-attivitajiet tagħhom mhumiex konformi mal-valuri fundamentali tal-Unjoni (id-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza, l-istat tad-dritt, id-drittijiet tal-bniedem); ifakkar li l-Kummissjoni għandha obbligu legali li tiżgura li l-benefiċjarji tal-programm jimpenjaw ruħhom li jirrispettaw dawn il-valuri, jiżguraw li jiġu rispettati u ma jiksrux l-etika professjonali;

103. Jinnota li, fl-2023, il-baġit tal-programm l-UE għas-Saħħa, l-istrument finanzjarju ewlieni li jappoġġja l-inizjattivi tal-Unjoni fil-qasam tas-saħħa, ammonta għal EUR 735 miljun, bil-baġit prinċipalment ġestit mid-Direttorat Ġenerali għas-Saħħa u s-Sikurezza Alimentari u mill-Awtorità għat-Tħejjija u għar-Rispons f'Każ ta' Emerġenza tas-Saħħa (HERA) u implimentat permezz tal-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għas-Saħħa u għall-Qasam Diġitali; jirrikonoxxi l-progress tal-inizjattivi ffinanzjati fl-ambitu ta' dan il-programm, b'mod partikolari fl-oqsma tat-tħejjija f'każ ta' emerġenza tas-saħħa, il-Pjan biex Jingħeleb il-Kanċer, l-Istrateġija Farmaċewtika għall-Ewropa u fl-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar is-saħħa;

Rakkomandazzjonijiet

104. Jistieden lill-Kummissjoni:

(i) tikkunsidra mill-ġdid il-prattika ta' finanzjament ta' 100 % mill-

Unjoni fl-istrumenti ta' rispons għall-kriżijiet tal-Unjoni, fejn żieda fil-prefinanzjament tista' twassal għal disponibbiltà aktar rapida tal-fondi, filwaqt li tinżamm responsabbiltà finanzjarja kondiviża għall-kontroll baġitarju fl-implimentazzjoni tal-fondi billi jinżamm l-involviment finanzjarju kemm mil-livell nazzjonali kif ukoll mil-livell tal-Unjoni;

(ii) tiżgura l-għażla ta' proġetti ta' kwalità tajba għall-allokazzjoni tal-fondi tal-politika ta' koeżjoni, filwaqt li tiffavorixxi investimenti fit-tul u tiġġustifika kif xieraq finanzjament ta' 100 % mill-Unjoni filwaqt li tillimita l-applikazzjoni tiegħu;

(iii) tindirizza l-problema sistemika tan-nuqqas ta' detezzjoni ta' żbalji fl-infiq tal-politika ta' koeżjoni fil-livell tal-Istati Membri bi pjan ta' azzjoni, li għandu l-għan li jirrapporta rata ta' żball preċiża fil-pakketti ta' aċċertament, u d-detezzjoni ta' żbalji fl-ewwel linji ta' difiża billi tipprovdi aktar riżorsi u/jew immirar aħjar tar-riżorsi eżistenti u ssaħħaħ il-kapaċitajiet ta' detezzjoni fil-livell tal-Istati Membri u tal-Kummissjoni;

(iv) tikkalkula u tirrapporta lill-awtorità ta' kwittanza l-ispiża tal-kontroll għan-nefqa kollha pproċessata mill-awtoritajiet nazzjonali b'rabta mal-fondi tal-politika ta' koeżjoni, u n-Next Generation EU, u tqabbel dawn iċ-ċifri mal-ispiża tal-kontroll meta l-fondi tal-Politika ta' Koeżjoni biss ikunu ġew ġestiti mill-istess awtoritajiet;

(v) tindirizza l-kwistjoni rikorrenti ta' dokumentazzjoni insuffiċjenti fil-livell tal-benefiċjarju, tal-awtorità tal-programm u tal-awtorità tal-awditjar, mhux biss permezz ta' kontrolli, sensibilizzazzjoni u informazzjoni dwar ir-rekwiżiti, iżda anke permezz ta' diġitalizzazzjoni akbar u meta jkun possibbli, permezz ta' inċentivi finanzjarji biex jiġi ppenalizzat in-nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti ta' ġestjoni finanzjarja tajba;

(vi) tespandi l-ambitu tal-eżami dokumentarju tagħha tal-pakketti ta' aċċertament biex tivverifika, minbarra l-konsistenza, aktar kriterji tal-kwalità sabiex tipprovdi stima affidabbli tar-rata ta' żball residwu għall-pakkett ta' aċċertament li jkun qed jiġi eżaminat, kif ukoll r-riskju kumplessiv fil-waqt tal-pagament;

(vii) iżżid il-monitoraġġ tagħha tal-kundizzjonijiet abilitanti orizzontali u tematiċi fl-Istati Membri kollha biex jiġi identifikat it-theddid potenzjali li jaffettwa l-protezzjoni tal-Baġit tal-Unjoni u jiġu żgurati parteċipazzjoni tal-partijiet ikkonċernati u trasparenza mtejba fl-applikazzjoni ta' din l-għodda;

(viii) tallinja mill-qrib ir-rapport dwar l-istat tad-dritt mar-Regolament dwar il-Kundizzjonalità u tirrapporta f'aktar dettall il-ksur tal-prinċipji tal-istat tad-dritt li jista' jintuża bħala input biex jiġi skattat ir-Regolament dwar il-Kundizzjonalità;

(ix) tissorvelja kontinwament l-implimentazzjoni mill-Gvern Ungeriż tal-miżuri previsti fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2022/2506 [1]; tivvaluta sa liema punt is-sitwazzjoni tjiebet jew marret għall-agħar, inkluż fir-rigward tal-isfidi ffaċċjati mill-Awtorità Ungeriża għall-Integrità, u tieħu l-azzjonijiet kollha meħtieġa f'konformità mar-Regolament dwar il-Kundizzjonalità;

(x) tipprovdi lill-Istati Membri aktar assistenza teknika sabiex jindirizzaw id-dewmien fl-implimentazzjoni tal-programmi nazzjonali u b'hekk tiżdied ir-rata ta' assorbiment;

(xi) timmonitorja mill-qrib u timmitiga r-riskju dejjem akbar ta' finanzjament doppju mill-programmi ta' Koeżjoni u mill-finanzjament tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u tindirizza kwalunkwe tali okkorrenza mingħajr dewmien;

(xii) tkompli ttejjeb is-simplifikazzjoni fl-implimentazzjoni tal-programmi ta' koeżjoni u taħdem mill-qrib mal-Istati Membri biex tidentifika l-aħjar prattiki rigward id-diġitalizzazzjoni tal-prattiki u l-proċeduri;

(xiii) tieħu l-miżuri kollha meħtieġa biex tnaqqas ir-rata ta' żball f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Qorti tal-Awdituri;

(xiv) tiżgura l-għoti ta' appoġġ adegwat għar-reġjuni tal-Lvant tal-Unjoni li jmissu mar-Russja u mal-Belarussja biex ilaħħqu mal-konsegwenzi sproporzjonati tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, kemm fuq terminu qasir kif ukoll fuq terminu medju;

Riżorsi naturali

105. Jinnota li l-baġit għall-programmi fl-ambitu tal-intestatura 3 tal-QFP "Riżorsi naturali" kien ta' EUR 59,5 biljun (31,1 % tal-baġit tal-Unjoni) imqassam kif ġej: 65,0 % għall-pagamenti diretti fl-ambitu tal-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG), 27,6 % għall-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR), 4,2 % għan-nefqa relatata mas-suq fl-ambitu tal-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG), 1,9 % għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd, 0,9 % għall-Ambjent u l-Klima (LIFE), u 0,4 % għal oqsma oħra;

106. Jinnota li l-Qorti eżaminat kampjun ta' 218-il tranżazzjoni li jkopru l-firxa sħiħa ta' nfiq fl-ambitu ta' din l-intestatura tal-QFP; jinnota li l-Qorti eżaminat ukoll l-informazzjoni dwar ir-regolarità mogħtija fir-

---

[1] Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2022/2506 tal-15 ta' Diċembru 2022 dwar miżuri għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni mill-ksur tal-prinċipji tal-istat tad-dritt fl-Ungerija (ĠU L 325, 20.12.2022, p. 94, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec_impl/2022/2506/oj).

rapporti annwali tal-attività tad-Direttorat Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali u d-Direttorat Ġenerali għall-Azzjoni Klimatika, kif ukoll sistemi magħżula f'20 Stat Membru u fir-Renju Unit; jinnota li l-Qorti tistma li l-livell ta' żball għar-"Riżorsi Naturali" huwa ta' 2,2 % (2,2 % fl-2022) u li l-maġġoranza tal-iżbalji li nstabu affettwaw it-tranżazzjonijiet tal-iżvilupp rurali;

107. Jirrimarka, madankollu, li dan huwa parzjalment dovut għall-kumplessità tal-iskemi ambjentali fil-programmi ta' żvilupp rurali u għall-kwistjoni negattiva rikonoxxuta ta' "gold-plating" fil-livell nazzjonali;

108. Jinnota, f'dan il-kuntest, ir-rata ta' implimentazzjoni aktar baxxa milli mistenni tal-finanzjament mill-FAEŻR għall-perjodu bejn l-2023 u l-2027, b'rata ta' assorbiment ta' 1 % biss fi tmiem l-2023, b'pagamenti li jammontaw għal EUR 0,7 biljun, u jistenna li r-rata ta' assorbiment tiżdied b'mod sinifikanti matul il-perjodu ta' rapportar li jmiss;

109. Jinnota li l-Qorti sabet 16-il żball kwantifikabbli fl-iżvilupp rurali, 15 fil-pagamenti diretti, tlieta fin-nefqa relatata mal-miżuri tas-suq u tlieta fin-nefqa mhux tal-PAK; jinsab moħħu mistrieħ mill-valutazzjoni tal-Kummissjoni li l-biċċa l-kbira tal-iżbalji jikkonċernaw żbalji klerikali u mill-azzjonijiet meħuda mill-Kummissjoni biex jiġu evitati l-iżbalji fil-futur;

110. Jinnota l-kategorizzazzjoni tal-iżbalji mill-Qorti, fejn it-talbiet ineliġibbli jammontaw għal 35 % tal-iżbalji, filwaqt li l-iżbalji amministrattivi u l-informazzjoni mhux preċiża dwar żoni jew annimali jammontaw għal 21 % u 20 % rispettivament; jinnota bi tħassib, bħal fi snin preċedenti, li l-Qorti sabet f'diversi każijiet li l-awtoritajiet tal-Istati Membri u l-Kummissjoni kellhom biżżejjed informazzjoni biex jevitaw, jew biex jidentifikaw u jikkoreġu l-iżball qabel ma jaċċettaw in-nefqa u li, kieku l-awtoritajiet tal-Istati Membri u l-Kummissjoni għamlu użu xieraq mill-informazzjoni kollha għad-dispożizzjoni tagħhom, il-livell ta' żball stmat għal dan il-kapitolu kien ikun aktar baxx b'1,0 punt perċentwali;

111. Jinnota li l-2023 kienet l-ewwel sena tal-mudell ta' implimentazzjoni ġdid tal-PAK 2023-2027, li jintegra l-elementi ta' prestazzjoni, miftiehma mal-Istati Membri fi Pjanijiet Strateġiċi, bħala bażi għall-pagamenti; jinnota li fl-2023, il-mudell ta' implimentazzjoni l-ġdid kellu bidu modest, b'EUR 63,65 miljun iddikjarati abbażi ta' outputs iġġenerati u għalhekk soġġetti għal "approvazzjoni tal-prestazzjoni" mid-DĠ għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali mill-EUR 215,52-il miljun iddikjarati fl-ambitu tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK skont l-interventi settorjali u l-iżvilupp rurali; jinnota li fl-2024 il-pagamenti fl-ambitu tal-mudell ta' implimentazzjoni ġdid se jkunu żdiedu sostanzjalment; jinnota l-osservazzjonijiet tal-Qorti fir-rigward tal-ipproċessar tad-data dwar il-prestazzjoni għar-Rapporti Annwali

dwar il-Prestazzjoni fejn l-Istati Membri jinsabu fil-proċess li jistabbilixxu sistemi u proċeduri u xi drabi jaggregaw id-data manwalment, li jinvolvi riskji assoċjati għall-affidabbiltà tad-data;

112. Ifakkar fil-protesti tal-bdiewa madwar l-Ewropa kollha lejn tmiem l-2023 u l-bidu tal-2024 u r-rispons tal-Kummissjoni mmirat lejn is-simplifikazzjoni, b'mod partikolari għall-bdiewa żgħar, u lejn iż-żieda fis-setgħat diskrezzjonali għall-Istati Membri; jisħaq li s-simplifikazzjoni għandha timxi id f'id ma' ġestjoni finanzjarja tajba u tqis l-impenji klimatiċi tal-Unjoni; jilqa' l-approċċ immirat tal-Kummissjoni, speċjalment fir-rigward tad-distinzjoni bejn id-daqs tal-farm f'termini ta' art agrikola u l-għadd ta' farms; iwissi li d-diskrezzjoni mogħtija lill-Istati Membri għandha tkun akkumpanjata wkoll minn sorveljanza bir-reqqa mill-Kummissjoni;

113. Ifakkar li kemm il-Kummissjoni kif ukoll l-Istati Membri huma responsabbli biex jindirizzaw il-frodi fl-infiq tal-PAK; jilqa' f'dak ir-rigward il-ħidma mwettqa mid-DĠ għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali f'termini ta' valutazzjonijiet tar-riskju kontra l-frodi u l-aġġornament tal-istrateġija tiegħu kontra l-frodi;

114. Jinnota r-Rapport Speċjali 07/2024 tal-Qorti dwar s-sistemi tal-Kummissjoni għall-irkupru tan-nefqa irregolari, u t-tweġiba tal-Kummissjoni; jinnota l-osservazzjoni tal-Qorti li l-irkupri li jikkonċernaw in-nefqa agrikola kienu relattivament ta' suċċess, attribwiti parzjalment għall-hekk imsejħa regola 50-50 li inċentivat lill-Istati Membri jirkupraw il-fondi; jinnota li din ir-regola ma ġietx miżmuma fil-PAK tal-2023-2027 u t-twissija tal-Qorti li dan għandu mnejn iwassal għal deterjorament tar-rata ta' rkupru għan-nefqa agrikola;

115. Jinnota r-Rapport Speċjali 20/2024 tal-Qorti dwar il-Pjanijiet tal-Politika Agrikola Komuni u t-tweġiba tal-Kummissjoni; jenfasizza l-importanza li jiġi żgurat li jkunu pprovduti l-elementi ewlenin kollha għall-valutazzjoni tal-prestazzjoni; iqis li l-pjanijiet jeħtieġ li jqisu sitwazzjonijiet speċifiċi fi Stati Membri speċifiċi u li għalhekk ċertu livell ta' diverġenza huwa saħansitra mixtieq, madankollu huwa mħasseb li d-diverġenza fl-ambizzjonijiet tista' tfisser li ma hemm l-ebda kundizzjoni ekwa għall-bdiewa fl-Istati Membri; jesprimi wkoll diżappunt għas-sejba tal-Qorti li għalkemm il-qafas ta' monitoraġġ il-ġdid ġie ssimplifikat, l-objettivi tal-PAK mhumiex ċari biżżejjed u l-indikaturi jiffukaw fuq l-outputs aktar milli fuq ir-riżultati, u li hemm nuqqas ta' indikaturi importanti tar-riżultati; jinnota li l-Qorti tirrakkomanda li l-Kummissjoni tippromwovi l-iskambju tal-aħjar prattiki fil-pjanijiet u ssaħħaħ il-qafas ta' monitoraġġ futur tal-PAK;

116. Jinnota r-Rapport Speċjali 19/2024 tal-Qorti dwar il-Biedja organika fl-UE, u t-tweġiba tal-Kummissjoni; jinsab għal darba oħra mħasseb dwar is-sejba tal-Qorti li qafas strateġiku dgħajjef u restrizzjonijiet tad-data jipprevjenu l-kejl tal-impatt tal-politika; iqis li l-enfasi akbar

fuq il-prestazzjoni u d-definizzjoni tal-miri u tal-indikaturi, u l-monitoraġġ relatat tar-riżultati fil-politiki tal-Unjoni jeħtieġ li jiġu appoġġjati minn żieda ugwali fil-kapaċità tal-Kummissjoni li tiddefinixxi l-oqfsa ta' prestazzjoni u timmonitorja l-prestazzjoni;

117. Jilqa' ż-żieda fil-kompetittività miksuba permezz ta' miżuri tas-suq fis-settur tal-inbid u jħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jkomplu għaddejjin fl-isforzi tagħhom biex jirreplikaw dan is-suċċess f'setturi oħra;

118. Ifakkar li d-demokrazija u l-pluraliżmu huma valuri fundamentali tal-Unjoni minquxa fl-Artikolu 2 tat-TUE; ifakkar ukoll li, f'konformità mal-Artikolu 11 tat-TUE, l-istituzzjonijiet tal-Unjoni għandhom jagħtu liċ-ċittadini u lill-assoċjazzjonijiet rappreżentattivi l-opportunità li jgħarrfu u jiskambjaw pubblikament il-fehmiet tagħhom fl-oqsma kollha ta' azzjoni tal-Unjoni sabiex jinżamm djalogu miftuħ, trasparenti u regolari; jissottolinja li s-separazzjoni tas-setgħat bejn l-istituzzjonijiet kif stabbilit fl-Artikolu 13 tat-TUE trid dejjem tiġi rispettata u li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni għandhom jipprattikaw kooperazzjoni sinċiera u reċiproka;

119. Jirrikonoxxi l-importanza tal-programm LIFE; ifakkar fid-dispożizzjonijiet tar-Regolament LIFE +, inklużi dawk relatati mal-għotjiet operattivi, il-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà, il-kriterji tal-għoti, l-allokazzjoni ġenerali għall-2021–2027 u d-distribuzzjoni tal-fondi fi ħdan il-programm;

120. Jinnota li xi membri tal-kumitat għall-Kontroll tal-Baġit talbu aċċess għal sensiela ta' ftehimiet ta' għotja fl-ambitu tal-programm LIFE, kif ukoll programmi oħra ta' finanzjament tal-Unjoni, u wara li skrutinizzawhom esprimew tħassib dwar il-kontenut ta' diversi programmi fi Frar 2024; jinnota li l-Kummissjoni, inkluż is-Servizz tal-Awditjar Intern (IAS), inizjalment ma kienet konxja tal-ebda kwistjoni, iżda adottat sensiela ta' miżuri bl-għan li tindirizza t-tħassib; ifakkar fil-mistoqsijiet għal tweġiba bil-miktub dwar il-kwittanza u s-seduti ta' smigħ mas-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni tal-5 ta' Novembru 2024, il-Kummissarji responsabbli għall-Intestatura 3 tal-QFP fit-12 ta' Novembru, u l-Kummissarju responsabbli għall-Baġit u l-amministrazzjoni fid-9 ta' Diċembru 2024 fejn ġew diskussi t-tħassib u t-tweġiba tal-Kummissjoni;

121. Jinnota t-tħassib espress minn xi membri tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit li ċerti ftehimiet ta' għotja bejn l-Aġenzija Eżekuttiva tal-Unjoni Ewropea għall-Klima, għall-Infrastruttura u għall-Ambjent (CINEA) u l-benefiċjarji, bħall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u l-kumpaniji privati, fl-ambitu tal-Programm LIFE jinkludu "pjanijiet ta' ħidma" li jipprevedu azzjonijiet ta' promozzjoni dettaljati vis-à-vis l-istituzzjonijiet tal-UE jew ir-rappreżentanti tagħhom, kif ukoll azzjonijiet oħra mmirati lejn ftehimiet kummerċjali speċifiċi nnegozjati mill-Unjoni jew proċessi li għandhom jiġu ġestiti mill-

entitajiet rispettivi; jirrikonoxxi li dan jista' potenzjalment jiġi interpretat bħala interferenza fit-teħid ta' deċiżjonijiet interni fl-istituzzjonijiet tal-Unjoni; jinnota li l-Kummissjoni wettqet analiżi legali tal-ftehimiet ta' għotja li qajmu t-tħassib ta' xi Membri tal-Kumitat CONT, fejn ġie konkluż li ma kien hemm l-ebda evidenza li l-entitajiet ikkonċernati kienu kisru l-obbligi kuntrattwali jew tal-kodiċi ta' kondotta tagħhom, iżda l-Kummissjoni talbet lil xi benefiċjarji jagħmlu emendi għall-ftehimiet ta' għotja li kien fihom id-dispożizzjonijiet speċifiċi li potenzjalment kienu jinvolvu riskju għar-reputazzjoni; jinnota wkoll li l-ftehimiet ta' għotja kollha jinkludu dikjarazzjoni ta' ċaħda ta' responsabbiltà li tiddikjara li "l-fehmiet tal-benefiċjarju bl-ebda mod ma jirriflettu l-fehmiet tal-UE u li l-awtorità awtorizzanti ma tistax tinżamm responsabbli għalihom";

122. Jissottolinja li l-finanzjament tal-Unjoni ma għandux jikkontribwixxi biex jimmina l-istat tad-dritt jew il-valuri li fuqhom hija msejsa l-Unjoni; ifakkar id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 163 tar-Regolament Finanzjarju; iqis li huwa kruċjali li ma jkun hemm l-ebda finanzjament mingħajr it-traċċabbiltà tal-fondi;

123. Jinnota l-azzjonijiet meħuda mill-Kummissjoni biex tindirizza l-allegazzjonijiet, inklużi l-ħruġ ta' gwida għas-servizzi tal-Kummissjoni dwar attivitajiet ta' finanzjament relatati mal-iżvilupp, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-infurzar tal-leġiżlazzjoni u l-politika tal-Unjoni u l-iskrinjar tal-portafolli tal-kuntratti tagħhom biex jiġi ddeterminat liema ftehimiet mhumiex konformi mal-linji gwida; jieħu nota tal-miżuri adottati s'issa mill-Kummissjoni u jistenna bil-ħerqa r-riżultati tal-eżami analitiku tal-ftehimiet ta' għotja mal-benefiċjarji kollha mitlub mill-Bord tal-Ġestjoni Korporattiva tal-Kummissjoni;

124. Jinnota l-istruttura tat-teħid ta' deċiżjonijiet, inkluż il-bord ta' evalwazzjoni fi ħdan is-CINEA, għal deċiżjonijiet kuntrattwali bejn il-Kummissjoni u l-benefiċjarji; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tiżgura li l-istruttura tat-teħid ta' deċiżjonijiet tas-CINEA għat-teħid ta' deċiżjonijiet dwar il-kuntratti li għandhom jingħataw tkun tinkludi obbligu ta' rendikont ċar, responsabbiltajiet ċari u struttura prattika;

125. Jinnota li l-aġenzija eżekuttiva twettaq eżerċizzji annwali ta' ġestjoni tar-riskju minn isfel għal fuq u li dawn ma identifikaw l-ebda riskju kritiku; jinnota li irrispettivament mill-programm ta' finanzjament, il-proċeduri ta' evalwazzjoni għandhom jiġu rieżaminati u adattati b'mod kostanti jekk ikun meħtieġ;

126. Jinnota r-rapporti fil-media li l-President tal-Kummissjoni ħatret konsulent speċjali mħallas biex jipproduċi rapport dwar id-"Djalogu Strateġiku dwar il-Futur tal-Agrikoltura fl-UE" li rċieva salarju ugwali għal dak ta' Direttur Ġenerali fil-Kummissjoni; huwa mħasseb dwar ir-remunerazzjoni tal-konsulenti speċjali kollha u mid-diskrezzjoni li l-Kummissjoni għandha fid-deċiżjoni tar-

remunerazzjoni tagħhom, li toħloq inugwaljanzi arbitrarji;

Rakkomandazzjonijiet

127. Jistieden lill-Kummissjoni:

(i) tissorvelja mill-qrib il-progress tal-Istati Membri fir-rigward tal-ipproċessar tad-data dwar il-prestazzjoni u l-aggregazzjoni tad-data għar-rapport annwali dwar il-prestazzjoni u żżomm lill-awtorità ta' kwittanza infurmata dwar il-kwistjonijiet relatati mal-affidabbiltà tad-data dwar il-prestazzjoni, b'mod partikolari meta din tikkonċerna data aggregata manwalment;

(ii) tinforma lill-awtorità ta' kwittanza bir-raġunijiet għaliex il-Qorti kkonkludiet li għal diversi snin setgħu ġew evitati diversi żbalji, kieku l-Kummissjoni u l-Istati Membri użaw l-informazzjoni kollha għad-dispożizzjoni tagħhom u għalfejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri ma jirnexxilhomx jindirizzaw din il-kwistjoni b'mod xieraq;

(iii) tapplika f'inizjattivi ta' politika futuri t-tagħlimiet meħuda mit-tnaqqis tal-piż amministrattiv mir-rispons tagħha għall-protesti tal-bdiewa, filwaqt li tqis kif xieraq ir-riskju ta' abbuż ta' fondi meta jitnaqqsu l-miżuri ta' kontroll, jew ir-riskju ta' diverġenzi eċċessivi bejn l-Istati Membri meta jintużaw setgħat diskrezzjonali mingħajr sorveljanza xierqa;

(iv) iżżomm lill-awtorità ta' kwittanza infurmata dwar ir-rati ta' rkupru tan-nefqa agrikola, b'mod partikolari jekk ir-rata tiddeterjora meta mqabbla mar-rata ta' rkupru fl-ambitu tal-PAK preċedenti u timmitiga malajr il-kawżi tad-deterjorament, inkluż billi tikkunsidra l-introduzzjoni ta' inċentivi ġodda għall-awtoritajiet tal-Istati Membri biex jirkupraw il-fondi;

(v) tivvaluta d-differenzi fl-ambizzjoni tal-pjanijiet strateġiċi u tinforma lill-awtorità ta' kwittanza jekk hemmx diverġenza bejn l-Istati Membri, li thedded il-kundizzjonijiet ekwi għall-bdiewa, u tivvaluta kif il-Kummissjoni tindirizza dawk id-differenzi;

(vi) tagħmel użu aħjar mill-kapaċità tagħha li tistabbilixxi oqfsa ta' prestazzjoni, li tiddefinixxi objettivi u indikaturi u li żżomm dawk li jikkontribwixxu għall-kisbiet, kemm jekk ikunu Stati Membri kif ukoll jekk benefiċjarji, responsabbli għall-kontribuzzjonijiet tagħhom;

(vii) taġġorna l-istrateġija tal-Kummissjoni kontra l-frodi biex tiżgura li tiġi appoġġjata u miżmuma separazzjoni ċara tas-setgħat eżekuttivi u leġiżlattivi fl-Unjoni;

(viii) ikollha strateġija ċara u komprensiva fil-livell tal-Kummissjoni dwar kif l-interessi finanzjarji tal-Unjoni jistgħu jiġu protetti aħjar u tiżgura li l-fondi tal-Unjoni jintefqu għall-finijiet maħsuba tagħhom u timplimenta b'mod diliġenti d-

dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju, inkluż billi tiżgura li l-ftehimiet ta' għotja jkunu jistgħu jiġu sospiżi jew itterminati meta l-benefiċjarji jiksru l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni;

(ix) tiżgura distribuzzjoni ġusta tal-fondi tal-Unjoni lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili biex jikkontribwixxu għal soċjetà pluralistika u vibranti;

(x) tiżgura li l-gwida tal-Kummissjoni adottata fl-2024 tiġi applikata mill-uffiċjali awtorizzanti kollha u, jekk ikun meħtieġ, tkompli tiżviluppa gwida biex tallinja bis-sħiħ il-ftehimiet ta' għotja mad-dispożizzjonijiet tat-Trattati u l-leġiżlazzjoni eżistenti;

(xi) tagħmel ir-riżultati tal-iskrinjar tal-ftehimiet ta' għotja disponibbli għall-awtorità ta' kwittanza sabiex tkun tista' ssir valutazzjoni ta' kemm il-Kummissjoni tista' tkun esposta għal riskju għar-reputazzjoni;

(xii) tindirizza b'mod adegwat kwistjonijiet bħar-"revolving doors", it-trasparenza fil-finanzjament u d-donazzjonijiet, il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus, il-limitazzjoni tal-indħil barrani, l-indipendenza mill-influwenza politika u ekonomika, l-iżvelar ta' informazzjoni protetta u l-istrutturi ta' governanza trasparenti, fir-rigward tal-entitajiet kollha li jirċievu fondi tal-Unjoni;

(xiii) tirrieżamina l-mudell għall-memoranda ta' qbil bejn il-Kummissjoni u l-aġenziji eżekuttivi biex tiġi żgurata diviżjoni aktar ċara tar-responsabbiltajiet;

(xiv) tagħti struzzjonijiet lill-istruttura tal-awditjar biex tirrieżamina l-kuntratti mal-benefiċjarji u biex, f'każ li jiġu identifikati kuntratti li mhumiex konformi mar-regoli finanzjarji applikabbli, tindikahom;

(xv) tara li l-IAS jirrevedi l-kuntratti bejn il-Kummissjoni u l-benefiċjarji, b'mod partikolari biex ifittex kontenut li ma jkunx konformi mar-regoli finanzjarji applikabbli fil-pakketti ta' ħidma;

(xvi) tevalwa l-istruttura tat-teħid tad-deċiżjonijiet fl-oqsma tal-għoti ta' kuntratti u tagħti struzzjonijiet lis-servizzi tal-Kummissjoni u lill-aġenziji eżekuttivi biex iwettqu kontrolli aħjar fuq il-kontenut tal-kuntratti fl-istadji kollha, inkluż billi jiġi żgurat li l-pakketti ta' ħidma u l-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni kif elenkati mill-applikanti jallinjaw mal-objettivi tal-programmi ta' finanzjament rispettivi;

(xvii) tadotta kategorizzazzjoni aktar preċiża tal-entitajiet elenkati fis-Sistema ta' Trasparenza Finanzjarja;

(xviii) tirrieżamina r-regoli tagħha għal konsulenti speċjali biex tneħħi r-remunerazzjoni u l-għażla arbitrarja;

(xix) tkompli ttejjeb is-simplifikazzjoni fl-implimentazzjoni tal-programmi u taħdem mill-qrib mal-Istati Membri biex tidentifika l-aħjar prattiki rigward id-diġitalizzazzjoni tal-prattiki u l-proċeduri;

(xx) ittejjeb il-kwalità tad-djalogu mal-bdiewa mill-Istati Membri kollha;

(xxi) tirreaġixxi aktar malajr meta l-awtorità ta' kwittanza tindika tħassib serju lill-Kummissjoni;

(xxii) twettaq kontrolli adegwati tal-entitajiet elenkati fir-Reġistru tat-Trasparenza, sabiex tiżgura li jelenkaw b'mod komprensiv l-attivitajiet tagħhom fir-Reġistru;

(xxiii) tfassal linji ta' responsabbiltà aktar ċari meta jiġu implimentati pjattaformi kollaborattivi;

(xxiv) tagħti struzzjonijiet lill-Bord tal-Ġestjoni Korporattiva biex jissottometti informazzjoni konsolidata dwar il-lista ta' riskji kritiċi lis-servizz tal-awditjar intern u jiġi żgurat li l-aġenziji eżekuttivi jindirizzaw ir-riskji potenzjali u tiġi żgurata għażla trasparenti ta' evalwaturi indipendenti biex jiġi evitat il-kunflitt ta' interess u b'hekk tiġi ggarantita l-indipendenza tagħhom;

(xxv) tagħti struzzjonijiet lid-Direttorati Ġenerali u lill-aġenziji eżekuttivi kollha biex jirrevedu d-distribuzzjoni tal-fondi ddedikati għall-awditjar sabiex jiġu żgurati riżorsi suffiċjenti;

(xxvi) tiżgura li l-proposti għal Programmi ta' Ħidma Pluriennali ta' kwalunkwe strument ta' finanzjament tal-Unjoni jkollhom linji gwida ċari dwar l-attivitajiet eliġibbli għall-finanzjament, regoli aktar ċari dwar l-iskrinjar tal-applikazzjonijiet u dwar il-kontenut ammissibbli kif ukoll rekwiżiti aktar ċari għat-trasparenza u t-traċċabbiltà tal-użu tal-fondi tal-Unjoni, inkluż fir-rigward tar-rekwiżiti ta' divulgazzjoni skont ir-Reġistru ta' Trasparenza tal-UE;

(xxvii) tiżgura li l-ftehimiet ta' għotja kollha jirrispettaw ir-rekwiżiti meħtieġa relatati mat-trasparenza, it-traċċabbiltà u l-viżibbiltà tal-fondi;

Migrazzjoni u Ġestjoni tal-fruntieri

128. Jinnota li fl-2023, il-baġit għall-programmi fl-ambitu tal-Intestatura 4 tal-QFP "Migrazzjoni u Ġestjoni tal-Fruntieri" kien ta' EUR 2,7 biljun (1,4 % ta-infiq fuq il-baġit tal-Unjoni) imqassam kif ġej: 1,2 biljun (46,5 %) għat-tliet aġenziji deċentralizzati, l-Aġenzija Ewropea għall-

Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta (Frontex), l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil (EUAA) u l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (eu-Lisa); biljun (38,6 %) għall-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni (AMIF), u 0,4 biljun (14,9 %) għall-Fond għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri (IBMF);

129. Jinnota li fl-2023, porzjon sinifikanti tal-infiq fl-ambitu tal-Intestatura 4 tal-QFP kien għadu jikkonċerna t-tlestija ta' proġetti li kien jifdal mill-QFP tal-2014-2020; jinnota li 18 % tal-programmi nazzjonali tal-AMIF għall-2014-2020 baqgħu mhux iddikjarati fl-aħħar tal-2023 u li l-aħħar kontijiet annwali u t-talba għall-pagament tal-bilanċ finali għal dawn il-fondi se tiġi pprovduta mill-Istati Membri bħala parti mill-pakkett ta' għeluq sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2024;

130. Jinnota li l-Qorti eżaminat kampjun ta' 23 tranżazzjoni, li mhuwiex kbir biżżejjed biex jirrappreżenta l-infiq fl-ambitu tal-Intestaturi 4 u 5 tal-QFP u, għalhekk, ma tistax tipprovdi stima separata tar-rata ta' żball għal dawn l-intestaturi; jinnota wkoll li r-riżultati tal-awditjar tal-Qorti juru li n-nefqa fl-ambitu tal-Intestaturi 4 u 5 tal-QFP hija affettwata minn kwistjonijiet ta' eliġibbiltà u ta' akkwist u li din hija qasam ta' riskju għoli (7 minn 23 tranżazzjoni awditjati, jiġifieri 30,4 %, ġew affettwati minn żbalji); huwa mħasseb li l-Qorti sabet erba' żbalji kwantifikabbli li kellhom impatt finanzjarju fuq l-ammonti imposti fuq il-baġit tal-Unjoni u li sabet ukoll għaxar każijiet oħra ta' nuqqas ta' konformità mad-dispożizzjonijiet legali u finanzjarji (li ma kellhom l-ebda impatt finanzjarju dirett fuq il-baġit tal-Unjoni); jistieden, għalhekk, lill-Qorti tipprovdi stima ċara tar-rata ta' żball għall-Intestatura 4; jinnota li l-Kummissjoni tikkonkludi li r-riskju fil-waqt tal-pagament fl-2023 huwa ta' 1,1 % għan-nefqa fuq il-migrazzjoni u l-ġestjoni tal-fruntieri;

131. Jinnota li l-Kummissjoni aċċettat ir-rakkomandazzjoni tal-Qorti li għamlet fir-rapport annwali tagħha għall-2023 biex tipprovdi gwida ulterjuri dwar ir-regoli applikabbli lill-awtoritajiet tal-Istati Membri responsabbli għall-implimentazzjoni tal-finanzjament tad-DĠ għall-Migrazzjoni u l-Affarijiet Interni permezz ta' ġestjoni kondiviża; jesprimi dispjaċir għall-fatt li l-Kummissjoni għadha ma implimentatx bis-sħiħ ir-rakkomandazzjonijiet preċedenti tal-Qorti li kellhom jiġu indirizzati sa tmiem l-2023; jinnota li d-DĠ għall-Migrazzjoni u l-Affarijiet Interni qed iwettaq rivalutazzjoni tal-metodoloġija *ex ante* tiegħu biex jiżgura r-rispett tar-regoli applikabbli għall-ġenerazzjoni ta' għotjiet wara l-2021, u li din ir-rivalutazzjoni se tindirizza wkoll ir-rakkomandazzjonijiet rilevanti tal-Qorti u dawk tal-awditu tal-IAS dwar it-tħejjija għall-għeluq ta' azzjonijiet u programmi ffinanzjati fl-ambitu tal-Fond għas-Sigurtà Interna (ISF) u l-AMIF 2014-2020 permezz ta' ġestjoni diretta u kondiviża;

132. Jinnota bi tħassib li nħarġu żewġ riżervi dwar id-dikjarazzjoni ta'

assigurazzjoni fir-Rapport Annwali tal-Attività (RAA) tad-DĠ għall-Migrazzjoni u l-Affarijiet Interni għall-2023 u li riżerva waħda tikkonċerna l-implimentazzjoni tal-AMIF u l-ISF 2014-2020 f'diversi Stati Membri u r-riżerva l-oħra tikkonċerna l-implimentazzjoni tal-Istrument għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u għall-Viżi (BMVI) 2021-2027 fi Stat Membru wieħed; jilqa' l-impenn tal-Kummissjoni li tieħu miżuri ta' rimedju għall-kwistjonijiet sottostanti li kienu jeħtieġu r-riżervi;

133. Jilqa' l-progress identifikat mill-Qorti fir-rieżami tagħha tal-ħidma preparatorja magħmula minn ħames awtoritajiet tal-awditjar tal-Istati Membri fil-ġestjoni tat-tranżizzjoni tal-fondi AMIF, BMVI u ISF għas-CPR tal-QFP tal-2021-2027; josserva li dawn l-awtoritajiet tal-awditjar irrapportaw lill-Qorti li l-appoġġ u l-gwida li pprovdielhom id-DĠ għall-Migrazzjoni u l-Affarijiet Interni kienu sodisfaċenti; jinnota bi tħassib li fiż-żmien tal-awditu tal-Qorti erbgħa minn ħames awtoritajiet tal-awditjar tal-Istati Membri ma kinux iffinalizzaw l-istrateġiji tal-awditjar tagħhom;

134. Jieħu nota tal-adozzjoni tal-Patt Ġdid dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil; jilqa' li r-reviżjoni ta' nofs it-terminu tal-QFP tal-2021–2027 allokat EUR 2 biljun addizzjonali għall-migrazzjoni u l-ġestjoni tal-fruntieri għall-2024–2027 biex jiġu indirizzati l-isfidi dejjem akbar fil-migrazzjoni u l-ġestjoni tal-fruntieri li jirriżultaw mill-kuntest ġeopolitiku attwali; jinnota, madankollu, li jistgħu jkunu meħtieġa fondi addizzjonali bl-għan li tiġi żgurata l-implimentazzjoni sħiħa tal-Patt; jappella għall-implimentazzjoni rapida tal-Patt fl-Istati Membri;

135. Jisħaq li l-iżgurar tal-fruntieri esterni tal-Unjoni huwa pilastru tal-Patt Ġdid dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil; jinnota bi tħassib li l-Kummissjoni rrapportat li l-għadd ta' każijiet ta' qsim mhux awtorizzat tal-fruntieri fl-Unjoni żdiedu fl-2023 għal 380 000, meta mqabbla ma' 330 000 fl-2022; josserva li l-BMVI jista' jappoġġja lill-Istati Membri l-aktar esposti biex jiżguraw li jkollhom ir-riżorsi għall-infrastruttura, il-faċilitajiet u l-installazzjonijiet meħtieġa biex jiġu protetti l-fruntieri esterni tal-Unjoni, inkluż it-titjib tas-sigurtà elettronika tal-fruntieri u għodod oħra għas-sorveljanza tal-fruntieri kif previst fl-Anness III tar-Regolament BMVI; jinnota l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tad-9 ta' Frar 2023 li l-Unjoni se żżid l-azzjoni tagħha biex tipprevjeni t-tluq irregolari u t-telf ta' ħajjiet, tnaqqas il-pressjoni fuq il-fruntieri tal-Unjoni u fuq il-kapaċitajiet ta' akkoljenza, tiġġieled kontra l-faċilitaturi ta' dħul klandestin u żżid ir-ritorni; jissottolinja l-ħtieġa li l-persuni vulnerabbli jiġu protetti aħjar min-networks tal-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u tat-traffikar u li jiġu indirizzati l-effetti negattivi tal-istrumentalizzazzjoni tal-migranti bħala parti mill-attakki ibridi, b'mod partikolari mill-forzi favur ir-Russja, kif ukoll minn dawk tar-reġim Belarussu;

136. Ifakkar li, skont ir-Regolament (UE) 2021/1060, l-Istati Membri u l-

Kummissjoni jeħtiġilhom jiżguraw ir-rispett għad-drittijiet fundamentali u l-konformità mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea fl-implimentazzjoni tal-fondi tal-Unjoni;

137. Jinnota l-konklużjoni tal-Qorti li l-AMIF 2014-2020 kellu prestazzjoni anqas minn dik mistennija f'termini tal-iffaċilitar tar-ritorn tal-migranti: jieħu nota wkoll tal-fatt li l-Qorti u l-Kummissjoni jaqblu li l-progress f'dan il-qasam kien partikolarment affettwat minn restrizzjonijiet fuq l-ivvjaġġar relatati mal-COVID-19; jinnota wkoll li fl-2023 il-miżuri ta' ritorn ġew appoġġjati b'EUR 29,8 miljun mill-AMIF; iqis li l-Kummissjoni jeħtieġ li żżid l-isforzi tagħha biex tappoġġja tassisti lill-Istati Membri fil-ġlieda kontra l-qsim mhux awtorizzat tal-fruntieri u fir-ritorn b'suċċess ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi, kif ukoll fl-integrazzjoni tal-migranti legali; jistenna bil-ħerqa li jirċievi informazzjoni konsolidata fl-2025 dwar il-progress f'dan ir-rigward permezz tal-evalwazzjoni *ex post* AMIF 2014-2020; jevidenzja li l-Kummissjoni għandha tkompli tieħu azzjoni dwar il-migrazzjoni u l-ażil fil-qafas tal-azzjoni esterna, billi tinkorpora l-approċċ "Tim Ewropa" filwaqt li żżid ukoll it-trasparenza tal-programmazzjoni u l-implimentazzjoni tal-fondi tal-affarijiet interni tal-Unjoni f'pajjiżi terzi u tissalvagwardja r-rwol tal-Parlament;

Rakkomandazzjonijiet

138. Jistieden lill-Kummissjoni:

(i) tindirizza r-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti b'mod dettaljat u f'waqtu u taqsam il-metodoloġija *ex ante* riveduta tad-DĠ għall-Migrazzjoni u l-Affarijiet Interni, ladarba titlesta, mal-awtorità ta' kwittanza;

(ii) tkompli tappoġġja lill-awtoritajiet maniġerjali u tal-awditjar tal-Istati Membri fil-finalizzazzjoni f'waqtha tal-istrateġiji tal-awditjar tagħhom għall-fondi tal-QFP 2021-2027, filwaqt li tagħti attenzjoni partikolari lill-kwistjonijiet ta' eliġibbiltà u ta' akkwist, kif ukoll is-sejbiet rikorrenti l-oħra kollha tal-Qorti;

(iii) tieħu azzjoni biex ittejjeb il-prestazzjoni tal-azzjonijiet iffinanzjati mill-Unjoni f'termini ta' ritorni effettivi u l-ġlieda kontra l-migrazzjoni irregolari, filwaqt li tiżgura r-rispett sħiħ tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni u tal-valuri fundamentali tagħha;

(iv) tieħu azzjoni biex tiżdied l-effiċjenza tal-infiq tal-Unjoni fuq il-protezzjoni u l-ġestjoni tal-fruntieri esterni tal-Unjoni Ewropea;

(v) timmonitorja, tassisti u tiskrutinizza l-progress f'waqtu tal-passi amministrattivi, operazzjonali u legali meħtieġa mill-Istati Membri u mill-aġenziji tal-Unjoni għall-implimentazzjoni sħiħa tal-Patt Ġdid dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil sas-sajf tal-2026;

(vi) iżżid it-trasparenza tal-programmazzjoni u l-implimentazzjoni

tal-fondi għall-affarijiet interni tal-Unjoni f'pajjiżi terzi, filwaqt li tissalvagwardja r-rwol tal-Parlament fl-iżgurar tal-iskrutinju demokratiku tal-infiq tal-Unjoni;

(vii) tivvaluta kontinwament, fl-implimentazzjoni tal-Baġit tal-Unjoni, il-konformità mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali u l-valuri tal-Unjoni minquxa fl-Artikolu 2 tat-TUE, f'konformità mal-Artikolu 6 tar-Regolament Finanzjarju;

Sigurtà u Difiża

139. Jinnota li fl-2023, il-baġit għall-programmi fl-ambitu tal-Intestatura 5 tal-QFP "Sigurtà u Difiża" kien ta' EUR 1,4 biljun (0,7 % tal-baġit tal-Unjoni) imqassam kif ġej: EUR 500 miljun (38,4 %) għall-Fond Ewropew għad-Difiża (EDF), EUR 300 miljun (19 %) għall-mobbiltà militari, EUR 200 miljun (17,1 %) għall-aġenziji deċentralizzati, jiġifieri ċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga (EMCDDA), il-Europol u l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Taħriġ fl-Infurzar tal-Liġi (CEPOL), EUR 200 miljun (13,1 %) għall-ISF, u EUR 200 miljun (12,4 %) għas-sikurezza nukleari, id-dekummissjonar u oqsma oħra;

140. Jinnota li fl-2023, porzjon sinifikanti tal-infiq fl-ambitu tal-Intestatura 5 tal-QFP kien jikkonċerna t-tlestija ta' proġetti li kien jifdal mill-QFP tal-2014-2020; jinnota li 25 % tal-programmi nazzjonali tal-ISF għall-2014-2020 baqgħu mhux iddikjarati fl-aħħar tal-2023 u li l-aħħar kontijiet annwali u t-talba għall-pagament tal-bilanċ finali għal dawn il-fondi se tiġi pprovduta mill-Istati Membri bħala parti mill-pakkett ta' għeluq sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2024;

141. Jinnota bi tħassib li, għar-raġunijiet spjegati fit-taqsima dwar il-migrazzjoni u l-ġestjoni tal-fruntieri, il-Qorti ma tistax tipprovdi stima separata tar-rata ta' żball għall-Intestatura 5 tal-QFP "Sigurtà u Difiża" u li, abbażi tar-riżultati tal-awditjar tagħha, il-Qorti tqis li n-nefqa minn din l-intestatura hija ta' riskju għoli; jistieden, għalhekk, lill-Qorti tipprovdi stima tar-rata ta' żball għal din l-intestatura wkoll; jinnota li l-Kummissjoni tikkonkludi li fl-2023 ir-riskju fil-waqt tal-pagament kien ta' 0,5 % għan-nefqa fuq is-sigurtà u d-difiża;

142. Josserva li l-Kummissjoni ma aċċettatx ir-rakkomandazzjoni tal-Qorti li tivverifika u tiddokumenta bir-reqqa l-aspetti tekniċi tal-applikazzjonijiet għal għotjiet għall-mobbiltà militari lill-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (FNE) matul il-proċedura ta' aġġudikazzjoni ta' għotjiet u li l-Kummissjoni tqis li l-proċessi attwali tagħha diġà jiżguraw verifika dwar jekk il-proġetti infrastrutturali b'użu doppju jissodisfawx il-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà;

143. Ifakkar fis-sitwazzjoni ġeopolitika instabbli ħafna fil-viċinat tal-Unjoni li qed twassal għal sfidi akbar għas-sigurtà u għad-difiża, inkluż theddid ibridu, u b'hekk għal ħtiġijiet akbar ta' investiment fis-sigurtà, id-difiża u t-tħejjija, minn meta bdiet il-gwerra ta'

aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna; jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li l-Intestatura 5 tal-QFP, iddedikata għas-sigurtà u d-difiża, hija l-iżgħar intestatura mill-intestaturi kollha tal-QFP u jesprimi dispjaċir għall-fatt li l-baġit attwali tal-Unjoni għall-iżgurar tas-sigurtà u tad-difiża taċ-ċittadini tagħha mhuwiex ugwali għall-isfidi li jridu jiġu indirizzati, kemm fuq perjodu ta' żmien qasir u kemm fit-tul; jinnota li fl-2023 il-finanzjament tal-Unjoni b'appoġġ għall-industrija tad-difiża ġie esklużivament mill-EDF; ifakkar li l-EDF għandu rwol importanti fl-appoġġ tal-għarfien espert teknoloġiku Ewropew fil-qasam tat-teknoloġiji ġodda u fixkiela; jilqa' l-fatt li s-sottomissjonijiet għas-sejħiet tal-EDF tal-2023 żdiedu b' 72 % meta mqabbla mas-sena preċedenti, u dan juri l-interess qawwi u li qed jikber b'mod kostanti tal-atturi tal-industrija tad-difiża Ewropea u tal-organizzazzjonijiet tar-riċerka fl-EDF u d-domanda għolja għall-finanzjament f'dan is-settur; jinnota li skont is-sejħiet tal-2023, l-Unjoni impenjat EUR 1,15-il biljun għal 61 proġett ta' R&Ż fil-qasam tad-difiża, li minnhom ibbenefikaw 581 entità legali minn 26 Stat Membru u min-Norveġja; jinnota li bħala medja 17-il entità minn tmien Stati Membri differenti u min-Norveġja qed jipparteċipaw f'kull proġett; jissottolinja l-importanza ta' kundizzjonijiet ekwi biex tiġi appoġġjata l-kooperazzjoni transfruntiera fir-riċerka u l-iżvilupp fil-qasam tad-difiża;

144. Jilqa' b'sodisfazzjon l-azzjonijiet tal-Kummissjoni biex ittejjeb l-appoġġ għall-SMEs fis-settur tad-difiża, b'mod partikolari tapprezza li l-Iskema tal-UE għall-Innovazzjoni fid-Difiża (EUDIS), li tipprovdi firxa varjata ta' strumenti mfassla biex jappoġġjaw lill-SMEs fl-ekosistema tad-difiża, saret kompletament operattiva fl-2023, b'EUR 224 miljun allokati għaliha mill-baġit tal-EDF; japprezza, barra minn hekk, ir-rwol tal-bonus tal-SMEs taħt l-EDF, li jiffaċilita l-aċċess għall-ktajjen tal-provvista tad-difiża għal atturi u innovaturi iżgħar; jinnota li fis-sejħiet tal-EDF tal-2023, 42 % mill-entitajiet magħżula għall-finanzjament kienu SMEs, sehem akbar meta mqabbel mal-2022 (38,2 %), u li 18 % tal-finanzjament totali disponibbli permezz tas-sejħiet tal-EDF huwa allokat lill-SMEs;

145. Ifakkar li l-Azzjoni Preparatorja fuq ir-Riċerka dwar id-Difiża (PADR) kienet programm prekursur tal-EDF b'baġit ta' EUR 90 miljun li ffinanzja 18-il proġett ta' riċerka magħżula wara sejħiet għal proposti fis-snin mill-2017 sal-2019; ifakkar ukoll li l-Qorti, fir-Rapport Speċjali 10/2023 tagħha "L-Azzjoni preparatorja fuq ir-riċerka dwar id-difiża", osservat li l-Unjoni għad ma għandhiex strateġija fit-tul għall-proġetti fl-ambitu tal-EDF, b'mod partikolari f'termini ta' impatt, riċerka addizzjonali, żvilupp, manifattura u akkwist; jilqa' l-fatt li l-Kummissjoni aċċettat ir-rakkomandazzjonijiet kollha tal-Qorti u kkonfermat li l-implimentazzjoni tagħhom għadha għaddejja; jilqa', f'dan ir-rigward, l-adozzjoni mill-Kummissjoni ta' Strateġija għall-Industrija tad-Difiża Ewropea (EDIS) u proposta leġiżlattiva li tistabbilixxi l-Programm għall-Industrija tad-Difiża Ewropea (EDIP) kif ukoll l-impenn tagħha li tibni l-EDF; madankollu, fid-dawl tar-

realtajiet ġeopolitiċi li qed tiffaċċja l-Unjoni, huwa mħasseb dwar il-fatt li l-implimentazzjoni sħiħa tar-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti hija mistennija biss fl-2026;

146. Ifakkar fl-osservazzjonijiet tal-Qorti fir-Rapport Speċjali 10/2023 tagħha dwar id-disponibbiltà limitata tar-riżorsi umani fil-Kummissjoni u r-riskju sussegwenti għall-EDF; jinnota li l-għadd dejjem jikber ta' proposti għall-evalwazzjoni u proġetti għall-ġestjoni jitfa' pressjoni konsiderevoli fuq ir-riżorsi umani; jinnota wkoll is-sehem kbir ta' esperti nazzjonali sekondati (17 %) fost il-persunal tad-Direttorat Ġenerali għall-Industrija tad-Difiża u l-Ispazju fl-2023 u l-intenzjoni tad-DĠ għall-Industrija tad-Difiża u l-Ispazju li jsaħħaħ il-persunal bl-għażla ta' uffiċjali permezz ta' kompetizzjonijiet speċjalizzati tal-EPSO fil-qasam tal-ispazju u d-difiża, li għalihom il-listi ta' riżerva ġew iffinalizzati f'Novembru 2023;

147. Jinnota li l-implimentazzjoni tal-"Pjan ta' Azzjoni dwar il-Mobbiltà Militari 2.0" għadha għaddejja, b'EUR 1,74 biljun allokati għal proġetti ta' infrastruttura tat-trasport b'użu doppju fl-ambitu tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (FNE) bejn l-2021 u l-2027; jinnota li s'issa l-Unjoni kkofinanzjat 95 proġett ta' mobbiltà militari f'21 Stat Membru u li 94 minn dawn il-proġetti għadhom għaddejjin u l-biċċa l-kbira tagħhom huma mistennija li jiġu ffinalizzati bejn l-2026 u l-2027; jinnota bi tħassib li wara tliet sejħiet għal proposti organizzati fl-2021, fl-2022 u fl-2023, il-pakkett kollu tal-mobbiltà militari fl-ambitu tal-FNE għall-perjodu ta' programmazzjoni attwali b'hekk diġà ġie eżawrit; Iqis li, filwaqt li l-mobilizzazzjoni rapida tar-riżorsi baġitarji permezz tal-preallokazzjoni tas-sejħiet għal proposti fl-2022 u fl-2023 ikkunsidrat il-ħtieġa li titqies l-evoluzzjoni tas-sitwazzjoni tas-sigurtà fl-Ewropa wara l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, fl-istess ħin dan għamel il-finanzjament tal-Unjoni volatili u imprevedibbli, hekk kif għal perjodu ta' aktar minn erba' snin, l-ebda finanzjament ulterjuri tal-Unjoni għal sejħiet għal mobbiltà militari biex jiġu ffinanzjati proġetti ta' infrastruttura b'użu doppju mhu disponibbli, sakemm jidħol fis-seħħ il-QFP ta' wara l-2027; ifakkar fil-konklużjonijiet tal-Qorti fir-Rapport Speċjali 04/2025 tagħha li l-Pjan ta' Azzjoni ma kienx mibni fuq pedamenti sodi biżżejjed u li l-progress lejn l-objettiv tiegħu, jiġifieri l-iżgurar ta' moviment rapidu u bla xkiel tal-persunal, tal-materjal u tal-assi fi żmien qasir u fuq skala kbira, kien varjabbli minħabba dgħufijiet fit-tfassil u l-ostakli li fadal għall-implimentazzjoni; jinnota li l-Kummissjoni tqis li hemm bżonn ta' aktar azzjoni biex jissaħħu l-kurituri tal-infrastruttura tat-trasport b'użu doppju, inkluż dwar kwistjonijiet regolatorji bħall-proċeduri għall-permessi ta' movimenti transfruntiera; jinnota l-osservazzjoni tal-Qorti li l-Kummissjoni ma wettqitx valutazzjoni robusta tal-fondi globali meħtieġa biex jintlaħqu l-objettivi u l-miri tal-pjan; jesprimi dispjaċir għall-fatt li fl-2023 intefqu EUR 300 miljun biss fuq il-mobbiltà militari u huwa mħasseb li s-sejħiet għal proposti fl-ambitu tal-pakkett ta' mobbiltà militari ffaċċjaw rata ta' sottoskrizzjoni żejda ta' erba' darbiet, u dan juri ż-żieda fl-interess

tal-Istati Membri u tal-benefiċjarji tal-proġetti;

148. Jesprimi tħassib serju dwar id-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tipproċedi bl-adozzjoni tal-inizjattiva “ReArm EU” mingħajr konsultazzjoni minn qabel mal-Parlament Ewropew; jiddispjaċih li tali deċiżjoni twarrab il-prinċipju tal-bilanċ istituzzjonali u ddgħajjef ir-rwol tal-Parlament bħala koleġiżlatur fit-tfassil tal-prijoritajiet strateġiċi u baġitarji; iħeġġeġ lill-Kummissjoni żżomm lura milli tagħti bidu għal strumenti ta’ politika sostanzjali li jkollhom impatt fuq l-arkitettura finanzjarja u strateġika tal-Unjoni mingħajr ma tiżgura rispett sħiħ għall-prerogattivi tal-Parlament;

149. Jinnota li l-Parlament Ewropew stieden lill-Unjoni u lill-Istati Membri tagħha jistabbilixxu qafas legali li jippermetti li r-Russja tiġi kklassifikata bħala Stat sponsor tat-terroriżmu;

Rakkomandazzjonijiet

150. Jistieden lill-Kummissjoni:

(i) tiżviluppa strateġija fit-tul għall-EDF, li tibni fuq l-esperjenza b’Azzjoni Preparatorja fuq ir-Riċerka dwar id-Difiża (PADR) u r-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti, mill-aktar fis possibbli;

(ii) tiżgura l-forniment ta’ riżorsi adegwati biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni fid-difiża tal-Unjoni, fuq perjodu ta’ żmien qasir permezz tal-abbozz tal-baġit tal-2026 u r-reklutaġġ f’waqtu ta’ persunal espert, u fuq perjodu ta’ żmien medju permezz tal-proposta tal-Kummissjoni għall-QFP li jmiss;

(iii) tkompli ssaħħaħ il-mobbiltà militari fl-Unjoni billi jiżdied b’mod sostanzjali l-finanzjament disponibbli biex jittejbu l-kurituri tal-infrastruttura tat-trasport b’użu doppju u billi tittieħed azzjoni biex jiġu eliminati l-ostakli amministrattivi, proċedurali u regolatorji għall-movimenti militari transfruntiera, filwaqt li tipprijoritizza l-finanzjament ta’ proġetti li jirrispondu bl-aħjar mod għax-xenarju ta’ theddid Ewropew attwali; filwaqt li tqis is-sejbiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti fir-Rapport Speċjali 04/2025;

(iv) tieħu azzjoni biex tiżgura d-diliġenza dovuta fir-rigward tal-kriterji stabbiliti għal proġetti ta’ infrastruttura tal-mobbiltà militari b’użu doppju, f’konformità mar-rakkomandazzjoni tal-Qorti;

Il-viċinat u d-dinja

151. Jinnota li l-baġit għall-programmi fl-ambitu tal-Intestatura 6 tal-QFP “Il-viċinat u d-dinja” kien ta’ EUR 15,2-il biljun (7,4 % tal-baġit tal-Unjoni) imqassam kif ġej: 63,4 % għall-Istrument ta’ Viċinat, ta’ Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta’ Kooperazzjoni Internazzjonali –

Ewropa Globali (NDICI-Ewropa Globali), 16,4 % għall-Għajnuna Umanitarja (HUMA), 16 % għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA III) u 4,2 % għal azzjonijiet u programmi oħra; jinnota li b'kollox, il-pagamenti għall-intestatura "Il-viċinat u d-dinja" laħqu EUR 15,2-il biljun fl-2023, li jirrappreżentaw madwar 8 % tan-nefqa globali tal-Unjoni minbarra l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza;

152. Jinnota li l-Qorti eżaminat kampjun ta' 72 tranżazzjoni, li mhuwiex rappreżentattiv b'mod adegwat tal-infiq fl-ambitu ta' din l-intestatura tal-QFP u, għalhekk, ma tistax tipprovdi stima tar-rata ta' żball; meta jitqies li r-riżultati tal-awditjar tal-Qorti juru li dan huwa qasam ta' riskju għoli (37 tranżizzjoni minn 72 tranżazzjoni awditjati, jiġifieri 51,4 %, kienu affettwati minn żbalji), jistieden lill-Qorti tipprovdi stima ċara tar-rata ta' żball għal dan il-kapitolu; jinnota li l-Qorti sabet 31 żball li kellhom impatt finanzjarju fuq il-baġit tal-Unjoni, relatati ma' benefiċjarji ineliġibbli, spejjeż ineliġibbli, nefqa mhux imġarrba, u ksur tar-regoli dwar l-akkwist pubbliku, oqsma li jistgħu jindikaw riskji ta' funzjonament mhux affidabbli tal-mekkaniżmi ta' kontroll;

153. Jinnota, barra minn hekk, li l-Qorti sabet 19-il każ ta' nuqqas ta' konformità mad-dispożizzjonijiet legali u finanzjarji, li l-ebda wieħed minnhom ma kellu impatt finanzjarju dirett fuq il-baġit tal-Unjoni, u li kienu jinkludu kwistjonijiet bħall-allokazzjonijiet ambigwi tal-ispejjeż, in-nuqqas ta' konformità mar-regoli dwar il-viżibbiltà, u dokumentazzjoni mhux adegwata;

154. Huwa mħasseb li l-Qorti sabet nuqqas ta' konformità sinifikanti mar-regoli ta' viżibbiltà fi proġett iffinanzjat mill-UE b'ġestjoni indiretta mid-DĠ għall-Viċinat u n-Negozjati għat-Tkabbir, li kien jikkonċerna ftehim ta' kontribuzzjoni b'valur ta' EUR 21,2 miljun iffirmat ma' organizzazzjoni internazzjonali fi proġett li l-għan tiegħu kien li jiġu appoġġjati l-paġjiżi tas-sħubija tal-Lvant fl-indirizzar tal-COVID-19; jinnota li l-Qorti sabet li l-biċċa l-kbira miċ-ċertifikati ta' donazzjoni li vverifikat ma kien fihom l-ebda rikonoxximent li t-tagħmir mediku mogħti kien iffinanzjat mill-Unjoni; ifakkar li l-benefiċjarji tal-fondi tal-Unjoni huma meħtieġa li jippubbliċizzaw b'mod ċar il-fatt li l-Unjoni ffinanzjat jew ikkofinanzjat l-azzjoni li jkunu qed jimplimentaw; jinnota r-risposti tal-Kummissjoni li qed tiddiskuti linji gwida ġodda dwar il-komunikazzjoni u l-viżibbiltà man-Nazzjonijiet Uniti biex jitnaqqsu r-riskji ta' żbalji dwar il-konformità mar-regoli dwar il-viżibbiltà;

155. Jesprimi tħassib li l-Qorti, fl-awditu tal-IT tagħha dwar il-komponent tas-sistema ta' informazzjoni OPSYS għall-ġestjoni tal-aċċess u d-drittijiet tal-utenti, sabet tliet nuqqasijiet li jinkludu (i) li d-DĠ għas-Sħubijiet Internazzjonali ma kienx ifformalizza proċedura għall-għoti u għat-tneħħija tad-drittijiet ta' aċċess għall-amministraturi tas-sistema u għall-utenti standard; (ii) erba' każijiet li fihom l-utenti standard kellhom aktar drittijiet ta' aċċess milli kellhom bżonn għall-

impjiegi tagħhom, li mhuwiex konformi mal-istandards tal-IT tal-Kummissjoni; u li (iii) id-DĠ għas-Sħubijiet Internazzjonali ma mmaniġġjax il-kontijiet ta' amministratur kollha li huma tal-persunal ta' direttorati ġenerali oħra; huwa mħasseb li dawn d-dgħufijiet iżidu r-riskji kemm ta' aċċess mhux xieraq għas-sistema kif ukoll ta' nuqqas ta' konformità mar-regoli u mal-proċeduri għall-implimentazzjoni ta' proġetti ta' azzjoni esterna, u jimminaw ukoll l-integrità tal-proċessi u tad-data tas-sistema;

156. Jinnota li l-Kummissjoni intensifikat il-komunikazzjoni mal-organizzazzjonijiet internazzjonali sabiex tiżdied is-sensibilizzazzjoni dwar il-ħtieġa li jiġi żgurat li l-awdituri tal-Qorti jiksbu aċċess sħiħ għad-dokumenti meta jawditjaw proġetti ffinanzjati mill-Unjoni, u li l-Kummissjoni appoġġjat inizjattivi biex jinstabu soluzzjonijiet permanenti għall-kwistjonijiet ta' aċċess għad-dokumenti u ż-żamma tagħhom; jinnota, madankollu, ir-rikonoxximent tal-Kummissjoni li minkejja l-isforzi, għad hemm xi restrizzjonijiet rigward l-aċċess għad-dokumenti minħabba l-oqfsa legali eżistenti tas-sħab ta' implimentazzjoni, li mhumiex mistennija li jinbidlu fil-futur qrib;

157. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni ssaħħaħ l-approċċ ibbażat fuq il-kundizzjonalità tal-istat tad-dritt fil-finanzjament tal-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA) III sabiex dan l-istrument jaqdi l-għan tiegħu li jħejji b'mod effettiv lill-pajjiżi kandidati fil-proċess ta' adeżjoni bil-ħsieb li jissodisfaw il-kundizzjonijiet meħtieġa biex isiru Stati Membri tal-UE; itenni l-istedina tiegħu lill-Kummissjoni biex timplimenta r-rakkomandazzjonijiet tar-Rapport Speċjali 01/2022 tal-Qorti sabiex tiżgura impatt effettiv tal-assistenza finanzjarja mill-Unjoni fuq l-istat tad-dritt fil-Balkani tal-Punent, b'mod partikolari billi tiżviluppa linji gwida fir-rigward tal-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-IPA III li jikkonċernaw il-modulazzjoni u l-kundizzjonalità;

158. Jisħaq li l-għajnuna tal-Unjoni fl-ebda ċirkostanza ma għandha – direttament jew indirettament – tkun qed tiffinanzja t-terroriżmu, u għalhekk ma għandha tappoġġja l-ebda entità konnessa mal-Ħamas jew ma' kwalunkwe organizzazzjoni terroristika jew estremista oħra; jinnota li, għal dan l-għan, huwa leġittimu u neċessarju li wieħed ikun jista' jkun jaf u jidentifika b'mod ċar il-benefiċjarji finali kollha tal-għajnuna Ewropea f'pajjiżi terzi; jenfasizza l-ħtieġa ta' kontroll strett tad-distribuzzjoni u l-użu tal-għajnuna biex jiġi żgurat li l-fondi ma jintużawx ħażin;

159. Jinnota b'dispjaċir li l-Kummissjoni Ewropea ffinanzjat l-Università tax-Xjenza u t-Teknoloġija Iżlamika ta' Gaziantep, li wriet rabtiet mal-organizzazzjoni terroristika tal-Ħamas; jistieden lill-Kummissjoni tikkanċella r-rabtiet kollha ma' din l-università u universitajiet oħra b'rabtiet ma' organizzazzjonijiet terroristiċi;

160. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni, fil-kuntest tal-għoti ta' għajnuna

umanitarja u appoġġ aħjar lill-popolazzjoni Palestinjana, tagħmel użu sħiħ mis-sħab fdati tagħha, bħad-WHO, id-WFP, il-Unicef jew organizzazzjonijiet differenti tan-Nofs Qamar l-Aħmar; ifakkar fl-importanza li l-Kummissjoni tiggarantixxi kontrolli indipendenti tal-UNRWA minn esperti esterni, mill-Qorti u minn sħab internazzjonali ta' esperjenza;

161. Jinnota li l-Kummissjoni f'dawn l-aħħar xhur kienet qed taħdem mal-UNRWA, biex ittejjeb il-proċessi tan-newtralità u s-sistemi ta' kontroll fl-Aġenzija, f'konformità mas-sejbiet tal-investigazzjonijiet mill-OIOS tan-NU dwar l-allegazzjonijiet ta' involviment ta' 19-il membru mill-persunal tagħha fl-attakk tas-7 ta' Ottubru 2023, u biex timmonitorja l-applikazzjoni tal-pjan ta' azzjoni ppreżentat mill-UNRWA dwar l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-Grupp ta' Rieżami Indipendenti mmexxi mill-ex Ministru Franċiż għall-Affarijiet Barranin Colonna ħalli jissaħħu l-kontroll u s-sorveljanza; jinnota li l-Kummissjoni vvalutat mill-ġdid id-deċiżjoni dwar il-finanzjament tal-Unjoni għall-2024 għall-UNRWA u li, permezz ta' skambju ta' ittri bejn il-Kummissarju Várhelyi u l-Kummissarju Ġenerali tal-UNRWA Lazzarini f'April 2024, l-Unjoni laħqet ftehim dwar l-assistenza kondizzjonali tal-Unjoni għall-UNRWA, marbuta ma' għadd ta' objettiv intermedji fir-rigward ta' tliet flussi ta' ħidma, inkluż l-iskrinjar tal-persunal tal-UNRWA, awditu mill-Unjoni, kif ukoll it-tisħiħ tal-uffiċċju tad-Dipartiment tal-Investigazzjonijiet Interni u l-Etika; jinnota li l-assistenza tal-Unjoni reġgħet bdiet;

162. Ifakkar fil-ħtieġa li lill-Awtorità Palestinjana tneħħi l-materjali u l-kontenut edukattivi kollha li jonqsu milli jaderixxu mal-istandards tal-Unesco sas-sena skolastika li jmiss, b'mod partikolari dawk li fihom l-antisemitiżmu kif definit mill-klassifikazzjoni tal-Alleanza Internazzjonali għat-Tifkira tal-Olokawstu approvata mill-Unjoni, l-inċitament għall-vjolenza, id-diskors ta' mibegħda u l-glorifikazzjoni tat-terroriżmu; ifakkar fid-dispożizzjonijiet tar-riżoluzzjonijiet ta' kwittanza preċedenti; jisħaq li l-appoġġ finanzjarju mill-Unjoni għall-Awtorità Palestinjana fil-qasam tal-edukazzjoni għandu jingħata bil-kundizzjoni li l-kontenut tal-kotba tal-iskola jkun allinjat mal-istandards tal-Unesco, li jitħassru r-referenzi anti-Semitiċi kollha u li jitneħħew eżempji li jinċitaw il-mibegħda u l-vjolenza, kif mitlub ripetutament fir-riżoluzzjonijiet li jakkumpanjaw id-deċiżjonijiet ta' kwittanza; ifakkar fis-sejbiet tar-rapport tal-Istitut Georg Eckert iffinanzjat mill-Unjoni, li żvela stampa kumplessa tal-kotba tal-iskola; jinnota li l-Unjoni ma tiffinanzjax il-kotba tal-iskola Palestinjani, u li lanqas mhuma r-responsabbiltà tal-UNRWA, li madankollu tirrevedi l-kotba tal-iskola kollha maħruġa biex tindirizza kwalunkwe kontenut problematiku); jinnota li l-Kummissjoni se twettaq skrutinju mill-qrib biex tiżgura li l-ebda fond tal-Unjoni ma jiġi allokat, direttament jew indirettament, għall-abbozzar, għat-tagħlim, jew għall-esponiment ta' tali materjali edukattivi tat-tfal Palestinjani, inklużi dawk ipprovduti mill-organizzazzjonijiet tan-NU;

163. Jinnota r-rikonoxximent tad-DĠ għall-Viċinat u n-Negozjati għat-Tkabbir fir-RAA tiegħu tal-2023 li l-proġetti fi Kiev irċevew żjarat regolari iżda restrizzjonijiet ta' sigurtà llimitaw iż-żjarat ta' monitoraġġ fuq il-post u ta' proġetti f'reġjuni oħra tal-Ukrajna; jinnota wkoll li r-restrizzjonijiet fuq proġetti ta' monitoraġġ adegwat fl-Ukrajna wasslu għal riżerva mġedda fir-RAA tal-2023 tad-DĠ għall-Viċinat u n-Negozjati għat-Tkabbir u li qed jiġu implimentati azzjonijiet korrettivi, bħall-monitoraġġ tal-progress fl-implimentazzjoni tal-proġett permezz ta' analiżijiet mhux fuq il-post, soluzzjonijiet mill-bogħod u l-użu ta' fornitur ta' servizzi;

164. Jilqa' l-fatt li l-OLAF jipprovdi assistenza mmirata kontra l-frodi lill-awtoritajiet u jappoġġja l-adeżjoni tal-Ukrajna mal-Programm tal-UE kontra l-Frodi; jinnota li l-Ftehim Qafas dwar il-Faċilità għall-Ukrajna, li daħal fis-seħħ f'Ġunju 2024, jipprevedi arranġamenti legalment vinkolanti għall-ġestjoni, il-kontroll, is-superviżjoni, il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni, ir-rapportar u l-awditjar ta' fondi fl-ambitu tal-Faċilità, kif ukoll miżuri għall-prevenzjoni, l-investigazzjoni u l-korrezzjoni ta' irregolaritajiet, frodi, korruzzjoni u kunflitti ta' interess, u dispożizzjonijiet dwar ir-rwoli tal-OLAF u tal-UPPE; jilqa' l-fatt, barra minn hekk, li, skont l-Artikolu 36 tar-Regolament dwar il-Faċilità għall-Ukrajna, f'Ġunju 2024 il-Kummissjoni stabbiliet Bord tal-Verifika, bil-missjoni li jassisti lill-Kummissjoni fil-valutazzjoni tal-effettività tas-sistemi ta' ġestjoni u kontroll tal-Ukrajna fir-rigward tal-fondi pprovduti fl-ambitu tal-Faċilità u fil-ġlieda kontra l-ġestjoni ħażina tal-finanzjament tal-Unjoni fl-ambitu tal-Faċilità għall-Ukrajna; jistieden lill-Kummissjoni żżomm lill-Parlament Ewropew infurmat regolarment dwar l-attivitajiet u s-sejbiet tal-Bord tal-Verifika sabiex tiżgura sorveljanza parlamentari xierqa;

165. Jinnota bi tħassib ir-rapporti reċenti dwar is-sejbiet ta' abbozz ta' rapport tal-awditjar imħallas mill-Kummissjoni dwar is-Segretarjat tal-Organizzazzjoni tal-Istati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku (OSAKP) li jallegaw li hemm suspett ta' frodi, salarji mhux imħallsa u obbligazzjonijiet ulterjuri; jinnota li kif irrapportat, il-Kummissjoni kkontribwiet EUR 3,7 miljun lis-Segretarjat fl-2023 u qed tipprova tirkupra EUR 3,6 miljun minn Marzu 2024; jitlob lill-Kummissjoni tiżgura trasparenza u obbligu ta' rendikont sħaħ, tagħti aċċess għar-rapport tal-awditjar u tinforma lill-membri tal-Parlament dwar il-passi konkreti meħuda;

166. Jistieden lill-Kummissjoni, f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti fl-Opinjoni 03/2024 tagħha, tintegra fil-proposta leġiżlattiva l-ġdida tal-QFP ir-rakkomandazzjonijiet tal-Garanzija għall-Azzjoni Esterna li jikkomplementaw l-evalwazzjoni tal-Kummissjoni, inkluż użu akbar ta' taħlit (għotjiet) fl-LDCs, pajjiżi fraġli jew milquta minn kunflitti u koordinazzjoni involuta mal-partijiet ikkonċernati bħas-soċjetà ċivili;

167. Jinsab imħasseb dwar l-allokazzjoni tal-EFSD+ taħt il-pakkett flessibbli l-ġdid “Appoġġ għall-Investimenti” favur pajjiżi benefiċjarji fejn l-investimenti tal-Global Gateway huma aktar faċli biex jiġu implimentati għad-detriment tal-prijoritizzazzjoni tal-LDCs, u tal-pajjiżi fraġli u milquta minn kunflitti; li jsir rappurtar dwar il-volum tal-fondi tal-EFSD+ allokati u kkuntrattati f’dawn il-pajjiżi, kif ukoll trasparenza dwar kif ir-rata ta’ allokazzjoni tal-LDCs fl-MIPs nazzjonali tiġi rispettata fl-allokazzjonijiet tal-MIPs reġjonali;

168. Filwaqt li jirrikonoxxi l-istrateġija Global Gateway bħala rispons miftiehem tal-Unjoni għall-isfidi globali, itenni li l-azzjonijiet li jlaqqgħu flimkien l-investiment pubbliku u privat iridu dejjem ikunu ggwidati mill-qafas legali kif previst mir-Regolament NDICI, l-Aġenda 2030, u l-ħtiġijiet tal-pajjiżi sħab, kif ikkomunikat permezz ta’ djalogu onest u ugwali; jinsab imħasseb dwar l-inkonsistenzi madwar il-programmi tal-Global Gateway; jappella, għalhekk, għal trasparenza mtejba, obbligu ta’ rendikont demokratiku, kif ukoll mekkaniżmi robusti ta’ monitoraġġ u evalwazzjoni fl-inizjattivi Global Gateway u Tim Ewropa; jappella għal pjattaforma ċentralizzata u aċċessibbli għall-pubbliku, aġġornata regolarment, biex tagħti dettalji dwar il-proġetti Global Gateway, inklużi l-objettivi, is-sorsi ta’ finanzjament, is-sħab ta’ implimentazzjoni, u l-eżiti mistennija tagħhom;

Fond Ewropew għall-Iżvilupp (FEŻ)

169. Jinnota li biex tawditja r-regolarità tat-tranżizzjonijiet, il-Qorti eżaminat kampjun ta’ 140 tranżazzjoni, li jirrappreżentaw il-firxa sħiħa ta’ nfiq mill-Fondi Ewropej għall-Iżvilupp; jinnota, barra minn hekk, li dan kien jinkludi 31 tranżazzjoni li kienu relatati mal-Fond Fiduċjarju ta’ Emerġenza tal-Unjoni Ewropea għall-Afrika, 87 tranżazzjoni awtorizzati minn 14-il delegazzjoni tal-UE [1] u 19-il pagament approvati mis-servizzi ċentrali tal-Kummissjoni;

170. Jinnota bi tħassib li, mill-140 tranżazzjoni eżaminati, 62 (44,3 %) kien fihom żbalji, meta mqabbla mas-57 tranżazzjoni (40,7 %) fl-2022 għall-istess għadd ta’ tranżazzjonijiet; jisħaq, barra minn hekk, li l-Qorti kkwantifikat 52 żball (48 fl-2022), li abbażi tagħhom stmat li l-livell ta’ żball għas-sena finanzjarja 2023 kien ta’ 8,9 % (7,1 % fl-2022);

171. Jenfasizza bi tħassib li l-aktar tliet tipi komuni ta’ żbalji fis-sena finanzjarja 2023 kienu relatati man-nefqa mhux imġarrba b’45 % (51 % fl-2022), man-nuqqas ta’ dokumenti ta’ sostenn essenzjali b’31 % (7 % fl-2022) u man-nefqa ineliġibbli bi 23 % (24 % fl-2022);

172. Jinnota t-tweġibiet tal-Kummissjoni għall-mistoqsijiet bil-miktub lill-

---

[1] L-Angola, il-Benin, il-Kosta tal-Avorju, Fiġi, il-Ghana, il-Guinea-Bissau, il-Kenja, Madagascar, il-Malawi, Mauritius, il-Mozambique, il-Gambja, it-Togo u l-Uganda.

Kummissarji Jutta Urpilainen u Oliver Varhelyi li fl-2023 madwar 45 % tal-iżbalji totali huma dovuti għal ikklerjar eċċessiv, prattika li fiha n-nefqa mhux imġarrba tiġi inkluża fil-kontijiet bħala nefqa mġarrba, u li għalhekk tali żbalji huma temporanji, peress li mhux se jibqgħu jeżistu wara l-ikklerjar finali; jinnota wkoll li, biex jitnaqqsu dawn l-iżbalji temporanji, il-Kummissjoni talbet lis-sħab tagħha jirrieżaminaw il-mudelli ta' rapportar tagħhom biex jippermettu identifikazzjoni aktar faċli tan-nefqa mġarrba, u li d-DĠ għas-Sħubijiet Internazzjonali nieda grupp ta' ħidma speċjali biex jeżamina l-konformità tal-organizzazzjonijiet rilevanti permezz ta' qafas ta' ġestjoni tar-riskju; jinnota wkoll li d-DĠ għas-Sħubijiet Internazzjonali bħalissa qed jirrieżamina l-istrateġija ta' kontroll tiegħu, li għandha l-għan ukoll li tidentifika kif jistgħu jissaħħu l-kontrolli *ex ante* u li ttejjeb ir-rapportar tal-organizzazzjonijiet ivvalutati mill-pilastri lill-Kummissjoni; jistieden lill-Kummissjoni tirrapporta lill-awtorità ta' kwittanza dwar l-effetti ta' dawn l-azzjonijiet;

173. Jinnota li l-eżiti mistennija tar-rieżami li qed iwettaq bħalissa d-DĠ għas-Sħubijiet Internazzjonali tal-istrateġija ta' kontroll tiegħu jinkludu t-tisħiħ tal-gwida dwar ir-rapportar finanzjarju u anke dwar kontrolli *ex ante* mtejba sabiex jiġu pprevenuti żbalji inkluż dwar ikklerjar eċċessiv; jistieden lill-Kummissjoni tirrapporta lill-awtorità ta' kwittanza dwar il-miżuri ta' rimedju meħuda mal-finalizzazzjoni ta' dan ir-rieżami;

174. Huwa mħasseb li, bħal fis-snin preċedenti, uħud mill-organizzazzjonijiet internazzjonali pprovdew biss aċċess limitat għad-dokumenti (eż. f'format li jinqara biss), li fixkel l-ippjanar, l-eżekuzzjoni u l-kontroll tal-kwalità tal-awditu tal-Qorti u li wassal għal dewmien; jinnota li l-kwistjonijiet ta' awditjar u kontroll ġew diskussi mal-entitajiet tan-NU f'diversi okkażjonijiet, inkluż fil-kuntest ta' laqgħat konġunti tal-gruppi ta' referenza teknika u l-grupp ta' ħidma rilevanti tal-Ftehim Qafas Finanzjarju u Amministrattiv (FAFA) bejn l-UE u n-NU; jinnota, barra minn hekk, li l-Kummissjoni qed taħdem mal-Organizzazzjonijiet Internazzjonali kkonċernati u intensifikat il-komunikazzjoni magħhom dwar l-aċċess min-naħa tal-Qorti għad-dokumenti; jinkoraġġixxi, bħal fis-snin preċedenti, lill-Kummissjoni żżid dawn l-isforzi;

175. Jisħaq li, skont il-valutazzjoni tal-Qorti, l-istudju tar-Rata tal-Erruri Residwi (RER) ma jikkostitwix inkarigu ta' aċċertament jew awditu u huwa bbażat fuq il-metodoloġija u l-manwal tal-RER ipprovduti mid-DĠ għas-Sħubijiet Internazzjonali; jinnota li d-DĠ għas-Sħubijiet Internazzjonali jiċċara li l-istudju tal-RER huwa maħsub biex ikun indikatur ewlieni għall-impatt finanzjarju stmat tal-iżbalji residwi, jiġifieri, ikejjel il-funzjonament xieraq tas-sistema ta' kontroll intern u għalhekk, juri l-kapaċità korrettiva tal-Kummissjoni; jisħaq li, bħal fis-snin preċedenti, il-Qorti sabet limitazzjonijiet fl-istudju; jinnota, barra minn hekk, l-opinjoni tal-Qorti, bħal fis-snin preċedenti, li l-

metodoloġija tal-RER tippermetti lill-kuntrattur jibbaża kompletament fuq ir-riżultati tal-kontrolli tad-DĠ għas-Sħubijiet Internazzjonali, u li l-fatt li jibbaża fuq il-ħidma ta' awdituri oħra jmur kontra l-iskop ta' studju tal-RER; jenfasizza s-sejba tal-Qorti li f'każijiet meta dawn il-kontrolli preċedenti jkunu twettqu skont il-FAFA bejn il-Kummissjoni Ewropea u n-Nazzjonijiet Uniti, il-kuntrattur mhux dejjem ikun jista' jwettaq ittestjar sostantiv addizzjonali billi l-FAFA jillimita d-drittijiet ta' verifika tal-Kummissjoni; jenfasizza r-risposta tal-Kummissjoni li rrikonoxxiet il-limitazzjonijiet f'termini ta' kontrolli stabbiliti fl-FAFA; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tfittex soluzzjonijiet fattibbli biex issolvi din il-kwistjoni;

176. Ifakkar li nħolqu żewġ EUTFs taħt l-Fondi Ewropej għall-Iżvilupp; ifakkar li l-EUTF għall-Afrika mmobilizza aktar minn EUR 5 biljun, b' 88 % tal-kontribuzzjonijiet (EUR 4,4 biljun) ġejjin mill-FEŻ u mill-baġit tal-Unjoni; jiddeplora l-fatt li, minkejja diversi talbiet mill-Parlament, il-proċess tal-ġestjoni u l-allokazzjoni ta' dawn il-fondi għadu nieqes mit-trasparenza; jinsab imħasseb dwar is-sejbiet tal-Qorti fir-Rapport Speċjali tagħha 17/2024 "Il-fond fiduċjarju tal-UE għall-Afrika – Minkejja approċċi ġodda, l-appoġġ baqa' mingħajr fokus; jinnota li, minkejja approċċ innovattiv għall-identifikazzjoni tar-riskji għad-drittijiet tal-bniedem f'ambjent diffiċli, dawn ir-riskji ma ġewx indirizzati b'mod komprensiv u li l-Qorti sabet li l-valutazzjoni tar-riskji potenzjali għad-drittijiet tal-bniedem ma kinitx komprensiva; ifakkar li l-Kummissjoni mhijiex f'pożizzjoni li tistabbilixxi u tirrapporta dwar l-aktar approċċi effiċjenti u effettivi biex jitnaqqsu l-migrazzjoni irregolari u l-ispostament furzat fl-Afrika skont il-Qorti; jesprimi dispjaċir għall-fatt li s-sistema ġdida ta' monitoraġġ taggrega l-informazzjoni li tasal mingħand il-proġetti kollha tal-EUTF, iżda tbati minn problemi ta' akkuratezza tad-data; jinnota li l-fond fiduċjarju tal-Unjoni għall-Afrika huwa mistenni li jiġi eliminat b'mod gradwali fl-2025;

Rakkomandazzjonijiet

177. Jistieden lill-Kummissjoni taġixxi fuq ir-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti:

(i) fir-rigward tas-sistema ta' applikazzjoni OPSYS, tifformalizza u ttejjeb il-proċedura għall-għoti u għat-tneħħija tad-drittijiet ta' aċċess għall-amministraturi tas-sistema u għall-utenti standard, ittejjeb il-kwalità tas-software l-ġdid, u talloka r-riżorsi meħtieġa biex ittejjeb il-maturità u r-robustezza tiegħu;

(ii) issaħħaħ il-gwida u l-kontrolli biex tiżgura li l-organizzazzjonijiet li jimplimentaw il-kuntratti b'ġestjoni indiretta, inklużi l-organizzazzjonijiet internazzjonali, l-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali u l-aġenziji tal-Istat, jikkonformaw mar-regoli dwar il-viżibbiltà;

(iii) tkompli tintensifika l-komunikazzjoni tagħha ma'

organizzazzjonijiet internazzjonali sabiex tagħti lill-Qorti aċċess sħiħ, bla limiti u f'waqtu għad-dokumenti meħtieġa biex twettaq il-kompitu tagħha f'konformità mat-TFUE, u mhux unikament f'format li jinqara biss;

(iv) tistabbilixxi miżuri adegwati ta' kontroll *ex ante* u *ex post* f'żoni instabbli jew ta' kunflitt biex jiġi żgurat il-kontroll xieraq tal-infiq tal-fondi tal-Unjoni, u modi biex il-fondi tal-Unjoni jiġu rkuprati;

(v) tieħu miżuri biex ittejjeb is-sistemi ta' kontrolli għall-ikklerjar tal-prefinanzjament imħallas lill-organizzazzjonijiet internazzjonali;

(vi) issaħħaħ il-kontrolli *ex ante* qabel ma taċċetta n-nefqa;

178. Jistieden, barra minn hekk, lill-Kummissjoni:

(i) tissorvelja mill-qrib, permezz tal-mekkaniżmi kollha disponibbli, u taħdem mal-UNRWA biex tiżgura li l-azzjonijiet kollha miftiehma jiġu stabbiliti biex jiġi żgurat li l-funzjonament tal-UNRWA jkun kompletament konformi mal-prinċipji umanitarji u l-prinċipju tan-newtralità, inkluż fid-dikjarazzjoni konġunta li ġejja bejn l-UE u l-UNRWA u fid-deċiżjonijiet ta' finanzjament li ġejjin għal assistenza kundizzjonali tal-Unjoni;

(ii) tiżgura li l-kuntratti kollha li jinvolvu l-fondi tal-Unjoni jirrispettaw bis-sħiħ il-leġiżlazzjoni applikabbli tal-Unjoni, inklużi l-obbligu ta' rendikont, it-trasparenza u l-ġestjoni finanzjarja tajba, u li dan jinkludi l-verifika li ma jkun hemm l-ebda sottokuntrattur, persuna fiżika, parteċipant f'workshops u/jew taħriġ jew riċevitur ta' appoġġ finanzjarju mogħti lil partijiet terzi soġġetti għal miżuri restrittivi tal-UE jew involuti fil-finanzjament tat-terroriżmu jew atti ta' terroriżmu kif ukoll atti oħra ta' mibegħda u inċitament għall-mibegħda;

(iii) iżżid l-immirar ibbażat fuq l-evidenza taż-żoni ġeografiċi u tal-benefiċjarji, u ttejjeb il-preċiżjoni tal-kisbiet irrapportati tal-azzjonijiet futuri ta' żvilupp, inkluż permezz tal-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali – Ewropa Globali;

Amministrazzjoni pubblika Ewropea

179. Jinnota li l-Kummissjoni hija direttament responsabbli għall-implimentazzjoni ta' 59,1 % tal-baġit amministrattiv globali tal-Unjoni, ekwivalenti għal EUR 7,2 biljun; jinnota wkoll li 70 % tal-infiq amministrattiv huwa relatat mar-riżorsi umani inklużi l-pensjonijiet filwaqt li l-bqija jkopri primarjament in-nefqa relatata mal-bini, mat-tagħmir, mal-enerġija, mal-komunikazzjoni u mal-IT; jinnota b'sodisfazzjon li anke għall-2023, il-Qorti tikkonkludi li l-qasam tal-

infiq huwa ta’ riskju baxx;

180. Jinnota li matul l-2023, 2 152 impjegat taċ-ċivil telqu mill-Kummissjoni primarjament minħabba li rtiraw, irriżenjaw jew spiċċalhom il-kuntratt tagħhom; jinnota li dan jirrappreżenta dawran relattivament għoli, li għandu jagħti lill-Kummissjoni biżżejjed possibbiltajiet biex tindirizza l-iżbilanċi persistenti fir-rappreżentanza ġeografika fis-servizzi kollha;

181. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni flimkien mal-Uffiċċju Ewropew għas-Selezzjoni tal-Persunal (EPSO) biex tiżgura li jiġu stabbiliti malajr kemm jista’ jkun is-sistemi tekniċi meħtieġa u li jiġu aċċellerati l-proċessi sabiex il-Kummissjoni u istituzzjonijiet oħra tal-Unjoni jkunu jistgħu jiddependu fuq l-EPSO għall-għażla ta’ kandidati bi kwalifiki għoljin u mmotivati għat-tipi ta’ impjiegi kollha fl-istituzzjonijiet;

182. Japprezza li r-rappreżentanza tan-nisa fil-pożizzjonijiet maniġerjali żdiedet minn 46,1 % f’Diċembru 2022 għal 47,8 % f’Diċembru 2023; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tkompli tiffoka fuq l-iżgurar u ż-żamma tal-bilanċ bejn il-ġeneri fil-livelli kollha ta’ ġestjoni;

183. Jinnota b’sodisfazzjon li l-Kummissjoni implimentat politiki biex ittejjeb il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata u l-benesseri tal-persunal, inkluż id-dritt għall-iskonnessjoni; ifaħħar, fl-istess ħin, il-fatt li ġiet adottata deċiżjoni ġdida dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-fastidju li tistabbilixxi l-pożizzjoni ta’ Konsulent Kunfidenzjali Prinċipali bħala figura ewlenija fil-ġlieda kontra l-fastidju; jisħaq fuq il-ħtieġa li din il-pożizzjoni tiġi pprovduta bir-riżorsi xierqa biex jitwettqu b’mod effettiv diversi kompiti ta’ sfida;

184. Jirrikonoxxi l-progress tal-Kummissjoni fir-rigward tal-internalizzazzjoni tal-persunal tal-crèche;

185. Jinnota b’sodisfazzjon li l-Kummissjoni ħarġet verżjonijiet aġġornati tal-linji gwida dwar l-istandards etiċi għall-parteċipazzjoni tal-Membri tal-Kummissjoni Ewropea fil-kampanja elettorali lill-Parlament Ewropew u linji gwida għall-parteċipazzjoni tal-Membri tal-Kummissjoni f’kampanji elettorali fil-livell tal-Istati Membri; ifaħħar ukoll il-fatt li f’Marzu 2023, il-Kummissjoni adottat regoli msaħħa tassew meħtieġa dwar il-missjonijiet u l-ispejjeż imħallsa minn partijiet terzi;

186. Jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġi żgurat li l-Istituzzjonijiet kollha tal-Unjoni fil-Lussemburgu jkunu jistgħu jattiraw persunal għal kull tip ta’ impjieg u karriera; jinnota li speċjalment għall-ħaddiema fi gradi ta’ paga aktar baxxi, il-Lussemburgu jista’ jkun għażla anqas attraenti minħabba l-għoli tal-ħajja; jinnota li bil-ftehim dwar il-baġit għall-2025, l-ewwel pass ittieħed billi ġie stabbilit benefiċċju speċjali għall-akkomodazzjoni għall-persunal fi gradi aktar baxxi li jaħdem fl-istituzzjonijiet tal-Unjoni fil-Lussemburgu;

187. Jinnota li l-Kummissjoni għandha għan ambizzjuż li tnaqqas l-ispazju ġenerali tal-uffiċċji tal-Kummissjoni b'25 % u l-għadd ta' binjiet b'50 % sal-2030 meta mqabbel mal-2020; jinnota li t-tnaqqis totali fl-ispazju kumplessiv laħaq ftit aktar minn 83 000 m^2 fl-2023, ugwali għal tnaqqis ta' 11 %; jilqa' l-fatt li dan l-għan huwa element importanti għall-Kummissjoni biex tilħaq in-newtralità karbonika u tnaqqas l-ispejjeż amministrattivi; jisħaq li huwa importanti li t-tnaqqis fl-għadd ta' binjiet u fl-ispazju tal-uffiċċji u l-introduzzjoni li tirriżulta ta' spazji tax-xogħol kollaborattivi u bidliet amministrattivi sinifikanti oħra jseħħu f'kooperazzjoni mill-qrib mal-persunal;

188. Huwa mħasseb dwar id-dewmien serju, inkluż dewmien sa 6 xhur, li jiffaċċjaw l-impjegati taċ-ċivil fl-istituzzjonijiet meta jirċievu r-rimborżi tal-ispejjeż tal-kura tas-saħħa skont l-iskema tal-assigurazzjoni tal-mard tal-istituzzjonijiet; jinsab imħasseb ukoll dwar it-trattament inadegwat tal-impjegati taċ-ċivil u tal-MPE b'mard awtoimmuni, disturbi newroloġiċi, COPD (mard pulmonari ostruttiv), COVID fit-tul, mard mhux dijanjostikat u rari mir-reġim tal-assigurazzjoni tal-mard tal-istituzzjonijiet; jinnota li l-pazjenti b'dawn is-sintomi spiss ma jiġux rimborżati għat-testijiet dijanjostiċi tagħhom;

189. Jinnota li, fl-2023, l-Ombudsman nieda 398 investigazzjoni dwar il-Kummissjoni; jinnota wkoll li matul l-2023, il-Kummissjoni rċeviet 187 deċiżjoni ta' għeluq mingħajr kummenti u 17-il deċiżjoni ta' amministrazzjoni ħażina; Jinnota bi tħassib li l-Ombudsman irċieva għadd kbir ta' lmenti miċ-ċittadini dwar dewmien estrem fl-aċċess għad-dokumenti mitluba mill-Kummissjoni u jħeġġeġ lill-Kummissjoni tistinka biex tħaffef l-ipproċessar ta' tali talbiet u biex tnaqqas ulterjorment l-għadd ta' deċiżjonijiet ta' amministrazzjoni ħażina u tistabbilixxi regoli ċari dwar l-aċċess għat-tipi kollha ta' testi bil-miktub kemm jekk fuq karta, posta elettronika, messaġġi testwali jew kwalunkwe forma oħra ta' komunikazzjoni, li huwa parti minn proċess amministrattiv relatat mal-politiki jew mad-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni; jinnota li mid-disa' investigazzjonijiet relatati mal-Kummissjoni konklużi mill-OLAF fl-2023, sebgħa ngħalqu bir-rakkomandazzjonijiet; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura t-trasparenza u l-obbligu ta' rendikont fis-segwitu ta' dawn il-każijiet;

190. Jesprimi tħassib serju li kien hemm allegazzjonijiet ta' korruzzjoni marbuta mal-Kummissjoni; fl-istess ħin jiddeplora l-fatt li kien hemm allegazzjonijiet dwar uffiċjali mill-Kummissjoni li allegatament aċċettaw rigali minn pajjiż li l-Unjoni kienet qed tinnegozja ftehim miegħu; jisħaq fuq il-ħtieġa ta' approċċ ċar u sistematiku biex jiġi żgurat li l-każijiet kollha tal-OLAF li jinvolvu reati kriminali potenzjali rilevanti jiġu riferuti minnufih lill-UPPE u lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti; jistieden lill-Kummissjoni ssaħħaħ ir-regoli u l-proċeduri rilevanti sabiex tiżgura li l-każijiet kollha jiġu ttrattati b'mod strett, korrett u effiċjenti;

191. Jinnota li kienu biss ftit il-każijiet ta’ fastidju psikoloġiku u sesswali li ġew rikonoxxuti bħala tali f’dawn l-aħħar snin u jesprimi tħassib li dan jista’ jindika l-eżistenza ta’ lakuni istituzzjonali fil-Kummissjoni, meta jitqies l-għadd sinifikanti ta’ impjegati fl-istituzzjoni;

192. Jesprimi tħassib serju dwar rapporti ta’ investigazzjoni li għaddejja li tinvolvi l-ex Kummissarju għall-Ġustizzja, li allegatament kien involut, matul iż-żmien tiegħu fil-kariga, f’attivitajiet ta’ ħasil tal-flus li jinvolvu fondi ta’ oriġini mhux magħrufa; jistieden lill-Kummissjoni tikkoopera bis-sħiħ mal-awtoritajiet Belġjani u tiċċara b’mod urġenti jekk dawn l-attivitajiet kinux b’xi mod marbuta mad-dmirijiet uffiċjali tiegħu fi ħdan il-Kummissjoni;

193. Jistieden lill-Kummissjoni tagħti prijorità lill-persunal permanenti pjuttost milli l-konsulenti esterni u l-persunal kuntrattwali, sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet tax-xogħol ta’ kwalità għolja, u biex kemm jista’ jkun l-għarfien u l-esperjenza ma jintilfux; jitlob li jkun hemm flessibbiltà għad-DĠs bi proporzjon għoli ta’ esperti nazzjonali sekondati (SNE) fil-pjan ta’ stabbiliment biex il-karigi tal-SNE jinbidlu f’karigi ta’ aġenti temporanji bl-għan li jiġu żgurati żamma aħjar tal-għarfien espert, il-funzjonalità operattiva u l-kontinwità tal-operat; jinsisti wkoll li tiġi evitata l-esternalizzazzjoni tal-kompiti lill-konsulenzi meta l-għarfien disponibbli jkun jista’ jinstab internament;

194. Jinnota li, f’dawn l-aħħar snin, il-Kummissjoni esternalizzat dejjem aktar il-valutazzjonijiet tal-impatt lil kumpaniji esterni, u dan qajjem tħassib dwar kunflitti ta’ interess potenzjali; jistieden lill-Kummissjoni ssaħħaħ id-dispożizzjonijiet għall-prevenzjoni ta’ kunflitti ta’ interess possibbli u tipprovdi gwida aħjar lill-persunal li jittratta l-proċeduri ta’ akkwist pubbliku għal kuntratti ta’ servizzi relatati mal-politika;

195. Jiddispjaċih dwar l-allegat spjunaġġ organizzat mill-Gvern Ungeriż kontra l-persunal tal-OLAF matul missjoni investigattiva; jitlob l-istabbiliment rapidu ta’ miżuri ta’ protezzjoni robusti biex jiġi ssalvagwardjat il-persunal istituzzjonali tal-Unjoni fuq missjoni fl-Istati Membri u biex jiġi evitat kwalunkwe ksur;

196. Jilqa’ d-dħul fis-seħħ tar-Regolament (UE) 2023/2841 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [1]; jieħu nota tal-investimenti fiċ-ċibersigurtà, inklużi EUR 30 miljun allokati għat-tisħiħ tas-sigurtà diġitali fil-Kummissjoni; jistieden lill-Kummissjoni tagħmel kull sforz biex tkompli tiżviluppa kultura taċ-ċibersigurtà, tippromwovi t-taħriġ u s-sensibilizzazzjoni fi ħdan l-istituzzjoni tal-Unjoni; jisħaq fuq l-

---

1 Ir-Regolament (UE, Euratom) 2023/2841 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta’ Diċembru 2023 li jistabbilixxi miżuri għal livell għoli komuni ta’ ċibersigurtà fl-istituzzjonijiet, fil-korpi, fl-uffiċċji u fl-aġenziji tal-Unjoni (ĠU L, 2023/2841, 18.12.2023, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2023/2841/oj).

importanza ta’ investimenti adegwati kontinwi fiċ-ċibersigurtà lejn il-mira indikattiva fit-tul ta’ mill-inqas 10 % tal-infiq totali tal-IT;

197. Itenni t-tħassib tiegħu għall-fatt li għadhom ma ġewx indirizzati b’mod adegwat ir-riskji sinifikanti għas-sigurtà u għall-protezzjoni mill-attakki ċibernetiċi tar-reġistru u tal-mekkaniżmu operattiv tas-sistema għall-iskambju ta’ kwoti ta’ emissjonijiet ta’ gassijiet serra tal-Unjoni; jirrimarka li din il-kwistjoni ġiet enfasizzata fir-Rapporti Annwali tal-Attività (RAA) sa mill-2010, b’riżervi mqajma f’kull rapport; jinnota li dan it-tħassib reġa’ ġie enfasizzat fir-RAA 2023 tad-Direttorat Ġenerali għall-Azzjoni Klimatika, li kompla jissottolinja n-nuqqas persistenti li tingħata prijorità lis-sigurtà tas-sistema;

L-Iskejjel Ewropej

198. Jinnota li l-baġit ġenerali tal-Iskejjel Ewropej għall-2023 kien ta’ EUR 417,50-il miljun iffinanzjat primarjament mill-Kummissjoni, minn istituzzjonijiet oħra tal-Unjoni, mill-Istati Membri u minn miżati mħallsa mill-ġenituri; jinnota wkoll li kważi 80 % tal-baġit intefqu fuq l-ispejjeż tal-persunal;

199. Jinnota b’sodisfazzjon li l-Qorti tista’ tikkonkludi li xejn ma wasal għall-attenzjoni tagħha li jwassalha biex temmen li l-kontijiet konsolidati għall-2023 mhumiex ippreparati, fl-aspetti materjali kollha, f’konformità mal-Istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà għas-Settur Pubbliku;

200. Josserva li l-Qorti sabet xi nuqqasijiet sistematiċi jew rikorrenti fil-pagamenti u fir-riżorsi umani (HR) relatati u fil-proċeduri ta’ akkwist inkluża verifika insuffiċjenti tal-evidenza ta’ sostenn li taffettwa r-regolarità ta’ xi proċeduri tal-HR u pagamenti;

201. Jistieden lill-Kummissjoni, b’mod partikolari:

(i) tiżgura li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni jkunu jistgħu jiddependu fuq l-EPSO biex jorganizza b’mod effiċjenti u jlesti l-proċeduri tal-għażla u proċeduri oħra relatati mal-persunal sabiex jipprovdi biżżejjed kandidati mmotivati u bi kwalifiki għoljin għall-pożizzjonijiet miftuħa tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni;

(ii) tesplora l-possibbiltajiet kollha biex tikkoreġi żbilanċi ġeografiċi u tal-ġeneru sinifikanti f’kategoriji differenti tal-persunal;

(iii) tkompli taħdem fuq miżuri li se jiżguraw li l-Istituzzjonijiet tal-Unjoni bbażati fil-Lussemburgu jkunu jistgħu jkomplu jattiraw persunal bi kwalifiki għoljin għat-tipi kollha ta’ profili ta’ impjieg;

(iv) tiżgura li l-introduzzjoni ta’ spazji tax-xogħol kollaborattivi u bidliet amministrattivi sinifikanti oħra sseħħ f’kooperazzjoni

mill-qrib mal-persunal;

(v) tagħmel aktar persunal disponibbli għall-ipproċessar tat-talbiet għal rimborż għall-iskema tal-assigurazzjoni tal-mard, biex ittejjeb it-taħriġ tal-persunal u jkollha software tal-IT aħjar disponibbli biex it-talbiet tal-IT jiġu pproċessati aktar malajr;

(vi) taġixxi bħala mudell, b'mod partikolari għal mard li ma jaqax f'oqsma klassiċi u mard rari; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tespandi l-għarfien tekniku tagħha u t-trattament ta' dawn il-każijiet; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tespandi l-katalgu tat-testijiet eliġibbli għar-rimborż biex jinkludi firxa usa' ta' testijiet tal-laboratorju u proċeduri u eżamijiet dijanjostiċi oħra kif ukoll trattamenti; iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex twettaq dan minnufih;

(vii) tiżgura l-introduzzjoni rapida ta' mekkaniżmi protettivi b'saħħithom għall-persunal istituzzjonali tal-Unjoni fuq missjoni fl-Istati Membri u f'pajjiżi terzi, li jissalvagwardjaw id-drittijiet tagħhom;

(viii) tappoġġja lill-Iskejjel Ewropej fl-implimentazzjoni tagħhom, kemm jista' jkun malajr, tar-rakkomandazzjonijiet mill-Qorti mis-snin preċedenti u tar-rakkomandazzjoni mir-rapport dwar is-sena finanzjarja 2023 li titlob lill-iskejjel iwettqu kontrolli sistematiċi tal-evidenza ta' sostenn dwar il-benefiċċji mħallsa lill-persunal sekondat;

(ix) tħejji rapport li janalizza r-raġunijiet għaliex il-maġġoranza l-kbira tal-ilmenti ta' fastidju (talbiet għal assistenza) fil-Kummissjoni jiġu miċħuda, ħafna drabi mingħajr lanqas biss ma tinfetaħ inkjesta amministrattiva, u b'rakkomandazzjonijiet dwar modi biex jiġi rrimedjat dan in-nuqqas ta' funzjonament tal-proċedura formali;

(x) tiżgura li mill-2025, it-talbiet għal assistenza f'każijiet ta' fastidju jiġu segwiti b'inkjesta amministrattiva xierqa mill-Uffiċċju tal-Investigazzjoni u tad-Dixxiplina (IDOC) jew l-OLAF sabiex jiġi żgurat li dawk li jagħtu fastidju jinżammu responsabbli u jiġu sanzjonati b'mod proporzjonat mal-għemil ħażin tagħhom;

KAPITOLU II

Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza

Kummenti ġenerali

202. Jinnota li fl-2023, ġew riveduti 27 pjan għall-irkupru u r-reżiljenza (RRPs), u li dawn ir-reviżjonijiet kellhom impatt fuq il-pass tal-

implimentazzjoni tal-pjanijiet eżistenti, u dan ikkawża dewmien; jinnota fl-istess ħin li l-prijoritajiet politiċi fl-Istati Membri jistgħu jinbidlu; jinnota li ż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija, l-inflazzjoni għolja u t-tfixkil fil-katina tal-provvista kkawżati mill-gwerra ta' aggressjoni u mhux ipprovokata tar-Russja kontra l-Ukrajna, u, f'xi każijiet, id-diżastri naturali, ikkontribwew għar-reviżjoni tal-RRPs; jissottolinja li d-dewmien ikkawżat mir-reviżjonijiet tal-RRPs seħħ flimkien ma' dawk eżistenti, kif muri mid-differenzi sinifikanti bejn il-kalendarju previst tat-talbiet għall-pagament u t-trażmissjoni reali ta' dawn it-talbiet mill-Istati Membri lill-Kummissjoni; jibqa' mħasseb dwar ir-riskju ta' nuqqas ta' implimentazzjoni u n-nuqqas li jintlaħqu l-istadji importanti u l-miri (M&Ts) kif miftiehem fl-RRPs; jenfasizza l-ħtieġa ta' mekkaniżmi ta' monitoraġġ imsaħħa biex jiġi żgurat li d-dewmien ma jkollux impatt sproporzjonat fuq proġetti ewlenin;

203. Jinnota li għandu jkun hemm rabta tematika ċara bejn ir-riformi u l-investimenti u li jista' jkun hemm, f'ċerti każijiet, dewmien twil bejn il-ħolqien tal-pjanijiet nazzjonali ta' rkupru u t-tlestija tal-istadji importanti u l-miri; jiddispjaċih li t-tfassil tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza ma jippermettix biżżejjed flessibbiltà biex ikun hemm rispons rapidu għall-kriżijiet emerġenti;

204. Jiġbed l-attenzjoni bi tħassib kbir għad-dikjarazzjoni tal-President tal-Qorti, li fiha jsir l-argument li madwar nofs l-iżborżi tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza ma laħqux l-ekonomija reali, u jistaqsi jekk in-nofs l-ieħor setax jintuża jew biex jissostitwixxi n-nefqa baġitarja rikorrenti jew biex jiġġenera profitt għall-Istati Membri mir-rati tal-imgħax miżjuda;

205. Ifakkar li l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza hija strument ta' rkupru temporanju bbażat fuq il-prestazzjoni, jiġifieri l-pagamenti huma marbuta mat-twettiq sodisfaċenti tal-istadji importanti u l-miri relatati mar-riformi u mal-investimenti inklużi fl-RRPs nazzjonali; jisħaq fuq il-ħtieġa li tiġi vvalutata l-effettività tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza mhux biss f'termini ta' żborż, iżda wkoll f'termini tal-kapaċità tagħha li twettaq titjib tanġibbli u fit-tul f'termini tal-konsegwenzi tal-pandemija; ifakkar li fir-Regolament dwar l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza ma hemm l-ebda definizzjoni ta' "twettiq sodisfaċenti tal-istadji importanti u l-miri"; ifakkar li kull pjan nazzjonali għandu jindirizza b'mod effettiv l-isfidi kollha jew subsett sinifikanti ta' sfidi identifikati fis-Semestru Ewropew, b'mod partikolari r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż (CSRs) adottati mill-Kunsill; jinnota l-fatt li, bis-saħħa tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, il-perċentwal ta' CSRs bi progress żdied b'17 % bejn l-2021 u l-2023;

206. Jinnota li fl-2023, il-Kummissjoni żborżat total ta' EUR 75 biljun, u pagamenti addizzjonali ta' prefinanzjament ta' EUR 7,1 biljun, li wasslu għall-iżborżi totali sa tmiem l-2023 ta' EUR 220,8 biljun, maqsuma f'EUR 141,6 biljun f'għotjiet (40 % ta' EUR 357 biljun għal

għotjiet fl-ambitu tal-pakkett totali tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza) u EUR 79,2 biljun f'self (27 % ta' EUR 291 biljun f'self tal-pakkett totali fl-ambitu tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza); jistabbilixxi rekwiżiti ta' rapportar dettaljati dwar kif l-Istati Membri jallokaw il-fondi, sabiex tiġi evitata s-sostituzzjoni tan-nefqa baġitarja rikorrenti, u biex jiġi żgurat li l-fondi jaslu għand il-benefiċjarji intenzjonati;

Osservazzjonijiet tal-Qorti

207. Jinnota li l-Qorti ħarġet opinjoni kwalifikata dwar il-legalità u r-regolarità tal-infiq tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza fl-2023; huwa mħasseb li l-Qorti kkonkludiet li sebgħa mit-23 pagament tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza li saru fl-2023 kienu affettwati minn sejbiet kwantitattivi u li sitta minn dawn il-pagamenti kienu affettwati minn żball materjali; jinnota li, fl-opinjoni tal-Qorti, ħlief għal dawk il-kwistjonijiet, l-infiq tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza aċċettat fil-kontijiet għas-sena 2023 huwa legali u regolari fl-aspetti materjali kollha; jinnota li n-natura tal-mudell ta' nfiq tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza tiddependi fuq il-valutazzjonijiet tal-istadji importanti u l-miri (M&Ts) li għandhom isiru mill-Kummissjoni; jinnota li fl-2023, il-Qorti vverifikat 452 stadji importanti u miri inklużi fi 23 pagament ta' għotjiet u li ma tipprovdix rata ta' żball minħabba n-natura tal-mudell ta' nfiq tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza iżda tistma li l-impatt finanzjarju minimu tas-sejbiet tagħha huwa ogħla mil-livell limitu ta' materjalità; huwa konvint li l-Istati Membri għandhom iġorru wkoll ir-responsabbiltà għall-iżbalji misjuba wara l-iżborż;

208. Jesprimi tħassib serju li minħabba l-limitazzjonijiet inerenti tal-mudell ta' evalwazzjoni bbażat fuq stadji importanti u miri, il-Qorti ma setgħetx tivverifika l-impatt finanzjarju reali ta' pagamenti tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza ineliġibbli jew magħmulin b'mod żbaljat; jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa metodoloġija aktar trasparenti ta' traċċar tal-iżbalji biex tipprevjeni l-allokazzjoni ħażina u l-ineffiċjenza;

209. Jinnota li l-Qorti awditjat 325 mill-542 objettiv intermedju u 127 minn 135 mira inklużi fit-talbiet għall-pagament tal-2023 għall-għotjiet; jesprimi dispjaċir għall-fatt li l-Qorti tqis li 16 minnhom kienu affettwati minn kwistjonijiet ta' regolarità (2,4 % tat-total); huwa mħasseb mill-fatt li l-Qorti tqis li r-rekwiżiti ma kinux ġew issodisfati b'mod sodisfaċenti għal seba' stadji importanti u miri f'sitt pagamenti u li l-Kummissjoni xorta kienet għamlet il-pagamenti korrispondenti; jinnota li l-konklużjonijiet tal-Qorti huma bbażati fuq ħidma estensiva ta' awditjar u jesprimi dispjaċir li l-Kummissjoni tikkontesta xi wħud mill-konklużjonijiet tal-Qorti; jinnota li l-pagamenti kollha tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza iridu jiġu vvalutati skont il-qafas ikkomunikat u applikat mill-Kummissjoni, li jeħtiġilha tqis, għal kull pagament, l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku

u Finanzjarju u l-iskrutinju mill-esperti tal-Istati Membri skont il-proċedura ta’ komitoloġija; jitlob lill-Kummissjoni tiżgura li l-pagamenti kollha kkontestati relatati mal-istadji importanti u l-miri imwettqa b’mod mhux sodisfaċenti jgħaddu minn rieżami estern u indipendenti biex tissaħħaħ il-fiduċja pubblika fil-proċess; jirrakkomanda l-introduzzjoni ta’ sistemi ta’ traċċar f’ħin reali għall-iżborżi u l-infiq biex jiġu evitati allokazzjonijiet ħżiena fl-ambitu tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u l-QFP;

210. Jinnota bi tħassib partikolari li l-Qorti identifikat disa’ każijiet potenzjali ta’ stadji importanti u miri ineliġibbli marbuta mal-kontinwazzjoni ta’ proġett preeżistenti li jew beda qabel il-perjodu ta’ eliġibbiltà, jew li kienu sostituzzjoni tan-nefqa baġitarja nazzjonali rikorrenti; jiddispjaċih għan-nuqqas ta’ ċarezza fir-Regolament dwar l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, u ma jaqbilx mal-interpretazzjoni tal-Kummissjoni li l-perjodu ta’ eliġibbiltà jikkonċerna biss id-data tal-bidu tax-xogħlijiet fuq proġett speċifiku minflok il-bidu tal-fażi preparatorja jew ta’ projezzjoni; jesprimi dispjaċir għall-fatt li tali fehma wasslet għal miżuri li ġew ippjanati qabel ma l-perjodu ta’ eliġibbiltà tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza ġie inkluż fl-RRPs, u jirrikonoxxi li kwalunkwe miżura trid tirrispetta l-kamp ta’ applikazzjoni, l-objettivi u l-kundizzjonijiet ta’ eliġibbiltà stabbiliti mir-Regolament dwar il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza; jistieden lill-Kummissjoni timplimenta mekkaniżmi ta’ verifika aktar stretti biex tipprevjeni l-inklużjoni ta’ proġetti preeżistenti li ma jipprovdux valur miżjud fil-qafas tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza;

211. Ifakkar li l-fondi tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza ma għandhomx jintużaw biex jissostitwixxu n-nefqa baġitarja rikorrenti, sakemm mhux f’każ debitament ġustifikat; u huwa inkwetat dwar is-sejbiet tal-Qorti li xi stadji importanti u miri li kienu sostituzzjoni ta’ nefqa baġitarju nazzjonali rikorrenti ma kinux iġġustifikati b’mod adegwat fl-RRPs;

212. Jinnota bi tħassib is-sejba tal-Qorti li s-self tan-Next Generation EU jista’ jiżdied b’aktar mid-doppju sal-2026 filwaqt li l-biċċa l-kbira tar-ripagament huwa differit għall-QFP futuri; ifakkar li r-ripagament tas-self tan-Next Generation EU jrid jibda qabel tmiem l-2027, jekk l-approprjazzjonijiet mhux użati jibqgħu disponibbli fil-linja baġitarja biex ikopru l-ispejjeż tal-finanzjament tan-Next Generation EU, u jrid jitlesta sa mhux aktar tard mill-2058; jinnota li l-esponiment tal-baġit tal-Unjoni fi tmiem l-2023 hu mistenni jiżdied fl-2024 u fl-2025, prinċipalment minħabba self tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza; huwa mħasseb li bidliet potenzjali fil-kundizzjonijiet tas-suq għandhom imnejn jirriżultaw fi spejjeż ta’ self ogħla li, għad-dejn tan-Next Generation EU relatat mal-għotjiet, se jkollhom jiġġarrbu mill-baġit tal-Unjoni; jinsab imħasseb li sal-lum għad ma hemm l-ebda pjan ta’ pagament lura għad-dejn komuni tan-Next Generation EU, u li d-dejn tal-Unjoni qed ikompli jiżdied, b’sehem kbir minn din iż-

żieda dovut għall-istrument ta’ rkupru temporanju; jinsab imħasseb li ż-żieda fid-dejn u l-ispejjeż ogħla ta’ imgħax assoċjati ma’ dan se jkollhom konsegwenzi fit-tul għall-istabbiltà fiskali tal-Unjoni, u li din iż-żieda potenzjalment tirriżulta f’piż finanzjarju akbar u f’kapaċità mnaqqsa ta’ rispons għall-isfidi futuri jew ta’ investiment f’oqsma strateġiċi ewlenin;

213. Jinnota s-sejba tal-Qorti li l-pagamenti mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza kienu aktar baxxi milli mistenni fl-2023; jenfasizza li l-Qorti kkritikat l-iżborż u l-assorbiment bil-mod tal-fondi tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza; huwa mħasseb dwar is-sejbiet tal-Qorti fir-Rapport Speċjali 13/2024 li sar progress b’xi dewmien fl-assorbiment tal-fondi tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, li l-Istati Membri jaf ma jkunux jistgħu jlestu l-miżuri kollha fi tmiem il-perjodu ta’ implimentazzjoni tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza li għalih proporzjon sinifikanti ta’ fondi diġà tħallsu, u li t-tieni nofs tal-perjodu ta’ implimentazzjoni tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza joħloq aktar sfidi b’żieda fin-numru ta’ stadji importanti u miri, bidla minn riformi għal investimenti u stadju aktar avvanzat ta’ implimentazzjoni, u proporzjon għoli ta’ miżuri li għandhom jitlestew fl-aħħar sena;

214. Jinnota, min-naħa l-oħra, li skont il-Kummissjoni, l-ilħuq tal-istadji importanti u l-miri hija ġeneralment fit-triq it-tajba, peress li sal-31 ta’ Awwissu 2024, aktar minn 40 % tal-fondi disponibbli tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza kienu ġew żborżati lill-Istati Membri, bl-iżborż tal-għotjiet laħaq it-48 % u s-self jaqbeż bi ftit it-30 %; jinnota li l-pass tat-talbiet għall-pagament aċċellera wkoll mit-tieni nofs tal-2023 bir-reviżjoni tal-RRPs marbuta mal-introduzzjoni tal-kapitoli REPowerEU li ġiet iffinalizzata fl-2023;

215. Jinnota s-sejbiet tal-Qorti fir-Rapport Speċjali 13/2024 li raġunijiet addizzjonali għall-assorbiment bil-mod kienu jinkludu miżuri li ma kinux adattati għall-iskeda ta’ żmien tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u sottovalutazzjoni taż-żmien meħtieġ għall-implimentazzjoni tagħhom (minħabba r-regoli dwar l-akkwist pubbliku u l-għajnuna mill-Istat); kif ukoll inċertezzi dwar ir-regoli ta’ implimentazzjoni u kif għandhom jiġu applikati, inkluż in-nuqqas ta’ gwida dwar il-prinċipju “la tagħmilx ħsara sinifikanti” (DNSH) u kif dan għandu jiġi attribwit;

216. Jesprimi tħassib qawwi dwar l-osservazzjoni tal-Qorti li tindika nuqqasijiet persistenti fl-implimentazzjoni tas-sistemi ta’ kontroll tal-Istati Membri peress li dan joħloq riskju għad-disponibbiltà ta’ data sħiħa u preċiża li fuqha huma bbażati t-talbiet għall-pagament, l-aċċess għal dawk it-talbiet għal finijiet ta’ kontroll, u l-funzjonament effettiv tas-sistemi ta’ kontroll tal-Istati Membri biex jiġu protetti l-interessi finanzjarji tal-Unjoni; ifakkar li, skont ir-Regolament dwar il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, is-sistemi ta’ kontroll tal-Istati Membri għandhom rwol ewlieni x’jaqdu biex jiżguraw li l-interessi

finanzjarji tal-Unjoni jiġu protetti b'mod effettiv; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tieħu azzjoni deċiżiva u rapida kull meta jkun meħtieġ, inkluża l-impożizzjoni ta' korrezzjonijiet finanzjarji, u tagħmel użu sħiħ mid-dispożizzjonijiet tar-Regolament dwar il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza jekk in-nuqqasijiet jippersistu fis-sistemi ta' kontroll tal-Istati Membri;

217. Jesprimi tħassib dwar is-sejbiet tal-Qorti fir-Rapport Speċjali Nru 22/2024 dwar "Finanzjament doppju mingħand il-baġit tal-UE: Is-sistemi ta' kontroll ma għandhomx elementi essenzjali biex jimmitigaw ir-riskju akbar li jirriżulta mill-fatt li l-mudell ta' finanzjament tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza mhuwiex marbut mal-kostijiet"; jenfasizza li l-Istati Membri jistgħu jipproponu l-hekk imsejħa "miżuri mingħajr kostijiet", jiġifieri miżuri stmati li ma jkollhom l-ebda kost li għandu jiġi ffinanzjat mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, u li għalihom ma hemm l-ebda verifika għal finanzjament doppju, peress li l-Kummissjoni tqis li l-miżuri li ma jirċievu l-ebda finanzjament tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza huma mingħajr riskju minn dik il-perspettiva; jinnota wkoll bi tħassib is-sejbiet tal-Qorti li mill-perspettiva tal-Istati Membri, il-bosta saffi ta' governanza involuti inkluż il-livell nazzjonali, reġjonali jew muniċipali, jagħmlu l-koordinazzjoni u s-sorveljanza diffiċli ħafna; huwa mħasseb li meta jitwettqu l-kontrolli, (i) dawn isiru f'ambjent ikkumplikat ħafna bl-użu ta' għodod tal-IT differenti li ħafna drabi ma jkunux interoperabbli u d-data ħafna drabi tiġi rreġistrata b'mod mhux standardizzat, sitwazzjoni li tħalli l-kontroverifiki manwali fil-bażijiet ta' data bħala l-unika għodda possibbli għall-verifika ta' finanzjament doppju, u (ii) is-sistemi ta' kontroll tal-Istati Membri jibbażaw ħafna fuq l-awtodikjarazzjonijiet mir-riċevituri tal-fondi tal-Unjoni; jinnota, madankollu, li l-Qorti ma sabet l-ebda każ ta' finanzjament doppju;

218. Jinnota l-osservazzjoni tal-Kummissjoni li, skont ir-Regolament dwar il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, finanzjament doppju huwa espliċitament marbut mal-ispejjeż baġitarji u għalhekk, ma jista' jkun hemm l-ebda finanzjament doppju jekk l-Istat Membru ma jkun ippreżenta l-ebda stima tal-ispejjeż marbuta ma' miżura speċifika bħala parti mill-pjan nazzjonali tiegħu; jinnota li l-Kummissjoni tissottolinja li r-riformi mingħajr spejjeż ma jżidux il-pakkett finanzjarju iżda, madankollu, huma kriterji essenzjali għall-valutazzjoni pożittiva tal-Kummissjoni tal-RRPs, kif ukoll l-implimentazzjoni sħiħa tagħhom għall-pagamenti rilevanti; jirrimarka li l-Kummissjoni, ftit wara l-ħidma fil-qasam tal-awditjar tal-Qorti, irrikonoxxiet li kienet identifikat l-ewwel żewġ każijiet potenzjali ta' finanzjament doppju;

219. Ifakkar li l-Artikolu 9 tar-Regolament dwar il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza jistabbilixxi l-addizzjonalità u l-komplementarjetà bejn il-programmi u l-istrumenti tal-Unjoni li jiffinanzjaw bħala prinċipji ewlenin; jemmen li, biex jiġu rispettati dawn il-prinċipji iżda jiġi

evitat ir-riskju ta’ finanzjament doppju, l-istess miżuri diġà inklużi fi pjanijiet nazzjonali oħra li jibbenefikaw minn finanzjament tal-Unjoni (eż. il-koeżjoni, l-agrikoltura, eċċ.) għandhom jew ma jiġux inklużi fl-RRPs jew jiġu deskritti aktar bir-reqqa, anke jekk ma jġarrbux spejjeż, sabiex jiġi evitat finanzjament doppju; jissottolinja li minħabba l-mudell differenti ta’ implimentazzjoni, il-finanzjament doppju bejn il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u strumenti oħra ta’ finanzjament tal-Unjoni għandu mnejn ikun aktar diffiċli li jiġi identifikat, u jħeġġeġ lill-Kummissjoni tibqa’ viġilanti u proattiva fl-identifikazzjoni ta’ kwalunkwe sitwazzjoni potenzjali ta’ finanzjament doppju;

220. Jiddispjaċih dwar in-nuqqas ta’ salvagwardji adegwati biex jiġi evitat il-finanzjament doppju ta’ proġetti kemm fl-ambitu tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza kif ukoll fi strumenti finanzjarji oħra tal-Unjoni; jappella għal sistema awtomatizzata ta’ kontroverifika bejn il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u l-Fondi ta’ Koeżjoni, il-Politika Agrikola Komuni, u programmi oħra ta’ finanzjament tal-Unjoni biex jiġu identifikati u eliminati talbiet doppji;

221. Jesprimi tħassib dwar is-sejba tal-Qorti fir-Rapport Analitiku 01/2023 tagħha: “Finanzjament mill-UE permezz tal-politika ta’ koeżjoni u l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza: analiżi komparattiva” li r-rapportar ta’ frodi li tinvolvi n-nefqa tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza għad ma għandux approċċ standardizzat b’koordinazzjoni u kooperazzjoni qawwija bejn l-Istati Membri, li huma obbligati jirrapportaw dwar każijiet ta’ frodi suspettata mhux f’sistema integrata tal-IT, iżda fid-dikjarazzjoni ta’ ġestjoni li takkumpanja kull talba għall-pagament, għalkemm l-Istati Membri rrapportaw ukoll każijiet barra mid-dikjarazzjonijiet ta’ ġestjoni; jesprimi dispjaċir għall-fatt li ma hemmx linji gwida ċari dwar meta għandu jiġi rrapportat każ ta’ frodi suspettata, dwar jekk hemmx limitu ta’ rapportar, u dwar liema informazzjoni standard għandha tiġi rrapportata għal kull każ u rigward il-miżuri ta’ rimedju meħuda; barra minn hekk jappoġġja t-talba mill-Qorti lill-Kummissjoni fl-istess Rieżami 01/2023 biex tinkiseb assigurazzjoni suffiċjenti mill-Istati Membri dwar l-effettività tas-sistemi nazzjonali għall-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u l-korrezzjoni tal-frodi, il-korruzzjoni u l-kunflitti ta’ interess;

222. Jesprimi tħassib li fl-2023 il-Kummissjoni kellha tintroduċi 10 stadji importanti ta’ kontroll addizzjonali għal seba’ Stati Membri biex tindirizza d-dgħufijiet identifikati fis-sistemi ta’ kontroll tagħhom; ifakkar u jappoġġja l-evalwazzjoni tal-Qorti li l-introduzzjoni ta’ stadji importanti ta’ kontroll, ifisser li s-sistemi tal-Istati Membri ma kinux kompletament funzjonali meta l-pjanijiet bdew jiġu implimentati, u dan joħloq riskju serju għar-regolarità tan-nefqa tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u għall-protezzjoni tal-interessi finanzjarji;

223. Jesprimi dispjaċir bis-sejbiet tar-Rapport Speċjali Nru 26/2023 tal-

Qorti li diversi oqsma ta’ politika fil-pilastru tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza li fih politiki tas-saħħa ma għandhomx indikatur komuni korrispondenti għall-kejl tal-progress; huwa mħasseb li dan ixekkel il-monitoraġġ xieraq u l-fehim tal-progress li jkun sar biex jinkisbu stadji importanti u miri marbuta mal-politiki tas-saħħa;

224. Jilqa’ l-fatt li, fl-2023, il-Kummissjoni għamlet progress fl-eliminazzjoni ta’ kwalunkwe possibbiltà ta’ interpretazzjoni ħażina taċ-ċifri tat-Tabella ta’ Valutazzjoni tal-Irkupru u tar-Reżiljenza u li t-Tabella ta’ valutazzjoni indirizzat ulterjorment ir-rakkomandazzjoni relatata tal-Qorti biex ittejjeb il-preżentazzjoni tad-data murija fit-Tabella ta’ Valutazzjoni u ttejjeb l-ispjegazzjonijiet fir-rigward tal-limitazzjonijiet tagħha, b’mod partikolari billi tispjega aħjar il-metodoloġiji sottostanti u tiddikjara b’mod espliċitu, meta jkun applikabbli, li d-data hija stmata;

Awditjar u kontroll

225. Jilqa’ l-fatt li, abbażi tar-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti u l-esperjenza miksuba, il-Kummissjoni, fl-2023, ippubblikat tliet noti metodoloġiċi biex tiċċara l-applikazzjoni tar-Regolament dwar il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, inkluż il-qafas tiegħu għal (i) valutazzjoni tal-issodisfar sodisfaċenti tal-istadji importanti u l-miri, mat-twettiq ta’ valutazzjoni, u (ii) l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet relatati mat-treġġigħ lura tal-istadji importanti u l-miri, kif ukoll metodoloġija biex jiġi ddeterminat l-ammont li għandu jiġi sospiż jekk ma jiġix issodisfat objettiv intermedju jew mira b’mod sodisfaċenti; jieħu nota tal-Gwida aġġornata dwar l-RRPs, adottata fid-19 ta’ Lulju 2024, li tipprovdi gwida addizzjonali biex tiġi żgurata l-adegwatezza kontinwa tal-kontrolli ħalli jiġi identifikat u evitat kwalunkwe riskju ta’ finanzjament doppju kif ukoll il-metodoloġija għat-tnaqqis u għall-irkupri fl-ambitu tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza f’konformità mal-Artikolu 24(8) tar-Regolament dwar il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza;

226. Jistieden lill-Kummissjoni żżid l-għadd ta’ awditi *ex post* u spezzjonijiet fuq il-post għal proġetti ffinanzjati mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, b’mod partikolari f’setturi b’riskju għoli bħall-infrastruttura diġitali u l-enerġija, fejn programmi ta’ finanzjament preċedenti tal-Unjoni identifikaw irregolaritajiet sinifikanti;

227. Iwissi li l-inklużjoni ta’ proġetti preeżistenti u s-sostituzzjoni ta’ nefqiet baġitarji rikorrenti fi ħdan il-qafas tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza jimminaw il-prinċipju tal-addizzjonalità, u jikkonvertu b’mod effettiv l-istrument f’mekkaniżmu ta’ finanzjament b’mod indirett għall-baġits regolari tal-Istati Membri, aktar milli jrawmu rkupru u reżiljenza ġenwini wara kriżi; jitlob rieżami urġenti biex jiġi evitat aktar dilwizzjoni tal-iskop tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza;

228. Huwa favur aktar determinazzjoni min-naħa kemm tal-Kummissjoni kif ukoll tal-Istati Membri sabiex jiġu identifikati irregolaritajiet fl-infiq tal-fondi tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u biex jiġu rkuprati pagamenti mħallsa indebitament;

229. Huwa mħasseb dwar il-kontro tweġiba tal-Qorti għat-tweġibiet tal-Kummissjoni dwar l-eżistenza ta' distakk fl-aċċertament fil-livell tal-Unjoni rigward il-konformità mar-regoli tal-Unjoni u dawk nazzjonali dwar l-akkwist pubbliku u l-għajnuna mill-Istat; jinnota li l-Kummissjoni targumenta li l-aċċertament ipprovdut mid-DĠ għall-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji ikopri l-effettività tal-kontrolli tal-Istati Membri dwar il-konformità mar-regoli dwar l-akkwist pubbliku u l-għajnuna mill-Istat; jisħaq, madankollu, li filwaqt li r-RAA tad-DĠ għall-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji jirreferi għall-valutazzjonijiet tal-Kummissjoni dwar l-eżistenza u l-effettività tal-kontrolli tal-Istati Membri, ma hemmx konklużjoni dwar l-effettività tagħhom; jesprimi tħassib li, skont il-Qorti, dan jirrappreżenta limitazzjoni importanti tal-ambitu tad-dikjarazzjoni ta' aċċertament tal-Kummissjoni, li jfisser li l-Kummissjoni għadha mhijiex tipprovdi aċċertament sħiħ dwar jekk in-nefqa tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza – li l-Kummissjoni tiġġestixxi direttament – tikkonformax mar-regoli;

230. Jisħaq li d-dewmien fl-iżborż u fl-assorbiment tal-fondi tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza mhux biss inaqqas ir-ritmu tal-irkupru ekonomiku iżda joħloq ukoll riskji sostanzjali ta' nfiq tal-aħħar minuta u ta' kwalità baxxa lejn tmiem il-perjodu tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza; jistieden lill-Kummissjoni tintroduċi evalwazzjonijiet interim aktar stretti biex tipprevjeni l-għaġla tat-tip "tużah jew titilfu" li tista' twassal għal ħela u allokazzjoni ħażina;

231. Jinnota bi tħassib serju li l-Istati Membri jistgħu b'mod strateġiku jirrinunzjaw it-talbiet għall-pagament finali tagħhom biex jevitaw li jissodisfaw stadji importanti u miri politikament sensittivi, u b'hekk jevadu r-riformi meħtieġa iżda mhux popolari; jistieden lill-Kummissjoni tintroduċi penali finanzjarji għall-implimentazzjoni mhux kompluta tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza biex tipprevjeni l-manipulazzjoni tal-istruttura ta' pagament;

232. Jinnota li r-risposti tal-Kummissjoni li estendiet l-ambitu tal-ħidma ta' awditjar tagħha lil hinn minn dak meħtieġ mir-Regolament dwar il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza biex tivverifika li l-proċeduri ta' kontroll stabbiliti fl-Istati Membri jagħtu l-aċċertament meħtieġ li l-Istati Membri jivverifikaw regolarment u b'mod effettiv il-konformità mar-regoli dwar l-akkwist pubbliku u l-għajnuna mill-Istat u l-eliġibbiltà għall-miżuri tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, iżda ma jaqbilx mal-opinjoni tal-Kummissjoni li l-konklużjonijiet tar-Rapport annwali tal-Attività tad-DĠ għall-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji ikopru dan;

233. Jinnota bi tħassib li, kif iddikjarat mill-Kummissjoni fl-evalwazzjoni

tagħha ta’ nofs it-terminu tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza tal-21 ta’ Frar 2024, il-maġġoranza tal-Istati Membri jqisu li l-metodoloġija tas-sospensjoni tal-pagamenti għadha mhijiex ċara fir-rigward tar-riformi minħabba d-diskrezzjoni mogħtija lill-Kummissjoni fl-applikazzjoni tal-metodoloġija; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tirrevedi din il-metodoloġija sabiex tevita kwalunkwe standard doppju fl-applikazzjoni tagħha;

234. Jinnota li l-IAS tal-Kummissjoni, fl-awditu tiegħu dwar il-kontrolli *ex ante* tat-talbiet għall-pagament tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza imwettqa fl-2023, identifika kwistjoni importanti ħafna li skontha d-DĠ għall-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji, f’kooperazzjoni mat-Task Force għall-Irkupru u r-Reżiljenza, għandu jiżviluppa u jifformalizza aktar il-gwida eżistenti għall-każijiet meta d-DĠ għall-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji jitlob li l-Istati Membri jagħmlu impenji addizzjonali dwar azzjoni li tirriżulta minn objettivi intermedji ta’ awditjar u kontroll, b’mod partikolari li l-gwida għandha tiddefinixxi (i) kif id-DĠ għall-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji għandu jsegwi l-issodisfar tal-konferma formali dwar l-impenn tal-Istat Membru, (ii) il-kriterji biex jiġu ddeterminati l-iskadenzi għall-Istati Membri ħalli jissodisfaw l-impenji, u (iii) ir-relazzjonijiet bejn il-“qafas ta’ impenn”, il-“qafas għall-valutazzjoni tal-istadji importanti u l-miri fl-ambitu tar-Regolament dwar il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza” u t-“Treġġigħ tal-istadji importanti u l-miri fl-ambitu tal-Faċilità”;

235. Jinnota li l-Kummissjoni tivverifika matul il-verifiki tagħha tal-“Protezzjoni tal-Interess Finanzjarju tal-Unjoni” li l-Istati Membri għandhom proċess ċar u kkodifikat għat-trażmissjoni ta’ każijiet ta’ frodi, korruzzjoni, kunflitt ta’ interess u finanzjament doppju lill-awtoritajiet kompetenti kollha, inkluż l-UPPE, meta jkun rilevanti;

236. Huwa mħasseb dwar ir-rapportar tal-Qorti fir-rapporti annwali tagħha li sal-aħħar tal-2023, l-UPPE kellu 206 investigazzjoni attiva relatati mal-fondi użati għall-implimentazzjoni tal-miżuri tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u wettaq stima tad-danni potenzjali ta’ aktar minn EUR 1,8 biljun (li jikkonċernaw kemm il-finanzjament nazzjonali kif ukoll dak tal-Unjoni); jinnota li l-206 investigazzjoni miftuħa jikkonċernaw għaxar Stati Membri, u madwar 75 % ta’ dawn il-każijiet ġejjin minn pajjiż wieħed; jinsab imħasseb li sa tmiem l-2023, id-dikjarazzjonijiet ta’ ġestjoni tal-Istati Membri ma kinux irrapportaw każ wieħed ta’ frodi suspettata identifikata, li jfisser li l-ebda wieħed mill-każijiet miftuħa tal-UPPE ma ġie rrapportat mill-Istati Membri nfushom, u dan iqajjem dubji dwar il-kapaċità tal-Istati Membri li jidentifikaw u jiġġieldu l-frodi; jisħaq li, filwaqt li l-investigazzjoni għadha mhijiex lesta, iċ-ċifri ppreżentati mill-UPPE jikkonfermaw li r-riskju ta’ frodi huwa preżenti fil-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, u li jixħtu dubju fuq l-affidabbiltà tad-dikjarazzjonijiet ta’ ġestjoni tal-Istati Membri f’termini ta’ rapportar ta’ frodi identifikata u l-miżuri ta’ rimedju meħuda; jappella għal

tisħiħ urġenti tal-mekkaniżmi ta' detezzjoni tal-frodi, inkluża valutazzjoni obbligatorja tar-riskju ta' frodi għall-proġetti kollha tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza fuq skala kbira; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-UPPE jkollu riżorsi adegwati biex jinvestiga każijiet ta' frodi relatati man-nefqa tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, minħabba l-għadd dejjem akbar ta' investigazzjonijiet u d-danni għoljin stmati;

237. Iwissi li l-każijiet ta' frodi awto dikjarati tal-Istati Membri fl-ambitu tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza għadhom sottorapportati b'mod sinifikanti, u dan joħloq stampa qarrieqa tal-integrità finanzjarja;

238. Jiddispjaċih ħafna dwar in-nuqqas ta' trasparenza fir-rapportar tal-frodi marbuta mal-fondi tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u jinsisti li l-Istati Membri kollha jikkonformaw mal-obbligi ta' rapportar standardizzati u jużaw is-Sistema ta' Ġestjoni tal-Irregolaritajiet (IMS);

239. Ifakkar li r-Regolament Finanzjarju riformulat li ilu mis-seħħ mit-30 ta' Settembru 2024 ("riformulazzjoni tal-RF") jipprevedi l-estensjoni tal-ambitu tiegħu tas-Sistema ta' Identifikazzjoni Bikrija u ta' Esklużjoni (EDES) għal ġestjoni kondiviża u ġestjoni diretta f'każijiet meta l-baġit jiġi implimentat mal-Istati Membri, għal programmi adottati jew iffinanzjati mill-1 ta' Jannar 2028; jistieden lill-Kummissjoni taġixxi fuq l-aktar raġunijiet serji għall-esklużjoni sabiex tipproteġi aħjar l-interessi finanzjarji tal-Unjoni;

240. Jinnota li, bil-għan li jitnaqqas il-marġni bejn il-Kummissjoni u l-Qorti, għal interpretazzjonijiet differenti tal-istadji importanti u l-miri, il-Kummissjoni ppubblikat l-approċċ tagħha għall-kunċetti tad-data tal-bidu ta' miżura u l-kunċett ta' "sostituzzjoni ta' nefqa baġitarja nazzjonali rikorrenti" bħala l-Anness II u l-Anness III tar-Rapport Annwali tagħha tal-2024 dwar l-implimentazzjoni tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza; itenni t-talbiet tagħha biex il-Kummissjoni tkompli taħdem mal-Qorti sabiex kemm jista' jkun tarmonizza l-interpretazzjoni tal-istadji importanti u tal-miri;

Implimentazzjoni u impatt

241. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni timminimizza r-riskji li l-Istati Membri għandhom imnejn jagħżlu li ma jirċevux partijiet jew l-ammonti kollha tal-aħħar talba għall-pagament, u b'hekk jiġi evitat l-issodisfar tal-aħħar stadji importanti u miri u tiġi pperikolata l-implimentazzjoni ġenerali tal-RRPs; huwa tassew imħasseb dwar ir-riskji addizzjonali li l-miżuri jitreġġgħu lura wara l-ħajja tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, u jħeġġeġ lill-Kummissjoni, meta tagħmel il-pagamenti finali, tiżgura li tali sitwazzjonijiet ma jseħħux;

242. Jenfasizza li, skont l-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu mill-Kummissjoni tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza tal-

21 ta’ Frar 2024, l-Istati Membri enfasizzaw il-ħtieġa li jiġu mmobilizzati aktar riżorsi milli kien ippjanat inizjalment biex jiġu riveduti l-RRPs, u li l-effiċjenza tal-approċċ ibbażat fuq il-prestazzjoni titnaqqas bil-“proċeduri eċċessivament kumplessi” għall-modifiki tal-pjan, li ma jiddistingwux bejn emendi kbar jew żgħar u jirrikjedu approvazzjoni tal-Kunsill għal kwalunkwe modifika;

243. Jisħaq li għall-kontroll u għall-awditi fil-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu arranġamenti biex jipprevjenu, jidentifikaw u jikkoreġu l-korruzzjoni, il-frodi u l-kunflitti ta’ interess, u li l-Kummissjoni twettaq awditi *ex post* u tas-sistema fuq l-istadji importanti u l-miri; jisħaq li għad hemm xi konfużjoni fir-rigward tar-rwol tal-Qorti, li żviluppat strateġija (Strateġija tal-2021-2025) għat-twettiq tar-responsabbiltajiet tagħha għall-programm tan-Next Generation EU u l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, li xi Stati Membri jqisu bħala trikkib u piż amministrattiv bla bżonn; huwa mħasseb li l-Kummissjoni, kemm fl-evalwazzjoni ta’ nofs it-terminu tagħha tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza tal-21 ta’ Frar 2024 kif ukoll fir-Rapport Annwali tagħha tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza tal-10 ta’ Ottubru 2024, irrikonoxxiet li l-awtoritajiet tal-Istati Membri fil-livelli kollha sabu li l-proċeduri ta’ awditjar u ta’ kontroll huma kumplessi wisq, u li l-Istati Membri lmentaw dwar awditi li jikkoinċidu mill-awtoritajiet nazzjonali, mill-Kummissjoni u mill-Qorti; jappoġġja bis-sħiħ il-ħidma tal-Qorti fuq il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza; jilqa’ l-fatt li l-Kummissjoni ammettiet u aċċettat li l-Qorti għandha mandat ta’ awditjar sħiħ dwar il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, li huwa wieħed mill-pedamenti għall-kwittanza tal-Parlament dwar il-fondi tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza; jirrakkomanda lill-Istati Membri jikkooperaw mal-Qorti Ewropea tal-Awdituri;

244. Huwa mħasseb li r-Rapport Annwali tal-Kummissjoni tal-10 ta’ Ottubru 2024 dwar l-implimentazzjoni tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza enfasizza l-kostijiet tad-dħul għall-amministrazzjonijiet tal-Istati Membri, b’lok għal aktar simplifikazzjoni; jinnota, skont dan ir-Rapport Annwali tal-Kummissjoni, li fir-rigward tat-tfassil tal-istrument, fl-evalwazzjoni ta’ nofs it-terminu l-Istati Membri rreferew għall-obbligi kkombinati marbuta ma’ dawn li ġejjin: (i) l-evidenza meħtieġa biex tingħata prova tal-issodisfar tal-istadji importanti u tal-miri, (ii) it-talba għal rekwiżiti ta’ rapportar, pereżempju l-indikaturi komuni u d-data biennali; u (iii) il-qafas tal-awditjar u tal-kontroll; ifakkar li l-Istati Membri jaraw lok għas-simplifikazzjoni tal-proċeduri ta’ kontroll u ta’ awditjar, filwaqt li tiġi żgurata koordinazzjoni aħjar fost l-atturi involuti u jiġu evitati kontrolli multipli; jinnota wkoll, għal darb’oħra skont ir-Rapport Annwali tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza 2024 tal-Kummissjoni, li xi awtoritajiet nazzjonali indikaw ukoll nuqqas ta’ flessibbiltà fil-valutazzjoni tal-Kummissjoni tal-istadji importanti u l-miri u l-proċeduri riġidi u intensivi fir-riżorsi għar-reviżjoni tal-RRPs;

245. Jinnota li wieħed mill-objettivi tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza huwa li tgħin lill-Istati Membri jimplimentaw riformi u investimenti ambizzjużi li jagħmlu l-ekonomiji u s-soċjetajiet tagħhom aktar sostenibbli, reżiljenti u mħejjija għat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali; jenfasizza bi tħassib is-sejba tal-Qorti fir-Rapport Speċjali 15/2024 tagħha li tissottolinja n-nuqqas ta' rilevanza, kwalità u komparabbiltà tad-data ppreżentata mill-Istati Membri, kif ukoll l-iskarsezza tad-data biex jiġi evalwat il-progress fl-adattament għat-tibdil fil-klima fl-Istati Membri, u b'hekk tinħoloq il-possibbiltà ta' asserzjonijiet ambjentali qarrieqa; jesprimi tħassib li l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza tista' ssir strument finanzjarju għar-riklassifikazzjoni superfiċjali tan-nefqa ordinarja bħala "ekoloġika"; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tintroduċi mekkaniżmu fl-ambitu tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza biex timmonitorja l-impatt ambjentali tal-investimenti u tiżgura l-allinjament mal-objettivi klimatiċi tal-Unjoni;

246. Jenfasizza l-impatt tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza fuq in-negozji u l-SMEs tal-Unjoni; jinnota li l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza ipprovdiet EUR 78 biljun f'appoġġ dirett lill-SMEs, li jirrappreżentaw 12 % tan-nefqa totali tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, u li miżuri usa' li minnhom jibbenefikaw in-negozji jammontaw għal EUR 152 biljun (23 % tal-infiq totali tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza); jinnota li b'EUR 2,75 miljun, madwar 11 % tal-SMEs kollha attivi fl-Unjoni rċevew l-appoġġ permezz tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza; jissottolinja li kważi 600 000 negozju bbenefikaw minn inizjattivi ta' diġitalizzazzjoni, filwaqt li ġew allokati EUR 5,2 biljun għal proġetti ta' tranżizzjoni ekoloġika, inklużi l-enerġija rinnovabbli u l-idroġenu;

247. Jenfasizza bi tħassib li l-iffaċilitar ta' proġetti transfruntiera ma ħadimx; jiddeplora li, minkejja l-inklużjoni fl-RRPs ta' diversi miżuri marbuta ma' Proġetti Importanti ta' Interess Komuni ("IPCEIs") u miżuri transfruntiera fil-kapitoli tar-REPowerEU, il-governanza nazzjonali tal-Faċilità ma ppromwovietx biżżejjed il-kooperazzjoni transfruntiera; jinsisti li l-finanzjament tal-Unjoni għandu jkun marbut aħjar mal-kisba ta' objettivi komuni tal-Unjoni u joħloq valur miżjud tal-UE;

248. Jenfasizza li r-Rapport Annwali tal-Kummissjoni tal-10 ta' Ottubru 2024 dwar l-implimentazzjoni tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza irrikonoxxa l-involviment insuffiċjenti tal-Istati Membri mill-awtoritajiet reġjonali u lokali, mill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, mis-sħab soċjali, u minn partijiet ikkonċernati rilevanti oħra fit-tħejjija u fl-implimentazzjoni tal-RRPs nazzjonali; jappella għall-involviment mill-qrib tagħhom fl-implimentazzjoni tal-RRPs nazzjonali fil-prattika;

249. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex ma tapprova l-ebda reviżjoni tal-RRPs, li tista' twassal għal ripakkettar tal-investimenti jew tar-riformi ppjanati fl-RRPs jekk ma jirrispettawx il-kundizzjonijiet tar-

Regolament dwar il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza; jinnota li kwalunkwe reviżjoni dejjem għandu jkollha l-għan li toħloq valur miżjud u żżid is-sinerġiji;

Trasparenza

250. Ifakkar li, filwaqt li l-Istati Membri mhumiex meħtieġa jippubblikaw id-data kollha dwar ir-riċevituri finali, ir-Regolament (UE) 2023/435 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [1] li jemenda r-Regolament dwar il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza jirrikjedi li l-Istati Membri jippubblikaw informazzjoni dwar il-100 riċevitur finali li jirċievu l-ogħla ammont ta' finanzjament fl-ambitu tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza; jilqa' l-fatt li fl-10 ta' Ottubru 2024, il-Kummissjoni ppubblikat, bħala parti mir-Rapport Annwali tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza 2024, Anness iddedikat biex jipprovdi aktar ċarezza dwar il-kunċett tar-riċevituri finali skont ir-Regolament dwar il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u l-ambitu tal-pubblikazzjoni ta' data dwar l-akbar 100 riċevitur finali; jesprimi tħassib serju dwar l-interpretazzjoni tal-Kummissjoni tal-kunċett ta' "riċevituri finali" fl-ambitu tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, peress li ħafna drabi jkunu elenkati biss fil-livell tal-ministeru, u li d-deskrizzjonijiet huma vagi, b'bosta eżempji disponibbli fi kważi l-listi kollha pprovduti mill-Istati Membri; itenni t-talba tiegħu biex il-lista tal-100 l-akbar riċevitur finali tinkludi l-aħħar persuna fiżika jew entità reali f'katina ta' trasferimenti ta' flus li għandha u tkun disponibbli f'bażi tad-data aċċessibbli għall-pubbliku biex tissaħħaħ ir-responsabbiltà u tkun tista' ssir sorveljanza indipendenti, filwaqt li jiġi rrispettat il-qafas legali tal-protezzjoni tad-data tal-Unjoni; huwa mħasseb li, inkella, se jkun problematiku li jitkejjel l-impatt u tiġi garantita l-viżibbiltà tal-fondi tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza għaċ-ċittadini, għalkemm iqis ukoll l-informazzjoni kollha ppubblikata fit-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u l-mappa tal-proġett; jenfasizza li, jekk il-Kummissjoni tkompli tirrifjuta li tiżgura trasparenza sħiħa, il-Parlament jeħtieġlu jikkunsidra l-miżuri kollha disponibbli biex jinforza l-konformità, sabiex jiġi evitat li tiġi applikata interpretazzjoni simili għad-dispożizzjonijiet dwar it-trasparenza f'regolamenti finanzjarji oħra;

251. Ifakkar lill-Kummissjoni li l-ittra u l-ispirtu tar-Regolament dwar il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza iridu jiġu segwiti b'mod strett, u li l-adozzjoni ta' linji gwida jew ta' dokumenti interni oħra trid tkun kompletament f'konformità mar-riżultati tan-negozjati bejn il-koleġiżlaturi; huwa konvint li dan ma kienx il-każ meta l-Kummissjoni

---

[1] Ir-Regolament (UE) 2023/435 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Frar 2023 li jemenda r-Regolament (UE) 2021/241 fir-rigward tal-kapitoli REPowerEU fil-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1303/2013, (UE) 2021/1060 u (UE) 2021/1755, u d-Direttiva 2003/87/KE (ĠU L 63, 28.2.2023, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2023/435/oj).

adottat id-dispożizzjonijiet relatati mal-interpretazzjoni ta’ x’inhu “riċevitur finali” fil-Gwida tagħha dwar l-RRPs fil-kuntest tar-REPowerEU;

252. Jinnota li l-fatt li ma jkunux jistgħu jiġu aċċertati r-riċevituri finali tal-finanzjament tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza joħloq riskju serju għat-trasparenza u t-traċċabbiltà tal-fondi tal-Unjoni u b’hekk għall-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni;

253. Ifakkar li infrastruttura robusta tal-IT hija essenzjali għall-ġbir tad-data, għall-monitoraġġ u għall-evalwazzjoni tal-programm, u li l-awtoritajiet maniġerjali u l-benefiċjarji huma kritiċi tal-livell ta’ informazzjoni meħtieġa u tad-duplikazzjoni ma’ sistemi domestiċi oħra; jinnota li, b’kuntrast mal-Politika ta’ Koeżjoni, il-Qorti fl-ambitu tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza indikat l-istrutturi u l-approċċi differenti użati mill-awtoritajiet nazzjonali ta’ monitoraġġ, li jistgħu jitqiesu bħala anqas affidabbli billi jipprovdu informazzjoni mhux omoġenja u jħallu lok għal għadd potenzjalment għoli ta’ żbalji; jisħaq li, f’dan ir-rigward, is-sistemi interoperabbli ċentralizzati jiffaċilitaw il-ġbir u r-rapportar effiċjenti tad-data, filwaqt li sistemi frammentati jenfasizzaw il-ħtieġa ta’ approċċi simplifikati;

254. Jilqa’ l-fatt li r-“riformulazzjoni tar-RF” tistabbilixxi miżuri orizzontali għal sit web ċentralizzat (Sistema ta’ Trasparenza Finanzjarja) fil-livell tal-Unjoni, li tkopri r-riċevituri kollha tal-finanzjament tal-UE, u jinnota li dan is-sit web għandu jegħleb il-frammentazzjoni attwali, isaħħaħ it-trasparenza u jiffaċilita l-iskrutinju pubbliku tar-riċevituri; jinnota li l-Kummissjoni, mill-QFP li jmiss (jiġifieri wara l-2027) se tkun meħtieġa tuża d-data rilevanti maħżuna fl-għodda għall-estrazzjoni ta’ data u għall-kejl tar-riskju, Arachne, biex tforni s-sit web ċentralizzat għal skopijiet ta’ trasparenza, u li, f’konformità mar-regoli dwar il-protezzjoni tad-data, is-sit web se jinkludi biss data pubblika, eż. data rilevanti dwar ir-riċevituri, il-kuntratturi, is-sottokuntratturi u l-benefiċjarji; jisħaq ukoll li l-Istati Membri kollha se jkollhom l-obbligu li jipprovdu lill-Kummissjoni aċċess għal din id-data, li għandha tiddaħħal f’Arachne b’mezzi awtomatizzati; jesprimi dispjaċir għall-fatt li l-użu ta’ Arachne mill-Istati Membri mhuwiex obbligatorju;

255. Jinnota li l-istadji importanti u l-miri finali tal-RRPs nazzjonali jridu jitlestew sal-31 ta’ Awwissu 2026 skont l-Artikoli 18(4) u 20(5) tar-Regolament; ifakkar fil-ħtieġa li l-Kummissjoni taħdem mill-qrib ma’ kull Stat Membru biex tħaffef l-implimentazzjoni fil-prattika inkluż billi tipprovdi gwida regolari u, fuq talba, assistenza teknika biex tgħin fl-implimentazzjoni tal-pjanijiet; itenni t-tħassib tiegħu dwar il-possibbiltà tat-treġġigħ lura ta’ stadji importanti u miri wara li tintemm il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, u jħeġġeġ lill-Kummissjoni tipprevjeni tali sitwazzjonijiet;

256. Jistieden lill-Kummissjoni tirrifjuta kwalunkwe talba għal reviżjoni

tal-RRPs li tnaqqas l-ambizzjoni ġenerali tal-pjan jew li telimina riformi strutturali importanti mill-RRPs, u li tagħti prijorità lit-tlestija ta' miżuri relatati mas-CSRs fl-RRPs; jistieden ukoll lill-Kummissjoni żżid l-assistenza teknika tagħha lill-Istati Membri li għadhom lura fl-implimentazzjoni tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza;

Rakkomandazzjonijiet

257. Jistieden lill-Kummissjoni taġixxi fuq ir-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti mir-Rapport Annwali tagħha kif ukoll fuq dawk tar-rapporti speċjali relatati tagħha, u jilqa' l-fatt li l-Kummissjoni taċċetta l-maġġoranza l-kbira tagħhom; jistieden lill-Kummissjoni timplimentahom u żżomm lill-awtorità ta' kwittanza infurmata dwar il-progress tal-implimentazzjoni;

258. Jistieden lill-Kummissjoni tagħti aċċess sħiħ lill-Qorti għall-għodda l-ġdida ta' rapportar dwar il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, FENIX malajr kemm jista' jkun;

259. Jistieden, barra minn hekk, lill-Kummissjoni:

(i) issib bilanċ bejn ir-rekwiżiti ta' awditjar u kontroll, u l-piż amministrattiv fuq l-Istati Membri u l-benefiċjarji ta' strumenti futuri bbażati fuq il-prestazzjoni, filwaqt li żżomm livell suffiċjenti ta' kontroll u awditjar biex tiżgura protezzjoni tajba tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni;

(ii) tissorvelja mill-qrib l-issodisfar kontinwu tal-istadji importanti u l-miri, b'mod partikolari dawk relatati mal-awditjar, mal-monitoraġġ u mal-kontroll u tiżgura monitoraġġ adegwat ta' kwalunkwe treġġigħ lura potenzjali ta' stadji importanti u miri li jkunu tlestew qabel;

(iii) tuża r-riżultati tal-kontrolli tagħha fuq is-sistemi ta' kontroll tal-Istati Membri biex tesprimi konklużjoni ċara dwar l-effettività tagħhom u tieħu kull miżura xierqa;

(iv) tistabbilixxi punt uniku ta' kuntatt għall-Istati Membri dwar id-Dikjarazzjoni ta' Aċċertament fil-Kummissjoni li l-Qorti jista' jkollha aċċess għalih mingħajr ma jkun hemm piż akbar fuq l-Istati Membri b'talbiet għal provi addizzjonali;

(v) tirreġistra u timmonitorja b'mod sistematiku l-irregolaritajiet kollha u l-frodi kollha li jaffettwaw il-fondi tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza;

(vi) tapplika b'mod konsistenti u preċiż id-dispożizzjonijiet relatati mar-"riċevituri finali", tar-Regolament dwar il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, billi tirrevedi l-Gwida tagħha dwar l-RRPs fil-kuntest tar-REPowerEU, u tikkomunika mal-Istati Membri dwar l-applikazzjoni korretta tad-definizzjoni ta'

“riċevituri finali”; jistieden lill-Kummissjoni tressaq proposti li jirrikjedu li l-Istati Membri jippubblikaw id-dettalji tar-riċevituri finali kollha;

(vii) tissimplifika l-kontroll tagħha fuq l-istadji importanti u l-miri permezz tal-implimentazzjoni ta’ approċċ ta’ Awditu Uniku, li jippermetti t-tnaqqis tal-piż amministrattiv, il-konsolidazzjoni tar-responsabbiltajiet tal-awditjar bejn il-Kummissjoni u l-Qorti, il-koordinazzjoni ta’ skedi ta’ żmien u rekwiżiti tal-awditjar biex tiġi evitata d-duplikazzjoni tal-kontrolli u tal-awditi, filwaqt li tiġi żgurata l-protezzjoni sħiħa tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni;

(viii) tappoġġja lill-Istati Membri biex jagħmlu s-sistemi tal-IT verament interoperabbli, sabiex jiġu ffaċilitati l-ġbir, ir-rapportar u l-iskambju effiċjenti tad-data bejn diversi aġenziji u dipartimenti tal-gvern ħalli jkunu jistgħu jiġi mminimizzati r-riskji ta’ finanzjament doppju, issir kontroverifika attiva bejn il-bażijiet ta’ data rilevanti, u ssir komunikazzjoni mal-Istati Membri dwar il-kapaċitajiet amministrattivi tagħhom biex jiġi żgurat li ma jseħħx finanzjament doppju; jinnota f’dan ir-rigward, l-eżempji pożittivi pprovduti fil-Konferenza tal-Qorti dwar it-Trasparenza u t-Traċċabbiltà tal-Finanzjament tal-UE għall-Irkupru u r-Reżiljenza f’Ottubru 2024;

(ix) taħdem mill-qrib mal-Istati Membri biex tiżgura li l-istadji importanti u l-miri, b’mod partikolari dawk ta’ natura strutturali jew marbuta mas-CSRs, jiġu implimentati bis-sħiħ u b’diliġenza, u li l-ebda reviżjoni tal-RRPs ma tiġi approvata f’każijiet fejn l-ambizzjoni tkun tnaqqset jew ikunu ddgħajfu miżuri importanti; tevita, sa fejn ikun possibbli, ir-reviżjoni tal-pjanijiet li jirrappreżentaw “ripakkettar” tal-miżuri ppjanati fl-RRPs jekk ma jirrispettawx il-kundizzjonijiet tar-Regolament dwar il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza;

(x) tapplika b’mod strett id-dispożizzjonijiet tar-Regolament dwar il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, inklużi dawk dwar is-sospensjoni tal-pagamenti jew l-irkupri tal-ammonti, b’mod partikolari jekk ma tiġix żgurata l-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni;

(xi) tapplika b’mod strett ħafna l-metodoloġija dwar il-pagamenti parzjali, inkluż fir-rigward ta’ miżuri strutturali u miżuri marbuta mal-implimentazzjoni tas-CSRs;

(xii) tiżviluppa metodoloġija bbażata fuq il-kwalità u l-komparabbiltà tad-data biex jiġi evalwat il-progress fit-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, kif ukoll il-benefiċċji tanġibbli, fl-Istati Membri;

(xiii) tiżgura li l-Istati Membri japplikaw b’mod diliġenti d-

dispożizzjonijiet dwar il-viżibbiltà tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, filwaqt li tiżgura li l-miżuri implimentati permezz tal-Faċilità jiġu indikati b'mod adegwat bħala ffinanzjati mill-Unjoni;

(xiv) tipprovdi assistenza teknika, appoġġ amministrattiv u pariri lill-Istati Membri biex isaħħu l-kapaċità amministrattiva tagħhom, inkluż permezz tal-organizzazzjoni ta' laqgħat regolari tal-Grupp ta' Esperti Informali dwar l-implimentazzjoni tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza ħalli jiġu diskussi aspetti tekniċi u jiġi mħeġġeġ l-iskambju ta' prattiki tajbin bejn l-awtoritajiet nazzjonali;

(xv) twettaq, kull meta tiġi proposta reviżjoni tal-RRPs, analiżi komprensiva ta' miżuri ġodda u eżistenti u jekk dawn jissostitwixxux in-nefqa baġitarja rikorrenti jew ikunux qed jiksru kundizzjonijiet oħra ta' eliġibbiltà tal-RRPs;

(xvi) tipprovdi taħriġ u appoġġ lill-Istati Membri biex iżidu l-kapaċitajiet amministrattivi inkluż taħriġ dwar għarfien, ħiliet speċjalizzati u l-għoti ta' eżempji tal-aħjar prattiki;

(xvii) tkompli taħdem mal-Qorti sabiex tarmonizza kemm jista' jkun l-interpretazzjoni tal-istadji importanti u l-miri;

(xviii) tuża r-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti mill-ħidma tagħha dwar il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u l-esperjenza miksuba fl-implimentazzjoni għat-tfassil tal-istruttura tal-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss inkluża l-implimentazzjoni ta' strumenti futuri bbażati fuq il-prestazzjoni tal-Unjoni;

(xix) issaħħaħ it-tfassil ta' strumenti futuri bbażati fuq il-prestazzjoni billi tiżgura rabta aktar mill-qrib bejn l-iżborżi u l-progress fl-implimentazzjoni;

(xx) tiżgura li kwalunkwe reviżjoni futura, kif ukoll l-implimentazzjoni ġenerali, tal-RRPs issir f'kooperazzjoni u f'konsultazzjoni mill-qrib mal-awtoritajiet lokali u reġjonali u partijiet ikkonċernati rilevanti oħra sabiex jiġi massimizzat l-impatt tal-RRP;

(xxi) tanalizza d-dgħufijiet preżenti fl-istrumenti bbażati fuq il-prestazzjoni, u tindirizza dawn id-dgħufijiet fit-tfassil ta' programmi ġodda fil-futur;

(xxii) tibni, fil-QFP li jmiss, fuq livell għoli ta' interoperabbiltà u skambju tad-data bejn diversi dipartimenti u aġenziji tal-gvern biex tiffaċilita l-kondiviżjoni effiċjenti tad-data u l-aġġornamenti f'ħin reali f'bosta pjattaformi sabiex tippermetti li jiġu segwiti proġetti li jikkoinċidu, filwaqt li timminimizza r-riskji ta' għadd doppju u finanzjament doppju.